# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 365.15

## REGOLAMENTI DWAR IS-SIGURTÀ NUKLEARI U L-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI

21 ta' Ġunju, 2003

*L-AVVIŻ LEGALI 156 ta' l-2002, kif emendat bl-Avviż Legali 173 ta' l-2004.*

ARRANĠAMENT TAR-REGOLAMENTI


| | | Regolamenti |
|---|---|---|
| Taqsima I | Disposizzjonijiet Ġenerali | 1 - 4 |
| Taqsima II | Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari | 5 - 8 |
| Taqsima III | Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni | 9 - 16 |
| Taqsima IV | Notifika u Awtorizzazzjoni | 17 - 19 |
| Taqsima V | Ġustifikazzjoni, Ottimizzazzjoni u Limitazzjoni tad-Doża għall-Prattiki | 20 - 24 |
| Taqsima VI | Stima tad-Doża Effettiva u Prinċipji tal-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Operazzjonali | 25 - 27 |
| Taqsima VII | Klassifikazzjoni tal-Ħaddiema, Apprendisti u Studenti Esposti | 28 - 30 |
| Taqsima VIII | Miżuri għar-Restrizzjoni ta' l-Espożizzjoni | 31 - 36 |
| Taqsima IX | Monitoraġġ fuq il-Post tax-Xogħol | 37 - 41 |
| Taqsima X | Dmirijiet ta' Persuni, fejn jidħlu Prattiċi, Attivitajiet ta' Xogħol u Sorsi | 42 |
| Taqsima XI | Sorveljanza Medika tal-Ħaddiema Esposti | 43 - 46 |
| Taqsima XII | Żieda Sinifikanti fl-Espożizzjoni minħabba Sorsi ta' Radjazzjoni Naturali | 47 - 48 |
| Taqsima XIII | Implimentazzjoni tal-Protezzjoni mir-Radjazzjoni għall-Popolazzjoni f'Ċirkostanzi Normali | 49 - 52 |
| Taqsima XIV | Intervent | 53 - 59 |
| Taqsima XV | Arranġamenti għall-Kontroll ta' Sustanzi, Artikoli u Tagħmir Radjoattiv | 60 - 66 |
| Taqsima XVI | Infurzar | 67 |


SKEDI


| | |
|---|---|
| L-Ewwel Skeda | Dettalji li għandhom jingħataw f'Notifika taħt ir-regolament 17 |
| It-Tieni Skeda | Kwantitajiet u Konċentrazzjonijiet ta' Radjonuklidi |
| It-Tielet Skeda | Limiti tad-Doża għal Klassijiet ta' Persuni Differenti |
| | Taqsima 1 - Limiti tad-doża għall-apprendisti u studenti |
| | Taqsima 2 - Limiti tad-doża għall-ħaddiema esposti |
| | Taqsima 3 - Nisa ta' kapaċità riproduttiva |
| | Taqsima 4 - Persuni oħra |
| Ir-Raba' Skeda | Dettalji li għandhom jitniżżlu fir-Reġistru tar-Radjazzjoni |
| Il-Ħames Skeda | Dettalji li għandhom jinżammu f'*Record* tas-Saħħa |
| Is-Sitt Skeda | Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari |

| | |
|---|---|
| | Anness I - Livelli ta' Protezzjoni Fiżika li għandha tiġi applikata fit-Trasport Internazzjonali ta' Materjali Nukleari kif kategorizzati fl-Anness II |
| | Anness II - Kategorizzazzjoni ta' Materjal Nukleari |
| Is-Seba' Skeda | Protezzjoni ta' Ħaddiema li jkunu qegħdin jagħmlu Intervent |

TAQSIMA I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni. Titolu.

**2.** (1) L-iskop ta' dawn ir-Regolamenti huwa li - Skop.

(i) jippermettu użu ta' benefiċċju u ġustifika ta' radjazzjoni ionizzanti;

(ii) jipprovdu protezzjoni adegwata lil nies fil-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri kontra l-effetti ħżiena tar-radjazzjoni ionizzanti u għas-sigurtà ta' sorsi tar-radjazzjoni;

(iii) jipprovdu protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari;

(iv) jipprovdu mekkaniżmu li bih jintlaħqu dawn l-għanijiet permezz tat-twaqqif ta' Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni sabiex jaġixxi bħala l-awtorità nazzjonali kompetenti, billi jikkoordina l-attivitajiet ta' l-awtoritajiet regolatorji fil-qasam tas-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jkunx jeħtieġ xort'oħra - Tifsir. *Emendat: A.L. 173 ta' l-2004.*

"aċċeleratur" tfisser apparat jew stallazzjoni, li fiha l-partiċelli jkunu aċċelerati, li jitfgħu radjazzjoni ionizzanti b'enerġija ogħla minn 1 *mega-electron volt* (MeV);

"apprendist" tfisser persuna li tirċievi taħriġ jew istruzzjoni fi ħdan impriża bl-iskop li teżerċita sengħa partikolari;

"approvat" tfisser approvat għal dak iż-żmien bil-miktub għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti mill-Bord u ppublikat fil-forma kif il-Bord jew l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol jikkunsidraw xieraq;

"assorbiment" tfisser il-proċess ta' teħid ta' radjonuklidi fil-ġisem bin-nifs jew bl-inġestjoni jew mill-ġilda;

"Att" tfisser l-Att dwar il-Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali; Kap. 365.

"attività"(A) tfisser l-attività, A, ta' ammont ta' radjonuklidu fi stat ta' enerġija partikolari fi żmien partikolari u hija l-kwozjent ta' dN b'dt, fejn dN hija l-valur aspettat tan-numru ta' transizzjonijiet nukleari spontanji minn dak l-istat ta' enerġija fl-intervall ta' ħin dt

$$A=dN/dt$$

L-unità tal-attività hija l-*becyuerel*;

"attivazzjoni" tfisser il-proċess li permezz tiegħu nuklida stabbli tiġi trasformata f'radjonuklida bl-irradjazzjoni ta' partiċelli jew raġġi gamma ta' enerġija għolja;

"attivitajiet minn ħaddiem barrani" tfisser kull servizz mogħti minn ħaddiem barrani f'post ikkontrollat u li għalih ikun responsabbli min iħaddem nies f'xogħol ta' radjazzjoni;

"attività ta' xogħol" tfisser sekwenza ta' azzjonijiet umani li jinvolvu radjonuklidi naturali, li ma humiex intiżi li jiġu pproċessati jew li dawn ir radjonuklidi jiġu estratti minħabba l-proprjetà radjoattiva, fissila jew fertili li għandhom;

"awtorità regolatorja" tfisser il-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, imwaqqaf konġuntamcnt min-numru ta' aġenziji msemmija hawn taħt, li jeżerċitaw il-funzjonijict regolatorji rispettivi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni permezz tal-Bord:

Kap. 424.
(1) l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fejn tidħol il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-espożizzjoni għal sorsi ta' radjazzjoni fuq ix-xogħol;

Kap. 435.
(2) id-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Ambjent jew awtorità kompetenti oħra kif imwaqqfa permezz ta' l-artikolu 6 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent, fejn tidħol il-protezzjoni ta' l-ambjent minn sorsi ta' radjazzjoni;

Kap. 94.
(3) is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika skond l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-popolazzjoni in ġenerali minn sorsi ta' radjazzjoni;

Kap. 411
(4) id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili imwaqqaf bl-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili fejn tidħol il-preparazzjoni u r-rispons għal emerġenzi ċivili;

(5) kull awtorità oħra li, fl-opinjoni tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bord, jista' jkollha funzjoni regolatorja fil-qasam tar-radjazzjoni ionizzanti;

(5) kull awtorità oħra li l-Ministri responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-protezzjoni ċivili, is-saħħa jew l-ambjent jistgħu minn żmien għall-ieħor, jassenjaw xi waħda mir-responsabbiltajiet ta' l-aġenziji ħawn fuq imsemmija taħt dawn ir-regolamenti:

Sakemm il-Prim Ministru joħroġ avviż ta' assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet bħal din fil-Gazzetta;

"awtorizzazzjoni" tfisser permess mogħti f'dokument mill-Bord fuq applikazzjoni, jew mogħti permezz ta' leġislazzjoni nazzjonali, sabiex titwettaq prattika jew kwalunkwe azzjoni oħra fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti. L-awtorizzazzjoni tista' tkun f'forma ta' reġistrazzjoni jew liċenza:

"*Becguerel*" (Bq): l-isem speċjali ta' l-unità ta' attività. *Becguerel* wieħed huwa ekwivalenti għal transizzjoni waħda fis-sekonda;

"detriment għas-saħħa" tfisser stima tar-riskju tat-tnaqqis fit-tul u l-kwalità tal-ħajja li jitfaċċa f'popolazzjoni wara espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti. Dan jinkludi telf li jirriżulta mill-effetti somatiċi, kanċer u disturb ġenetiku kbir;

"Bord ta' l-Appelli" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol; Kap. 424.

"Bord" tfisser il-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni;

"doża assorbita" (D) tfisser l-enerġija assorbita għal kull massa ta' unità

$$D = d\varepsilon/dm$$

fejn dε hija l-enerġija medja mwasala bir-radjazzjoni ionizzanti fil-materja f'element ta' volum; dm hija l-massa tal-materja il-volum ta'dan l-element.

F'dawn ir-regolamenti, doża assorbita tiddenota d-doża medja fuq organu jew *tissue*. L-unità għal doża assorbita hija l-*gray*;

"doża effettiva kommessa" tfisser il-kwantità $E(\tau)$ definita bħala

$$E(\tau) = \sum_T w_T . H_T(\tau) = \sum_J h(g)_{j,ing}\, J_{j,ing} + \sum_J h(g)_{j,inh}\, J_{j,inh}$$

fejn HT($\tau$) hija d-doża ekwivalenti kommessa għal *tissue* T fuq il-ħin ta' integrazzjoni τ, u $w_T$ huwa l-fattur tal-*weighting* ta' *tissues* xieraq. Meta τ ma jkunx speċifikat, dan jittieħed bħala 50 sena għall-adulti u bħala 70 sena għat-tfal. L-unità għal doża effettiva kommessa hija s-*sievert*. Id-doża effettiva kommessa tista tiġi assessjata billi tintuża d-doża effettiva kommessa għal kull unità assorbita minn inġestjoni $(h(g)_{j,ing})$ jew minn nifs $(h(g)_{j,inh})$ ta' radjonuklidu j [Sv/Bq] minn individwu ta'grupp ta' età g; $J_{j,ing}$ u $J_{j,inh}$ huma l-assorbimenti rilevanti minn ingestjoni jew minn nifs tar-radjonuklidu j [Bq] rispettivament;

"doża effettiva" tfisser il-kwantita E, definita bħala s-somma tad-dożi ekwivalenti ta' *tissue*, kull waħda moltiplikata bil-fattur tal-*weighting* ta' *tissue* xieraq

$$E = \sum_T w_T . H_T$$

fejn $H_T$ hija d-doża ekwivalenti ta' *tissue* T u $w_T$ huwa l-fattur tal-*weighting* ta' *tissue* għal *tissue* T. Mid-definizzjoni tad-doża ekwivalenti, isegwi li:

$$E = \sum_T w_T . \sum_R w_R . D_{T.R}$$

fejn $w_R$ huwa l-fattur tal-*weighting* tar-radjazzjoni għar-radjazzjoni R u $D_{T.R}$ hija d-doża medja assorbita fl-organu jew *tissue* T. L-unità tad-doża effettiva hija s-*sievert* (Sv). Meta jigu kkunsidrati l-metodi differenti ta' kif tasal l-espożizzjoni, id-doża effettiva tista tkun tikkonsisti f'espożizzjoni esterna u d-doża effettiva kommessa:

$$E = E_{ext} + E(\tau)$$

fejn $E_{cxt}$ hija d-doża esterna;

"doża ekwivalenti kommessa" tfisser il-kwantità $H_{T.R}$ definita

bħala:

$$H_T(\tau) = \int_{t_0}^{t_0+\tau} H_T(t)dt$$

fejn $t_0$ huwa l-ħin ta' l-assorbiment, $H_T(t)$ hija r-rata tad-doża ekwivalenti fil-ħin t f'organu jew *tissues* T u $\tau$ huwa l-ħin li jgħaddi wara assorbiment ta' sustanzi radjoattivi. Meta $\tau$ ma jkunx speċifikat, dan jittieħed bħala 50 sena għall-adulti u bħala 70 sena għat-tfal. L-unità għal doża ekwivalenti kommessa hija s-*sievert*;

"doża ekwivalenti" tfisser il-kwantità $H_{T.R}$ definita bħala:

$$H_{T.R} = D_{T.R}.w_R$$

fejn $D_{T.R}$ hija d-doża assorbita kkonsenjata ta' radjazzjoni tat-tip R meħuda bħala medja fuq *tissue* jew organu T u $w_R$ huwa l-fattur tat-toqol tar-radjazzjoni għal radjazzjoni tat-tip R.

Meta l-firxa tar-radjazzjoni tkun komposta minn tipi ta' radjazzjoni differenti b'valuri diffcrenti ta' $w_R$ id-doża ekwivalenti hija

$$H_T = \sum_R w_R . D_{T.R}$$

L-unità tad-doża ekwivalenti hija J/kg, imsejjħa *sievert* (Sv);

"doża ffrankata" tfisser id-doża evitata permezz ta' azzjoni protettiva, jiġifieri, id-differenza bejn id-doża li għandha tkun mistennija ma' l-azzjoni protettiva u dik li għandha tkun mistennija mingħajrha;

"doża" tfisser, fejn għandha x'taqsam ir-radjazzjoni ionizzanti, kwalunkwe kwantità jew somma ta' kwantitajiet ta' doża imsemmija fit-Tielet Skeda;

"effett *deterministic*" huwa effett mir-radjazzjoni li għalih teżisti livell ta' doża stabbilit u li l-fuq minn dan il-livell, l-effetti jiżdiedu mad-doża;

"effetti *stochastic*" minn radjazzjoni huma effetti radjoattivi li ġeneralment jidhru mingħajr livell ffissat ta' doża, u li l-probabilità li jidhru hija proporzjonali mad-doża, filwaqt li l-gravità ma tiddependix mid-doża;

"l-ekwivalenti għad-doża ta' l-ambjent" tfisser il-kwantità H*(d) f'punt fil-firxa tar-radjazzjoni, definit bħala d-doża ekwivalenti li tkun prodotta mill-arja alinejata u mifruxa korrispondenti fl-isfera KIUR f'fond d fuq ir-raġġ oppost tad-direzzjoni ta' l-arja allineata. Il-fond d=10 mm huwa rrakkomandat għal radjazzjoni li tippenetra bis-saħħa;

"emerġenza radjoloġika" tfisser sitwazzjoni li tirrikjedi azzjoni urġenti sabiex tipproteġi lill-ħaddiema, membri tal-pubbliku jew il-popolazzjoni kemm jekk parzjalment u kemm jekk in ġenerali;

"esenzjoni" (mill-kontroll regolatorju inklużi dawk ta' notifikazzjoni, registrazzjoni u liċenzjar) tirreferi għall-prattiki jew

attivitajiet ta' xogħol u sorsi minn prattiki ġustifikati, li l-Bord ikun sodisfatt li s-sorsi ikun jobdu l-kriterji ta' esenzjoni speċifikati fir=regolament 18 jew sorsi oħrajn li jissodisfaw livelli ta' esenzjoni oħrajn determinati mill-Bord;

"esklużjoni" tfisser il-proċess li bih il-Bord iqis li d-daqs jew il-possibilità ta' espożizzjoni m'humicx essenzjalmcnt responsabbli għall-kontroll u huma għaldaqstant esklużi mill-kontroll regolatorju;

"espert kwalifikat" tfisser persuna li jkollha l-għarfien u t-taħriġ meħtieġ sabiex twettaq testijiet fiżiċi, tekniċi jcw radjokemikali li jippermettu li d-dożi jkunu evalwati, u li tagħti parir sabiex tiżgura l-protezzjoni effettiva ta' l-individwi u l-operat korrett tat-tagħmir protettiv, u li l-kapaċità tagħha li taġixxi bħala espert kwalifikat hija rikonoxxuta mill-Bord. Espert kwalifikat jista' jiġi assenjat bir-responsabbiltà teknika għax-xogħol ta' protezzjoni mir-radjazzjoni tal-ħaddiema u l-membri tal-pubbliku;

"espożizzjoni aċċidentali" tfisser espożizzjoni ta' individwi riżultat ta' inċident. Ma tinkludix espożizzjoni ta' emerġenza;

"espożizzjoni ta' emerġenza" tfisser espożizzjoni ta' individwi li jimplimentaw l-azzjoni rapida neċessarja sabiex jiksbu għajnuna għal individwi fil-periklu, jipprevenu l-espożizzjoni ta' numru kbir ta' nies jew isalvaw stallazzjoni jew oġġetti ta' valur li biha jista' jinqabeż wieħed mil-limiti ta' doża individwali daqs dak stipulat għal ħaddiema esposti. Espożizzjoni ta' emerġenza għandha tapplika biss għal voluntiera;

"espożizzjoni normali" tfisser espożizzjoni mistennija li tittieħed taħt il-kondizzjonijiet normali ta' xogħol ta' stallazzjoni jew sors radjoattiv, li tinkludi wkoll inċidenti żgħar li jistgħu jibqgħu taħt kontroll;

"espożizzjoni medika" tfisser espożizzjoni minn -

(*a*) pazjenti bħala parti mid-dijanjosi jew trattament medika jew dentali tagħhom stess;

(*b*) persuni li bl-għarfien u minn jeddhom jgħinu (barra dawk esposti fuq il-post tax-xogħol), b'appoġġ u komfort ta' pazjenti li jgħaddu minn dijanjosi u trattament mcdiku; u

(*ċ*) voluntiera fi programm ta' riċerka bijomedika li jinvolvi l-espożizzjoni tagħhom;

"espożizzjoni potenzjali" tfisser espożizzjoni, li ma tkunx mistennija li tiġi kkonsenjata b'ċertezza, bi probabilità ta' okkorrenza li tista' tkun stmata minn qabel, li tista' tirriżulta minn inċident f'sors jew minħabba każ jew sekwenza ta' każi ta' natura probabilistika, inklużi ħsarat fit-tagħmir u żbalji fl-operat;

"espożizzjoni pubblika" tfisser espożizzjoni meħuda minn membri tal-pubbliku minn sorsi radjoattivi, eskluża kwalunkwe espożizzjoni waqt xogħol jew kura medika kif ukoll minn radjazzjoni li ġejja minn postijiet lokali li ma jkunux disturbati, imma tinkludi espożizzjoni minn sorsi awtorizzati, prattiki u minn sitwazzjonijict ta' intervent;

"espożizzjoni ta' waqt ix-xogħol" tfisser l-esposizzjoijiet ta' ħaddiema li jittieħdu waqt ix-xogħol tagħhom, bl-esklużjoni ta' espożizzjonijict esklużi minn dawn ir-regolamenti u espożizzjonijiet meħuda minn prattiki, attivitajiet ta' xogħol jew sorsi esklużi minn dawn ir-regolamenti;

"espożizzjoni" tfisser l-att jew il-kondizzjoni ta' l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ionozzanti. Espożizzjoni tista' tkun jew esterna (irradjazzjoni minn sorsi barra l-ġisem) jew interna (irradjazzjoni minn sorsi fil-ġisem). Espożizzjoni tista' tiġi klassifikata bħala jew espożizzjoni normali jew espożizzjoni potenzjali, jew fuq il-post tax-xogħol, medika jew pubblika u, f'sitwazzjonijiet ta' intervent, jew espożizzjoni ta' emerġenza jew espożizzjoni kronika. It-terminu espożizzjoni jintuża wkoll fid-dożimetrija sabiex jesprimi l-ammont ta' ionizzazzjoni prodott mir-radjazzjoni ionizzanti fl-arja;

"fattur tal-*weighting* tar-radjoattività" ($W_R$) huwa l-fattur mingħajr kejl użat sabiex titkejjel id-doża assorbita minn *tissues* skond il-kwalità tar-radjoattività;

"fattur tal-*weighting* tat-*tissue*" ($W_R$) huwa l-fattur mingħajr kejl użat sabiex titkejjel id-doża ekwivalenti f'*tissue* T:

"*Gray*" (Gy) tfisser l-isem ta' l-unità tad-doża assorbita. *Gray* waħda hija ekwivalenti għal *joule* fil-kilogramm

$1 \text{ Gy} = 1 \text{ J kg}^{-1}$;

"grupp kritikali" tfisser grupp ta' membri mill-pubbliku li jkun raġonevolment omoġenju fejn tidħol l-espożizzjoni tiegħu għal sors ta' radjazzjoni partikolari u l-mod ta' espożizzjoni partikolari u li jkun tipiku ta' individwi li jirċievu l-ogħla doża effettiva jew doża ekwivalenti (kif applikabbli) mill-mod ta' espożizzjoni mis-sors partikolari;

"ħaddiem" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha
Kap. 424. bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"ħaddiem barrani" tfisser persuna tal-kategorija A (inklużi dawk li jitħarrġu, apprendisti jew studenti ta' aktar minn 18-il sena) li jwettqu servizzi fil-post kkontrollat ta' min iħaddem (għajr fi post kkontrollat ta' min iħaddimha stess), kemm jekk impjegata temporanjament, b'mod permanenti, jew bħala persuna li taħdem u għal rasha;

"ħaddiema esposti" tfisser persuni, kemm li jaħdmu għal rashom u kemm li jaħdmu għal min iħaddem, suġġetti għal espożizzjoni fuq ix-xogħol minn prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol koperti b'dawn ir-regolamenti li jistgħu jwasslu għal dożi li jeċċedu wieħed jew l-ieħor minn dawk il-livelli ta' dożi daqs il-limiti ta' doża għall-membri tal-pubbliku;

"ħaddiem fir-radjoattività" huwa kwalunkwe persuna li jaħdem, kemm imjieg fiss, *part-time* u kemm temporanju, għal xi persuna li għandha drittijiet u dmirijiet lejn protezzjoni mir-radjoattività waqt ix-xogħol;

"inċident" tfisser kwalunkwe okkorrenza mhux maħsuba, inklużi

żbalji fl-operat, ħsara fit-tagħmir jew okkorrenzi ħżiena oħra, li l-konsegwenzi jew il-konsegwenzi potenzjali tagħhom mhumiex negliġibbli min-naħa ta' protezzjoni jew sigurtà;

"intervent" tfisser attività umana li tippreveni jew tnaqqas l-espożizzjoni ta' l-individwi għar-radjazzjoni minn sorsi li ma jkunux parti minn prattika jew attività ta' xogħol jew li ma jkunux taħt kontroll, billi taġixxi fuq is-sorsi, kif tasal l-espożizzjoni u l-individwi nfushom;

"kontaminazzjoni radjoattiva" tfisser il-preżenza ta' sustanzi radjoattivi fi kwalunkwe materjal, wiċċ (inkluż kwalunkwe wiċċ tal-ġisem jew ta' l-ilbies) jew fl-ambjent, inklużi likwidi jew gassijiet, jew il-ġisem tal-bniedem fejn dawn ikunu mhux mixtieqa jew jagħmlu l-ħsara. Fil-każ speċifiku tal-ġisem tal-bniedem, din il-kontaminazzjoni radjoattiva tinkludi kemm kontaminazzjoni tal-ġilda esterna u kemm kontaminazzjoni interna, irrispettivament mill-mod ta' assorbiment;

"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari;

"limitazzjoni tad-doża" tfisser restrizzjoni fuq id-dożi prospettivi għall-individwi, li tista' tirriżulta minn sors definit għall-użu fl-istadju ta' l-ippjanar fil-protezzjoni mir-radjazzjoni kull meta tkun involuta ottimizzazzjoni;

"limitu tad-doża" tfisser, fejn għandhom x'jaqsmu persuni ta' klassi speċifika, il-limitu fuq id-doża effettiva jew id-doża ekwivalenti li m'għandhiex tinqabeż;

"livelli permessi" tfisser valuri, stabbiliti mill-Bord, u espressi f'termini ta' konċentrazzjonijiet ta' attività u, jew attività totali, li, daqs jew taħt dawn il-valuri, sustanzi jew materjali radjoattivi li fihom sustanzi radjoattivi li joħorgu minn kwalunkwe prattika suġġetta għall-ħtieġa ta' notifika jew awtorizzazzjoni jistgħu jitneħħewlhom il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti;

"livell ta' intervent" tfisser valur ta' doża ekwivalenti evitata, doża effettiva mwarrba jew valur derivat, li fihom għandhom jiġu kkunsidrati l-livell ta' intervent. Id-doża evitata jew il-valur derivat huma biss dawk assoċjati ma' kif tigi rċevuta l-espożizzjoni li għaliha tkun ser tiġi applikata l-miżura ta' l-intervent;

"materjal nukleari" tfisser plutonju għajr dak b'konċentrazzjoni iżotopika ta' iktar minn 80% fi plutonju-238; uranju-233; uranju mogħni fl-iżotop 235 jew 233; uranju li fih taħlita ta' iżotopi kif jidhru fin-natura għajr dawk fil-forma ta' minerali jew fdal tal-minerali; kwalunkwe materjal li fih wieħed jew iktar minn dawn;

"membru tal-pubbliku" tfisser f'sens ġenerali, kwalunkwe individwu fil-popolazzjoni ħlief, għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta suġġett għal espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol jew medika, u għal skop ta' verifika tal-konformità mal-limitu ta' doża annwali għall-espożizzjoni pubblika, għandha tfisser l-individwu rappreżentattiv fil-grupp kritikali relevanti;

"min iħaddem estern" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali, barra min iħaddem fir-radjazzjoni, u tinkludi membri ta' l-i*staff* ta' min iħaddem, li joffri servizzi ta' kwalunkwe tip f'arja

kkontrollata;

"min iħaddem fir-radjazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bil-kelma "min iħaddem" fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u tinkludi:

Kap. 424.

(*a*) kwalunkwe persuna naturali jew legali li twettaq prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol imsemmija fir-regolament 4 u, għall-iskopijiet tar-regolamenti 17 u 19, tinkludi persuna li taħseb li twettaq dak ix-xogħol u li għandha r-responsabbiltà legali taħt il-liġi nazzjonali għal dik il-prattika jew attivitajiet ta' xogħol, u

(*b*) kull dmir impost b'dawn ir-regolamenti fuq min iħaddem fejn jadħol il-ħaddiem tiegħu għandha testendi għall-persuna li taħdem għal rasha fejn tidħol hi stess:

"Mnistru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Ambjent, għas-Saħħa jew għall-Intern, li jaġixxu flimkien jew separatament kif xieraq;

"miżmuma", fejn ir-referenza hija għall-manutenzjoni ta' impjant, apparat, tagħmir jew faċilitajiet, tfisser miżmuma fi stat effiċjenti, u f'kondizzjoni ta' tiswija u ħidma effiċjenti;

"notifika" tfisser il-ħtieġa li jiġi sottomess dokument lill-Bord sabiex jinnotifika l-intenzjoni li titwettaq prattika, attività ta' xogħol jew azzjoni oħra fi ħdan l-iskop ta' dawn ir-regolamenti;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni u kull enti korporat stabbilit minn jew taħt xi liġi;

"persuna li tikkomforta u tieħu ħsieb" tfisser individwu li (barra milli bħala parti mix-xogħol tiegħu) bl-għarfien u minn jeddu isofri espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti li tirriżulta mill-appoġġ u l-komfort ta' persuna oħra li tkun għaddejja jew li tkun għaddiet minn xi espożizzjoni medika;

"persuna li titħarreġ" tfisser persuna ta' 16-il sena jew aktar (inklużi studenti) li tkun għaddejja minn istruzzjoni jew taħriġ li jinvolvi operazzjonijiet li, fil-każ ta' ħaddiem, ikunu xogħol b'radjazzjoni ionizzanti;

"pjan ta' emerġenza" tfisser is-sett ta' proċedura li għandhom ikunu implimentati fil-każ ta' inċident radjoloġiku. Pjani ta' emerġenza jistgħu jkunu jew fuq il-post, jiġifieri għall-arja kollha taħt il-kontroll ta' min iħaddem fir-radjazzjoni fejn ikun preżenti jew huwa maħsub li jkun hemm sors, jew 'il barra, jiġifieri l-arja lil hinn minn dik taħt il-kontroll ta' min iħaddem fir-radjazzjoni;

"post kkontrollat" tfisser kwalunkwe post li fih jinħtieġ jew jista' jinħtieġ miżuri ta' protezzjoni u disposizzjonijiet ta' sigurtà għall-kontroll ta' espożizzjonijiet normali jew għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-kontaminazzjoni waqt kondizzjoniijct tax-xogħol normali u għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni ta' l-espożizzjonijiet potenzjali, u li l-aċċess għaliha huwa kkontrollat;

"post sorveljat" tfisser post suġġett għal sorveljanza xierqa għall-iskop ta' protezzjoni kontra r-radjazzjoni ionizzanti u li ġie magħżul minn min iħaddem skond ir-regolament 35;

"prattikant mediku approvat" tfisser prattikant mediku responsabbli għas-sorveljanza medika ta' ħaddiema tal-kategorija A, kif definiti fir-regolament 43(1), li l-kapaċità tiegħu li jaġixxi f'dan ir-rigward tkun rikonoxxuta mill-Bord;

"prattika" tfisser kwalunkwe attività umana li tista' żżid l-espożizzjoni ta' individiwi għal radjazzjoni minn sors artifiċjali, jew li testendi l-espożizzjoni, jew li żżid il-possibilità lil nies addizzjonali minn sors ta' radjazzjoni naturali fejn ir-radjonuklidi naturali jkunu pproċessati għall-karatteristiċi radjoattivi, fissili jew fertili tagħhom, ħlief fil-każ ta' espożizzjoni ta' emerġenza;

"radjazzjoni ionizzanti" tfisser it-trasferiment ta' l-enerġija fil-forma ta' partiċelli jew mewġ elettromanjetiku ta' tul (*wavelength*) ta' 100 nanometri jew inqas jew ta' frekwenza ta' $3x10^{15}$ Hertz jew iktar li kapaċi jipproduċi pari ta' *ion* f'materjal bijoloġiku;

"reġistru tar-radjazzjoni" tfisser -

(*a*) fil-każ ta' ħaddiem impjegat minn min iħaddem f'Malta reġistru approvat mill-Bord għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti;

(*b*) fil-każ t'' ħaddiem barrani impjegat minn min iħaddem fi Stat membru ta' l-UE, reġistru awtorizzat mill-awtorità kompctenti għal dak l-Istat membru, skond il-każ;

"ir-Reġistratur Ġenerali" għandu jkollħa l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; Kap. 234.

"regoli lokali" tfisser regoli magħmula skond ir-regolament 36;

"*record* tas-saħħa" tfisser, fejn ikollu x'jaqsam ħaddiem, ir-*record* ta' sorveljanza medika ta' dak il-ħaddiem miżmuma minn min iħaddem skond ir-regolament 43;

"rimi" tfisser it-tpoġġija tal-fdal f'kontenitur, jew post partikolari, mingħajr l-intenzjoni li jerġa' jinġabar. Ir-rimi jkopri wkoll rimi dirett approvat ta' fdalijiet fl-ambjent, li sussegwentement jispiċċaw;

"sena kalendarja" tfidsser perjodu ta' 12-il xahar kalendarju li tibda bl-1 ta' Jannar;

"servizz tad-dożimetrija approvat" tfisser korp responsabbli għall-kalibrazzjoni, qari jew interpretazzjoni ta' mezzi ta' monitoraġġ individwali, jew għall-kejl tar-radjoattività fil-ġisem uman jew f'kampjuni bijoloġiċi, jew għall-evalwazzjoni tad-dożi, li l-kapaċità tiegħu li jaġixxi f'dan ir-rigward tkun rikonoxxuta mill-Bord;

"servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat" tfisser korp jew korpi li lilhom tista' tiġi assenjata responsabbiltà għall-protezzjoni mir-radjazzjoni ta' ħaddiema esposti u/jew sorveljanza medika ta' ħaddiema tal-kategorija A u li l-kapaċità tagħhom li jaġixxu f'dak ir-rigward tkun rikonoxxuta mill-Bord;

"*Sievert*" tfisser l-isem ta' l-unità tad-doża ekwivalenti jew effettiva. *Sievert* waħda ekwivalenti għal *joule* fil-kilogramm

1 Sv = 1 J $kg^{-1}$;

"skart radjoattiv" tfisser materjal ta' kull forma fiżika, li jifdal minn prattiki, attivitajiet ta' xogħol jew interventi, li ma jkunx jidher li jibqa użu għalih fil-preżent u li (i) fih jew jinkludi sustanzi radjoattivi b'attività jew konċentrat ta' attività għola mill-livell relevanti ta' eżenzjoni minn kontroll regolatorju, u (ii) espożizzjoni minnu ma tkunx eskluża minn dawn ir-regolamenti;

"sorsi artifiċjali" tfisser sorsi ta' radjazzjoni li mhumiex sorsi ta' radjazzjoni naturali;

"sorsi ta' radjazzjoni naturali" tfisser sorsi ta' radjazzjoni ionizzanti minn oriġini naturali, terrestri jew kożmiċi;

"sors" tfisser apparat, sustanza radjoattiva jew stallazzjoni li kapaċi titfa' radjazzjoni ionizzanti jew sustanzi radjoattivi;

"sors issiġillat" tfisser sors li fih xi sustanza radjoattiva li tkun issiġillata b'mod permanenti f'kapsula jew marbuta sew u f'forma solida u li l-kapsula jew il-materjal tagħha jkun b'saħħtu biżżejjed sabiex iżomm it-tnixxija taħt il-kondizzjonijict ta' l-użu li għalihom is-sors ikun magħmul kif ukoll f'każi ta' okkorrenzi mhux mixtieqa prevedibbli;

"sustanza radjoattiva" tfisser kwalunkwe sustanza li fiha radjonuklia waħda jew aktar, li l-attività jew il-konċentrazzjoni tagħha, ma tistax ma tiġix meqjusa sa fejn tikkonċerna l-protezzjoni mir-radjazzjoni;

"trasport internazzjonali nukleari" tfisser il-ġarr ta' konsenja ta' materjal nukleari bi kwalunkwe mezz ta' trasport maħsuba li tmur lil hinn mit-territorju ta' l-Istat li minnu jorigina l-imbarkar li jibda bit-tluq minn faċilità ta' min jittrasporta f'dak l-Istat u jispiċċa bil-wasla fil-faċilità ta' min jirċievi fl-Istat tad-destinazzjoni finali;

"trasport" tfisser, fejn tidħol sustanza radjoattiva, il-ġarr ta' dik is-sustanza fit-triq jew f'post pubbliku ieħor (kemm jekk fuq mezz ta' trasport u kemm jekk le), jew bil-ferrovija, f'kanali interni, bil-baħar jew bl-ajru u, fil-każ ta' trasport b'mezz ta' trasport, is-sustanza għandha titqies li tkun trasportata miż-żmien li fih ġiet mgħobbija fuq il-mezz ta' trasport għall-iskop tat-trasportazzjoni sakemm tinħatt minn fuq dak il-mezz, iżda s-sustanza m'għandhiex titqies li ġiet trasportata jekk -

(*a*) tkun trasportata permezz ta' kanen jew mezzi simili, jew

(*b*) tifforma parti integrali minn vettura u tintuża in konnessjoni ma' l-operat tal-vettura;

"uranju mogħni fl-iżotop 235 jew 233" tfisser uranju li fih l-iżotop 235 jew 233 jew it-tnejn f'ammont li l-proporzjon ta' l-abbundanza tas-somma ta' dawn l-iżotopi ma' l-iżotop 238 ikun ikbar mill-proporzjon ta' l-iżotop 235 ma' l-iżotop 238 li jidher fin-natura;

"vapur Malti" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; Kap. 234.

"xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u għandha tinkludi kull istruzzjoni jew taħriġ li persuna tgħaddi meta tkun qegħda titħarreġ u t-tifsira ta' "fuq ix-xogħol" għandha tinftiehem b'dan il-mod. Kap. 424.

Applikazzjoni.

**4.** (1) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal prattiki u attivitajiet ta' xogħol li jinvolvu riskju ta' radjazzjoni ionizzanti minn sors artifiċjali jew minn sors ta' radjazzjoni naturali f'każi fejn radjonuklidi naturali jkunu proċessati jew ikunu ġew proċessati minħabba l-karatteristiċi radjoattivi, fissili jew fertili tagħhom, jiġifieri:

(*a*) il-produzzjoni, proċessar, maniġġ, użu, żamma, ħażna, trasport, provvista, importazzjoni u esportazzjoni lejn u minn Malta, transitu mit-territorju Malti u r-rimi ta' sustanzi radjoattivi;

(*b*) l-operat ta' kwalunkwe tagħmir elettriku li jitfa' r-radjazzjoni ionizzanti u li fih komponenti li joperaw f'differenza potenzjali ta' iktar minn 5kV;

(*ċ*) waqfien ta' prattika jew attività ta' xogħol li tkun tinvolvi sustanzi radjoattivi jew apparat li jipproduċi radjazzjoni u li huma wzati għal finijit industrijali, mediċi, agrikoli, riċerka u edukattivi; u

(*d*) kwalunkwe prattika oħra speċifikata mill-Bord minn żmien għal żmien.

(2) Skond it-Taqsima II, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal materjal nukleari użat għal skopijiet paċifiċi waqt it-trasport internazzjonali nukleari, u kif applikabbli għall-użu, ħażna u trasport domestiku.

(3) Skond it-Taqsima XII, dawn għandhom japplikaw ukoll għal attivitajiet ta' xogħol li mhumiex koperti bis-subregolament (1) iżda li jinvolvu l-preżenza ta' sorsi ta' radjazzjoni naturali u li jwasslu għal żieda sinifikanti fl-espożizzjoni tal-ħaddiema jew tal-membri tal-pubbliku li ma jistgħux jitħallew barra mil-lata ta' protezzjoni mir-radjazzjoni.

(4) Skond it-Taqsima XIV għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe intervent f'każi ta' emerġenzi radjoloġiċi jew f'każi ta' espożizzjoni dewwiema li tirriżulta mill-effetti ta' wara emerġenza radjoloġika jew ta' prattika jew attività ta' xogħol qadima jew tal-passat.

(5) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal espożizzjoni assoċjata minn sitwazzjonijiet li huma esklużi jew eżenti.

## TAQSIMA II

## PROTEZZJONI FIŻIKA TA' MATERJAL NUKLEARI

Test tal-Konvenzjoni.

**5.** Għall-iskop ta' l-artikolu 3(4) ta' l-Att, it-test tal-Konvenzjoni, li dawn ir-regolamenti għandhom jimplimentaw,

qiegħed jiġi ppubblikat fis-Sitt Skeda.

Htiġiet tal-protezzjoni fiżika għall-importazzjoni, transitu jew esportazzjoni ta' materjal nukleari minn u lejn it-territorju Malti.

**6.** (1) L-ebda persuna m'għandha, fejn jidħol materjal nukleari -

(*a*) tesporta jew tawtorizza l-esportazzjoni ta' materjal bħal dan minn Malta,

(*b*) tesporta jew tawtorizza l-esportazzjoni ta' materjal bħal dan minn Malta,

(*ċ*) tgħaddi mit-territorju Malti minn fuq l-art jew mill-ajruporti jew portijiet,

sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni minn qabel mill-Bord, li jkun qiegħed jaġixxi f'koordinazzjoni mill-qrib ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta u d-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili, li jistgħu jistipulaw kull kondizzjoni u jimponu taxxi f'dan ir-rigward.

(2) Il-Bord m'għandux jagħti awtorizzazzjonijict għal:

(*a*) importazzjoni ta' materjal nukleari mit-territorju Malti jew transitu fit-territorju Malti ta' dan il-materjal destinat lejn Stati li mhumiex parti għal din il-Konvenzjoni, jew

(*b*) l-esportazzjoni ta' dan il-materjal minn Malta,

sakemm il-Bord ma jirċevix assikurazzjonijiet li waqt it-trasport internazzjonali nukleari dan il-materjal ser ikun protett fuq il-livelli deskritti fl-Anness 1 tas-Sitt Skeda u li huwa jkun provdut bl-informazzjoni rilevanti kollha sabiex ikun jista' jinforma minn qabel lill-Istati li minnhom il-materjal nukleari jkun mistenni jgħaddi fuq l-art jew f'kanali interni jew li fl-ajruporti u l-portijiet tagħhom, il-materjal ikun mistenni jidħol.

Trasport internazzjonali nukleari minn vapuri u ajruplani Maltin.

**7.** (1) L-ebda vapur jew ajruplan Malti m'għandu jġorr materjal nukleari sakemm dan il-materjal ma jkunx protett fuq il-livelli deskritti fl-Anness 1 tas-Sitt Skeda waqt it-trasport nukleari.

(2) Għandu jkun id-dmir tal-kaptan fil-każ ta' ajruplan Malti, li jiżgura li hemm awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasport ta' materjal nukleari mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-istati ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni, wara li jagħti l-assikurazzjonijiet neċessarji u jissodisfa kull kondizzjoni f'dan ir-rigward.

(3) Għandu jkun id-dmir tal-kaptan fil-każ ta' vapur Malti, li jiżgura li hemm awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasport internazzjonali ta' materjal nukleari mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-istati ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni, wara li jagħti l-assikurazzjonijiet neċessarji u jissodisfa kull kondizzjoni f'dan ir-rigward:

Iżda r-Reġistratur Ġenerali jista' jistipula kwalunkwe kondizzjoni u jimponi kwalunkwe taxxa fejn jidħlu dawn l-awtorizzazzjonijiet, u għandu jkun id-dmir tal-kaptan li jiżgura li dawn il-kondizzjonijiet ikunu dejjem rispettati.

**8.** L-ebda persuna m'għandha tikkommetti intenzjonalment: Projbizzjoni ta' attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' materjal nukleari.

(*a*) att mingħajr awtorità skond l-irċevuta, l-pussess, l-użu, it-trasferiment, il-bidla, ir-rimi jew it-telf ta' materjal nukleari u li jkkawża jew ikun probabbli li jkkawża mewt jew korriment serju lil xi persuna jew dannu sostanzjali tal-proprjeta;

(*b*) serq ta' materjal nukleari;

(*ċ*) serq jew ksib b'mod frawdolenti ta' materjal nukleari;

(*d*) att li jikkostitwitxi domanda għal materjal nukleari b'theddida jew l-użu tal-forza jew b'xi forma oħra ta' intimidazzjoni;

(*e*) thedded:

(i) li tuża materjal nukleari sabiex tikkawża l-mewt jew korriment serju ta' xi persuna jew dannu sostanzjali tal-proprjetà, jew;

(ii) li tikkommetti reat deskritt fil-paragrafu (*b*) sabiex iġiegħel persuna naturali jew legali, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat iwettaq jew jonqos li jwettaq kwalunkwe att;

(*f*) attentat li tikkommetti kwalunkwe reat deskritt fil-paragrafi (*a*), (*b*) jew (*ċ*); u

(*g*) att li jikkostitwixxi parteċipazzjoni f'reat deskritt fil-paragrafi (*a*) sa (*f*).

TAQSIMA III

BORD GĦALL-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI

**9.** (1) Għandu jitwaqqaf Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Bord, li għandu jaġixxi bħala l-awtorità regolatorja fil-qasam tas-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni. Funzjonijiet u responsabbiltajiet.

(2) Il-Bord għandu jkollu l-funzjonijiet li jistgħu jaqgħu taħtu taħt xi liġi oħra jew li jistgħu jiġu assenjati lilu bil-miktub mill-Prim Ministru jew mill-aġenziji membri rappreżentati fuq il-Bord. Fil-każ li regolamenti oħrajn ikunu fis-seħħ u li jirregolaw l-espożizzjonijiet pubbliċi, fuq il-post tax-xogħol u mediċi, jew il-protezzjoni ta' l-ambjent u s-sigurtà tas-sorsi, li b'xi mod jindirizzaw l-użu tar-radjazzjoni ionizzanti, il-Bord għandu, jekk dan jikkunsidra neċessarju, jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru għall-allokazzjoni mill-ġdid tar-responsabbiltà regolatorja lill-Bord innifsu jew lil xi awtorità oħra kif il-Bord jikkunsidra xieraq.

(3) Għandha tkun funzjoni tal-Bord li -

(*a*) jieħu l-miżuri neċessarji sabiex itejjeb il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-korpi tal-gvern li għandhom responsabbiltà għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-ambjent, is-saħħa pubblika, u l-protezzjoni ċivili bejniethom u ma' partijiet interessati oħra;

(*b*) jagħti parir lill-Prim Ministru dwar l-allokazzjoni tar-responsabbiltajict fil-qasam tas-sigurtà nuklcari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni meta dawn ma jkunux ċari jew riżolti;

(*ċ*) jikkoordina l-preparazzjoni tar-regolamcnti li jirregolaw in-notifika, l-awtorizzazzjoni tal-prattiċi, attività ta' xogħol u s-sorsi ta' radjazzjoni u jistabbilixxi protezzjoni mir-radjazzjoni u l-ħtiġijiet tas-sigurtà;

(*d*) jiddefinixxi l-espożizzjonijiet li jkunu esklużi mill-ħtiġiet regolatorji fuq il-bażi li jkun hemm nuqqas ta' kontroll regolatorju;

(*e*) jirċievi notifiki, u joħroġ awtorizzazzjonijiet u jagħti eżenzjonijiet li jikkonċernaw il-pussess u l-użu tas-sorsi ta' radjazzjoni, suġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li tista' tkun meħtieġa fl-opinjoni tal-Bord u li jirrevoka fi kwalunkwe ħin dawk l-awtorizzazzjonijiet jekk il-Bord jidhirlu li l-i*standards* jew il-livelli ta' sigurtà ma jkunux qegħdin jinżammu;

(*f*) jikkoordina u jmexxi spezzjonijiet u azzjonijiet ta' infurzar sabiex jevalwa l-kondizzjonijiet u l-konformità tas-sigurtà tar-radjazzjoni u mal-ħtiġiet regolatorji u ta' l-awtorizzazzjoni u sabiex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-pubbliku;

(*g*) iżomm reġistru nazzjonali tal-prattiċi u s-sorsi;

(*h*) jawtorizza persuni sabiex iwettqu spezzjonijiet u sabiex jieħdu azzjoni f'ismu dwar kwistjonijiet partikolari ta' interess regolatorju u dawn il-persuni għandhom jitqiesu bħala uffiċjali kif mifhum fit-Taqsima IV ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

Kap. 424.

(*i*) iwaqqaf u jmexxi Faċilità ta' Ħażna Interim Nazzjonali għal sorsi radjoattivi mingħajr proprjetarju jew mhux użati;

(*j*) jiġbor l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti evalwazzjoni ta' espożizzjoni totali mill-prattiċi kollha f'Malta u tinkludi d-distribuzzjoni ta' l-espożizzjonijict individwali pubbliċi u fuq il-post tax-xogħol għal kull tip ta' prattika, u li tippermetti t-twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali għall-Espożizzjoni għal Radjazzjoni Ionizzanti fuq il-Post tax-Xogħol;

(*k*) jagħti bidu għal stħarriġ dwar ir-radjazzjoni fl-isfond u l-kontaminazzjoni radjoattiva tal-medja ambjentali kollha;

(*l*) japprova l-kapaċità ta' persuni sabiex jaġixxu bħala servizzi dożimetriċi approvati u esperti kwalifikati suġġetti għar-regolament 11;

(*m*) jistabbilixxi gwida dwar il-miżuri protettivi meħtieġa f'post kontrollat u sorveljat;

(*n*) jagħmel rakkomandazzjonijiet, jew jipprovdi parir tekniku dwar intervent u r-rispons ta’ emerġenza, kif xieraq;

(*o*) jagħti parir lil awtoritajiet govemattivi oħrajn u lil persuna oħra fuq kwistjonijiet fil-kompetenza tal-Bord;

(*p*) jippromwovi jew iwettaq riċerka dwar kwistjonijiet ta’ sigurtà tar-radjazzjoni ta’ interess regolatorju;

(*q*) iżomm kuntatt għal skambju ta’ informazzjoni u kooperazzjoni f’kull qasam li għandu x’jaqsam mas-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni ma’ korpi ta’ pajjiżi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

(*r*) iwaqqaf il-mekkaniżmi xierqa sabiex jinforma lill-pubbliku dwar il-proċess regolatorju u l-aspetti ta’ sigurtà tar-radjazzjoni ta’ prattika jew attività ta’ xogħol regolata;

(*s*) jikkoordina it-twaqqif ta’ *standards* tekniċi, il-preparazzjoni ta’ Kodiċi ta’ Prattika u dokumenti ta’ gwida oħrajn mill-awtoritajiet rilevanti;

(*t*) jinvestiga kif xieraq kull inċident li jinvolvi sorsi ta’ radjazzjoni fi prattika jew attività ta’ xogħol;

(*u*) ikun il-korp nazzjonali li jagħti effett lil kull deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew ta’ l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika, jew ta’ entità internazzjonali oħra rikonoxxuta jew awtorità kompetenti fil-qasam tas-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni kull meta jkun imqabbad mill-Prim Ministru;

(*v*) jidentifika organizzazzjonijiet, li jistgħu jkunu meħtieġa li jiġu involuti f’sitwazzjonijiet ta’ emerġenza u interventi relatati, u jiddefenixxi r-responsabbiltà tagħhom; u

(*w*) jieħu ħsieb attivitajiet addizzjonali oħrajn fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni li l-aġenziji membri inkluż il-Bord jistgħu, minn żmien għal żmien, iressqu quddiem il-Bord.

(4) Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Bord li tirrigwarda xi ħaġa li għandha x’taqsam man-notifika, l-awtorizzazzjoni jew l-eżenzjoni ta’ prattiċi jew sorsi, kif ukoll li tirrigwarda xi waħda mill-funzjonijiet l-oħra tiegħu, għandhom jitqiesu li ttieħdu f’isem, u bil-poteri kollha, ta’ l-aġenziji membri rappreżentati fuq il-Bord. Kwalunkwe dokument li għandu x’jaqsam ma dawn id-deċiżjonijiet ikun iffirmat miċ-*Chairperson* Eżekuttiv.

(5) Kull persuna li bi kwalunkwe deċizjoni tal-Bord, tħoss ruħha aggravata, għandha kull dritt li titlob lill-Bord sabiex id-deċizjoni terġa’ tiġi rikonsidrata, billi ġġib raġunijiet u titlob rikonsiderazzjoni.

Kompożizzjoni tal-Bord.

**10.** (1) Il-Prim Ministru għandu jaħtar uffiċjali ta' l-aġenziji membri sabiex iservu bħala membri esperti fuq il-Bord. Il-Bord għandu jkun kompost kif ġej:

(*a*) membru wieħed li jirrappreżenta l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

(*b*) membru wieħed li jirrappreżenta id-Direttorat għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent;

(*ċ*) membru wieħed li jirrappreżenta is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

(*d*) membru wieħed li jirrappreżenta id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

(2) L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol taħtar ukoll persuna teknikament kompetenti sabiex taġixxi ta' *Chairperson* Eżekuttiv tal-Bord, li jkun responsabbli mill-organizzazzjoni tax-xogħol tal-Bord.

(3) Kull membru għandu jżomm il-kariga għal perjodu ta' tliet snin, u fl-iskadenza taż-żmien tal-kariga tagħhom l-membri maħtura jistgħu jerġgħu jiġu maħtura:

Madanakollu għandhom jibqgħu fil-kariga meta jgħaddi ż-żmien tal-kariga tagħhom, sakemm il-Prim Ministru jinfurmahom formalment bil-ħatra ta' sostitut.

(4) Membru tal-Bord jista', permezz ta' nota bil-miktub indirizzata lill-Prim Ministru, jirreżenja minn membru.

(5) Il-Prim Ministru jista' jneħħi membru tal-Bord mill-kariga jekk, fl-opinjoni tiegħu, dak il-membru ma jkunx f'pożizzjoni li jkompli jżomm il-kariga jew jekk ikun sar inkapaċi li jaqdi dmirijietu bħala membru kif xieraq.

(6) Il-Bord jitlaqqa' kemm il-darba jkun meħtieġ sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, jew b'talba miċ-*Chairperson* Eżekuttiv, jew fuq talba ta' kwalunkwe żewġ membri li jirrappreżentaw aġenziji membri differenti.

(7) Tliet persuni li jattendu għall-laqgħa għandhom jikkostitwixxu kworum. Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv, għandu, fil-każ ta' parità fil-voti, jkollu kemm vot inizjali kif ukoll vot deċiżiv:

Iżda, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, il-Bord għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

(8) Għandu jkun id-dmir konġunt ta' l-aġenziji membri li jikkostitwixxu l-Bord li jiżguraw li l-funzjonijiet ġenerali tal-Bord jitwettqu f'kollaborazzjoni mill-qrib u b'mod kemm jista' jkun effiċjenti, u l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandha tieħu r-riedni fil-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet amministrattivi tal-Bord.

Approvazzjoni tas-servizzi.

**11.** (1) Il-Bord (jew persuna oħra li tista' tkun speċifikata bil-miktub minnu minn żmien għal żmien) tista', permezz ta' ċertifikat bil-miktub, tapprova (skond dawk il-kriterji li jistgħu jiġu speċifikati minn żmien għal żmien mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) -

- il-prattikanti mediċi approvati,
- is-servizzi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvati,

għal dawk l-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti li jkunu speċifikati fiċ-ċertifikat.

(2) Il-Bord jista', permezz ta' ċertifikat bil-miktub, japprova:

- is-servizzi dożimetriċi approvati,
- l-esperti kwalifikati,

għal dawk l-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti li jkunu speċifikati fiċ-ċertifikat.

(3) Ċertifikat magħmul skond is-subregolamenti (1) u (2) jista' jsir suġġett għal xi kondizzjonijiet u jista' jiġi revokat bil-miktub f'kull ħin.

(4) Kull approvazzjoni mogħtija skond is-subregolamenti (1) u (2) tista' tiġi evalwata mill-ġdid kull tant żmien kif xieraq mill-korp li joħroġha.

Iffinanzjar tal-Bord.

**12.** (1) L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandha tiżgura biżżejjed iffinanzjar li jippermetti lill-Bord li jaqdi l-obbligazzjonijict tiegħu. Dan għandu jiġi żgurat irrispettivament minn xi fondi miksuba skond is-subregolament (2).

(2) Il-Bord jista' jimponi ħlas ta' miżata mingħand kwalunkwe persuna sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, u din il-miżata tista' tinkludi l-ispejjeż minfuqa fil-każ ta' inabilità ta' min iħaddcm fir-radjazzjoni li jirritorna s-sorsi mhux użati lill-fabbrikant. Dawn il-miżati isiru pagabbli lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(3) Meta l-Bord jitlob ħlas, is-somma dovuta, li għandha titqies li tista' terġa' tinġabar bħala dejn ċivili, għandha ssir dovuta xahar wara li tkun intbgħatet jew ingħatat dikjarazzjoni għall-istess fini.

Kumitati ta' Konsultazzjoni.

**13.** Il-Bord għandu jkun intitolat li jqabbad persuni sabiex iservu bħala konsulenti esperti jew sabiex iwaqqfu kumitati ta' konsultazzjoni u jaħtar membri sabiex iservu fuq dawn il-kumitati ta' konsultazzjoni kif jista' jkun ta' użu u xieraq għall-Bord sabiex ikun jista' jaqdi r-responsabbiltajiet tiegħu aħjar.

Indirizz tal-Bord.

**14.** L-uffiċċji tal-Bord għandhom ikunu fi kwalunkwe indirizz li l-Bord jista' jokkupa, sakemm dan jiġi notifikat fil-Gazzetta. Il-korrispondenza kollha għandħa tkun indirizzata liċ-*Chairperson* Eżekuttiv tal-Bord.

Kooperazzjoni ma' awtoritajiet Maltin oħrajn.

**15.** Il-Bord għandu jwaqqaf mekkaniżmu permanenti għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni ma' kwalunkwe awtorità Maltija rilevanti kif jikkunsidra xieraq fil-qadi ta' dmirijietu, inkluż iżda mhux limitat għal -

(*a*) l-awtoritajiet tad-Dwana, sabiex jiżgura kontroll adegwat, inkluż, kif xieraq, notifika minn qabel, jew awtorizzazzjoni mill-Bord fuq sorsi li jidħlu jew iħallu l-pajjiż u l-identifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni xierqa tal-persuni li jimpurtaw u jirċievu s-sorsi;

(*b*) il-Ministeru tat-Trasport sabiex jiżgura li jinżammu

livelli ta' sigurtà adegwati waqt il-ħażna u t-trasport ta' materjal radjoattiv, kemm fit-territorju Malti u kemm fuq vapuri jew ajruplani taħt il-ġurisdizzjoni Maltija.

Poteri tal-Prim Ministru fejn jidħol il-Bord.

**16.** Il-Prim Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet rilevanti l-oħra -

(*a*) jikkonferixxi fuq il-Bord funzjonijiet ġodda għal skopijiet konnessi mal-protezzjoni minn perikli ta' radjazzjoni,

(*b*) itemm kwalunkwe funzjoni tal-Bord magħmula taħt dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA IV

NOTIFIKA U AWTORIZZAZZJONI

Notifika.

**17.** (1) Kwalunkwe persuna li taħseb li ser -

(i) taddotta jew tintroduċi, tmexxi, tieqaf jew ma tkomplix topera prattika li tinvolvi l-użu ta' radjazzjoni ionizzanti, kif ukoll

(ii) tiddisinja, timmanifattura, tibni jew tgħaqqad, takkwista, timporta jew tesporta, tiddistribwixxi, tbiegħ, issellef jew tikri, tipposjedi, tilloka, tikkummissjona, tuża u topera, iżżomm jew issewwi, tittrasferixxi jew tiddekommissjona, iżżarma, tittrasporta, taħżen jew tiddisponi minn materjal radjoattiv, kif applikabbli, fi prattika jew attività ta' xogħol,

għandha, mill-inqas tletin ġurnata qabel tagħmel dan -

(*a*) tissottometti lill-Bord notifika formali bil-miktub bl-intenzjoni li tagħmel dan u tagħti l-informazzjoni kollha fl-Ewwel Skeda u kull informazzjoni oħra li tista' tinħtieġ minn żmien għal żmien mill-Bord, u

(*b*) jekk xieraq, skond il-ħtiġiet stabbiliti mill-Bord, anke tissottometti lill-Bord, talba għal awtorizzazzjoni formali bil-miktub skond ir-regolament 19 mill-Bord sabiex tagħmel dan:

Iżda l-Bord jista' jeskludi l-espożizzjoni minn prattika jew sors, jew jeżenta l-prattika, attività ta' xogħol jew is-sors mill-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti, inklużi l-ħtiġiet tan-notifika u l-awtorizzazzjoni.

(2) Il-ħtieġa ta' sottomissjoni tan-notifika u tat-talba għall-awtorizzazzjoni skond is-subregolament (1) għandha tapplika wkoll għal prattiċi, attivitajiet ta' xogħol li diġà joperaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, iżda f'dawn il-każi dawn il-prattiċi u attivitajiet ta' xogħol għandu jkollhom sitt xhur sabiex jagħmlu notifika jew talba għall-awtorizzazzjoni skond ir-regolament 19, kif xieraq.

(3) Meta min iħaddem fir-radjazzjoni jkun innotifika prattika jew attività ta' xogħol skond is-subregolament (2), il-Bord jista', permezz ta' nota bil-miktub mibgħuta lilu, jitlob lil min iħaddem

fir-radjazzjoni sabiex jipprovdi dawk id-dettalji addizzjonali ta' dak ix-xogħol li jista' raġonevolment jeħtieġ, u f'dak il-każ min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jipprovdi dawk id-dettalji fiż-żmien li jkun speċifikat fin-nota jew żmien ieħor kif il-Bord jista' sussegwentament jiddeċiedi.

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni irid jipprovdi għall-eżami u approvazzjoni mill-Bord, kull informazzjoni dwar il-prattika jew attività ta' xogħol li tkun meqjusa necessarja mill-Bord, u li tinkludi:

(*a*) pjanti ta' l-istallazjonijiet li jinvolvu riskju għal espożizzjoni, id-disinn u l-operat ta' dawn l-istallazjonijiet fit-territorju konċernat, mil-lat ta' protezzjoni mir-radjoattività;

(*b*) l-adegwatezza tal-miżuri protettivi li ser jittieħdu kontra kwalunkwe espożizzjoni mir-radjoattività jew kontaminazzjoni radjoattiva li tista' toħroġ barra l-perimetru, qabel ma stallazzjonijiet ġodda jiġu aċċettati li jkunu jistgħu jibdew joperaw, jittieħdu fil-konsiderazzjoni, jekk rilevanti, il-kondizzjoniijiet demografiċi, metereoloġiċi, ġeoloġiċi, idroloġiċi u ekoloġiċi.

(5) Meta min iħaddem fir-radjazzjoni jkun innotifika xogħol skond is-subregolament (2) u sussegwentament iwettaq bidla materjali f'dak ix-xogħol li tkun taffetttwa d-dettalji notifikati, huwa għandu jinnotifika lill-Bord b'dik il-bidla u jitlob awtorizzazzjoni ġdida.

Esklużjonijiet u eżenzjonijiet mill-ħtieġa li ssir notifika.

**18.** (1) Espożizzjonijiet minn radjoattività naturali fil-ġisem, radjazzjoni kosmika fuq wiċċ id-dinja, konċentrazzjonijiet ta' radjonuklidi mhux modifikati f'materja prima u sorsi oħra li mhemmx qbil fuq kontroll, hekk kif determinat mill-Bord, huma eżklużi minn dawn ir-regolamenti.

(2) Il-ħtieġa ta' notifika lill-Bord bl-intenzjoni li titwettaq prattika jew attività ta' xogħol skond ir-regolament 11 m'għandhiex tapplika għal dawn li ġejjin:

(*a*) sustanzi radjoattivi li jinsabu f'materjal li għandu toqol ta' tunnellata jew anqas, fejn il-konċentrazzjoni ta' l-attività f'kull *unit* ta' toqol, ta' radjonuklidu partikolari, fi kwalunkwe ħin, ma teccedix il-valuri ta' eżenzjoni kif stipulati fil-kolonna 2 tat-Tabella A tat-Tieni Skeda, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, valuri differenti awtorizzati mill-Bord, li, madanakollu, jissodisfaw il-kriterja ġenerali basika kif stipulati fil-kolonna 2 tat-Tabella A tat-Tieni Skeda;

(*b*) sustanzi radjoattivi li jinsabu f'materjal li għandu toqol ta' tunnellata jew anqas, fejn il-kwantitajiet involuti ma jeċċedux fit-total (għall-istess radjonuklidu), fi kwalunkwe ħin, ma teċċedix il-valuri ta' eżenzjoni kif stipulati fil-kolonna 3 tat-Tabella A tat-Tieni Skeda, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, valuri differenti awtorizzati mill-Bord, li, madanakollu,

jissodisfaw il-kriterji ġenerali bażiċi kif stipulati fil-kolonna 2 tat-Tabella A tat-Tieni Skeda;

(*ċ*) apparat li fih sustanzi radjoattivi li jaqbżu l-valuri ta' kwantitajiet jew il-konċentrazzjoni speċifikati fil-paragrafi (*a*) jew (*b*), sakemm:

(i) ikun ta' tip approvat mill-Bord u;

(ii) ikun mibni fil-forma ta' sors issiġillat; u

(iii) ma jkkawżax, fil-kondizzjonijiet ta' operazzjoni normali, rata ta' doża li taqbeż 1 µSv $h^{-1}$ f'distanza ta' 0.1m minn xi wiċċ ta' l-apparat aċċessibbli u l-anqas xi doża lil membru tal-pubbliku li taqbeż 10 µSv $h^{-1}$ u;

(iv) il-kondizzjonijiet għar-rimi jkunu ġew speċifikati mill-Bord jew;

(*d*) l-operat ta' kwalunkwe apparat elettriku li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti, barra dak imsemmi fil-paragrafu (*e*) sakemm -

(i) ikun ta' tip approvat mill-Bord, u

(ii) ma jkkawżax, fil-kondizzjonijiet ta' operazzjoni normali, rata ta' doża li taqbeż 1 µSv $h^{-1}$ f'distanza ta' 0.1m minn xi wiċċ ta' l-apparat aċċessibbli u l-anqas xi doża lil membru tal-pubbliku li taqbez 10 µSv $h^{-1}$ jew;

(*e*) l-operat ta' tubu tar-raġġi *cathode* maħsub għall-wiri ta' immaġni viżivi, jew apparat elettriku ieħor li jopera f'differenza potenzjali li ma taqbiżx 30 kV, sakemm din l-operazzjoni ma tikkawżax, fil-kondizzjonijiet ta' operazzjoni normali, rata ta' doża li taqbeż 1 µSv $h^{-1}$ f'distanza ta' 0.1 minn xi wiċċ ta' l-apparat aċċessibbli jew;

(*f*) materjal radjoattiv jew materjal ikkontaminat b'sustanzi radjoattivi, li huwa suġġett għall-eżenzjoni valida jew rimi mhux kondizzjonat kif maħruġ mill-Bord.

Awtorizzazzjoni.

**19.** (1) Sakemm mhux eżenti minħabba r-regolament 18, għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem fir-radjazzjoni li jissottometti talba għall-awtorizzazzjoni lill-Bord u li jikseb awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Bord sabiex jopera prattika jew attività ta' xogħol qabel il-bidu ta' kwalunkwe attività li għandha x'taqsam mar-radjazzjoni ionizzanti, u, jew ġenerazzjoni ta' fdal radjoattiv jew skart jew rimi ta' sustanzi radjoattivi fl-ambjent f'waħda minn dawn il-prattiċi li ġejjin:

(*a*) operat u dekomissjonament ta' kwalunkwe faċilità taċ-ċiklu tal-karburant nukleari u l-esplojtazzjoni u l-għeluq tat-tħaffir fil-mini għall-uranju;

(*b*) iż-żieda deliberata ta' sustanzi radjoattivi fil-produzzjoni u l-manifattura ta' prodotti mediċinali u l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti;

(*ċ*) iż-żieda deliberata ta' sustanzi radjoattivi fil-

produzzjoni u l-manifattura ta' prodotti tal-konsumatur u l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti;

(*d*) l-amministrazzjoni deliberata ta' sustanzi radjoattivi lil persuni u, fejn tkun ikkonċernata il-protezzjoni tal-bnedmin mir-radjazzjoni, annimali għal skop ta' dijanjożi, trattament jew riċerka medika jew veterinarja;

(*e*) l-użu ta' settijiet tal-*X-ray* jew sorsi radjoattivi għall-

- radjografija industrijali jew
- proċessar tal-prodotti jew
- riċerka jew
- edukazzjoni jew
- espożizzjoni ta' persuni għal dijanjożi jew trattament mediku u
- użu ta' aċċeleraturi ħlief mikroskopji ta' l-elektron;

(*f*) fejn awtorizzazzjoni ġiet mogħtija skond is-subregolament (1) u min iħaddem fir-radjoattività, li lilu ġiet mogħotija l-awtorizzazzjoni, sussegwentement jagħmel bidla materjali jew fl-operat liċ-ċirkostanzi li jirrelataw ma' dik l-awtorizzazzjoni;

(*g*) kull prattika jew attività ta' xogħol oħra li għaliha l-Bord jista' minn żmien għal żmien jiddeċiedi li teħtieġ awtorizzazzjoni.

Iżda l-Bord jista' jispeċifika li prattika m'għandhiex bżonn awtorizzazzjoni fejn il-prattika tkun ġiet eżentata min-notifika mill-Bord.

(2) Awtorizzazzjoni magħmula skond is-subregolament (1) tista' ssir suġġetta għal xi kondizzjonijiet u b'limitu ta' żmien jew mingħajru, u tista' tiġi revokata bil-miktub f'kull ħin.

(3) Meta tkun mogħtija awtorizzazzjoni skond is-subregolament (1) u min iħaddem fir-radjazzjoni li lila tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni sussegwentement iwettaq bidla materjali fiċ-ċirkostanzi li jkollhom x'jaqsmu ma' dik l-awtorizzazzjoni, dik il-bidla għandha tkun notifikata lill-Bord minn min iħaddem fir-radjazzjoni.

(4) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem fir-radjazzjoni li jikseb awtorizzazzjoni minn qabel mill-Bord għar-rimi, riċiklaġġ jew użu mill-ġdid ta' sustanzi radjoattivi li fihom sustanzi radjoattivi li joħorġu minn kwalunkwe prattika jew attività ta' xogħol suġġett għall-ħtieġa tan-notifika jew awtorizzazzjoni:

Iżda l-Bord jista' jeżenta r-rimi, riċiklaġġ jew użu mill-ġdid ta' dawn is-sustanzi jew materjali mill-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti sakemm ikunu konformi mal-livelli permessi stipulati mill-Bord;

Iżda wkoll dawn il-livelli permessi għandhom jikkunsidraw il-kriterji bażiċi ta' eżenżjoni li għandhom ikunu stabbiliti mill-Bord f'ismu u li m'għandhomx ikunu ogħla mil-livelli fit-Tieni

Skeda, sakemm ma jkunx approvat mod ieħor mill-Bord.

## TAQSIMA V

## GUSTIFIKAZZJONI, OTTIMIZZAZZJONI U LIMITAZZJONI TAD-DOŻA GĦALL-PRATTIĊI

Ġustifikazzjoni u ottimizzazzjoni.
*Emendat:*
*A.L. 173 ta' l-2004.*

**20.** (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem fir-radjazzjoni li jiżgura li l-klassijiet u t-tipi ta' prattika jew attività ta' xogħol ġodda kollha li jirriżultaw f'espożizzjoni għal radjazzjoni ionizzanti jkunu ġustifikati, qabel ma jkunu addottati jew approvati għall-ewwel darba, waqt li jieħu in konsiderazzjoni l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali jew oħrajn tagħhom fejn jidħol id-detriment għas-saħħa li jistgħu jkkawżaw.

(2) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jirrevedi l-ġustifikazzjoni ta' klassijiet u tipi ta' prattika jew attività ta' xogħol eżistenti kull meta tiġi akkwistata evidenza ġdida u importanti dwar l-effettività jew il-konsegwenzi tagħhom.

(3) Barra dan, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li -

(*a*) fejn jidħlu espożizzjonijict minn kwalunkwe sors fi prattika jew attività ta' xogħol, il-protezzjoni u s-sigurtà għandhom ikunu ottimizzati sabiex id-daqs tad-dożi individwali, in-numru ta' nies esposti u l-probabilità ta' espożizzjonijiet ikunu kollha miżuma baxxi kemm jista' raġonevolment ikun milħuq, waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi ekonomiċi u soċjali, fir-restrizzjoni li d-dożi għal individwi kkonsenjati bis-sors ikunu suġġetti għal limitazzjonijiet ta' doża;

(*b*) mingħajr preġudizzju għar-regolament 23, is-somma tad-dożi mill-prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol rilevanti kollha m'għandhiex taqbeż il-limiti ta' doża stipulati f'dawn ir-regolamenti għall-ħaddiema, apprendisti u studenti u membri tal-pubbliku esposti:

Iżda l-paragrafu (*b*) ma għandux japplika għal:

(*a*) espożizzjonijiet mediċi lil individwi li jkunu għaddejjin minn trattament jew djanjosi medika,

(*b*) espożizzjonijiet lill persuni li jikkomfortaw jew jieħdu ħsieb, u

(*ċ*) espożizzjonijiet lil voluntiera li jkunu qegħdin jipparteċipaw fi programmi mediċi jew riċerka assoċjata.

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li l-proċess ta' ottimizzazzjoni tal-miżuri tal-protezzjoni u tas-sigurtà, li jistgħu jvarjaw minn analiżi intuwittiva kwalitattiva għal analiżi kwantitattiva bl-użu ta' *decision aiding techniques*, ikun biżżejjed biex jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha b'mod koerenti sabiex jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin:

(*a*) li jiġu ddeterminati miżuri tal-protezzjoni u tas-sigurtà għaċ-ċirkostanzi li jipprevalu, billi jittieħdu in konsiderazzjoni l-għażliet ta' protezzjoni u sigurtà

disponibbli kif ukoll in-natura, d-daqs u l-probabilità tal-espożizzjonijiet; u

(*b*) li jiġu stabbiliti kriterji, fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-ottimizzazzjoni, għar-restrizzjoni tad-daqsijiet ta' l-espożizzjonijiet u tal-probabiltajiet tagħhom permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni ta' l-inċidenti u t-tnaqqis tal-konsegwenzi tagħhom.

(5) Il-prinċipju stipulat fis-subregolament (3)(*a*) għandu japplika għall-espożizzjonijiet kollha għar-radjazzjoni ionizzanti li tirriżulta mill-prattiċi msemmija fir-regolament 4(1).

(6) L-ebda persuna ma tista' iżżid apposta sustanzi radjoattivi fil-produzzjoni ta' ikel, ġugarelli, ornamenti personali u prodotti kosmetiċi, jew timporta jew tesporta dawk l-oġġetti jekk dawn ikun fihom sustanzi radjoattivi miżjuda.

Limitazzjonijiet tad-doża.

**21.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li, ħlief għal espożizzjoni medika, l-ottimizzazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni u tas-sigurtà ma' kwalunkwe sors partikolari fi prattika jew attività ta' xogħol għandha tkun suġġetta għal limitazzjonijiet ta' doża. Il-livell tal-limitazzjonijiet tad-doża ġenerika stabbilit mill-Bord, qiegħed fit-Tielet Skeda.

(2) Il-Bord jista' jistabbilixxi gwida, li tista' tinkludi limitazzjonijiet ta' doża, fuq il-proċeduri xierqa li għandhom ikunu applikati għall-individwi li jikkomfortaw u jieħdu ħsieb jew li jkunu qegħdin jipparteċipaw fi programmi ta' riċerka medika jew bijomedika.

Limiti tad-doża.

**22.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li l-espożizzjoni normali ta' l-individwi tkun ristretta sabiex la d-doża effettiva totali u lanqas id-doża ekwivalenti totali għall-organi jew *tissues* rilevanti, ikkawżati bil-kumbinazzjoni possibbli ta' espożizzjonijiet mir-radjazzjoni ionizzanti minn kull prattika jew attività ta' xogħol rilevanti, ma taqbeż il-limitu ta' doża rilevanti speċifikat fit-Tielet Skeda għal dik il-klassi ta' persuni fi kwalunkwe sena kalendarja, ħlief għaċ-ċirkostanzi speċjali stipulati fir-regolament 23.

(2) Il-limiti tad-doża m'għandhomx japplikaw għal espożizzjonijiet mediċi minn prattiċi awtorizzati u minn radjazzjoni naturali minn lokal mhux disturbat.

(3) Fejn ikun hemm suspett raġonevoli li xi ħaddiem kien espost għal doża effettiva ikbar min 20mSv f'sena kalendarja, min iħaddem għandu, kemm jista' jkun malajr:

(*a*) jagħti bidu għal investigazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi ta' l-espożizzjoni bl-iskop li jiddetermina jekk hux probabbli li jinżamm il-limitu tad-doża msemmi fil-klassi t-tajba fit-Tielet Skeda; u

(*b*) jinforma lill-Bord bl-espożizzjoni suspettata.

Espożizzjonijiet speċjalment awtorizzati.

**23.** (1) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, għajr f'emerġenzi radjoloġiċi u evalwati każ b'każ, il-Bord jista', meta xi operazzjoni speċifika tirrikjedi dan, jawtorizza espożizzjonijiet fuq il-post tax-

xogħol individwali ta' xi ħaddiema identifikati li taqbeż il-limiti ta' doża stipulati fit-Tielet Skeda, sakemm dawn l-espożizzjonijiet ikunu -

(i) limitati fil-ħin,

(ii) limitati għal ċerti partijiet tal-post tax-xogħol,

(iii) fil-livelli ta' espożizzjoni massimi definiti għall-każ partikolari mill-Bord.

(2) Kull awtorizzazzjoni mogħtija skond is-subregolament (1) għandha tikkunsidra dan li ġej:

(*a*) ħaddiema tal-kategorija A biss kif definiti fir-regolament 28, u li jkunu jridu volontarjament, jistgħu jkunu suġġetti għal espożizzjonijiet speċjalment awtorizzati;

(*b*) apprendisti, studenti, nisa tqal u nisa li jkunu qegħdin ireddgħu li huma iktar suxxettibbli li jkunu kkontaminati fil-ġisem għandhom ikunu esklużi minn dawn l-espożizzjonijiet;

(*ċ*) min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiġġustifika dawn l-espożizzjonijiet bl-attenzjoni minn qabel u jiddiskutihom sewwa mal-ħaddiema volontarji, ir-rappreżentanti tagħhom, is-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat jew l-espert kwalifikat;

(*d*) għandha tiġi pprovduta informazzjoni minn qabel lill-ħaddiema rilevanti dwar ir-riskji involuti u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu waqt l-operazzjoni;

(*e*) id-dożi kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-espożizzjonijiet għandhom ikunu rrekordjati separatament fir-*record* tad-doża individwali msemmi fir-regolament 38 u fir-*record* tas-saħħa msemmi fir-regolament 45.

(3) Il-fatt li jinqabżu l-limiti ta' doża riżultat ta' espożizzjonijiet speċjalment awtorizzati m'għandux neċessarjament jikkostitwixxi raġuni minn min iħaddem sabiex jeskludi jew iċaqlaq il-ħaddiem mill-post tax-xogħol normali tiegħu, mingħajr il-qbil tal-ħaddiem.

(4) Fis-Seba' Skeda hemm specifikat il-protezzjoni ta' ħaddiema li jieħdu sehem f'intervent.

Espożizzjoni tal-popolazzjoni in ġenerali.

**24.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jieħu passi raġonevoli sabiex jiżgura li l-kontribuzzjoni għall-espożizzjoni tal-popolazzjoni in ġenerali minn prattika tinżamm kemm jista' jkun baxxa, waqt li jiġu kkunsidrati fatturi ekonomiċi u soċjali.

(2) Il-Bord, f'isem is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għandu jieħu l-inizjattivi neċessarji sabiex jiżgura li t-total ta' dawn il-kontribuzzjonijiet kollha jkunu evalwati regolarment.

## TAQSIMA VI

## STIMA TAD-DOŻA EFFETTIVA U PRINĊIPJI TA' PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJON OPERAZZJONALI

Stima tad-doża effettiva. *Emendat: A.L. 173 ta' l-2004.*

**25.** Il-Bord għandu jippreskrivi jew jinnotifika il-valuri u r-relazzjonijiet li għandhom jintużaw sabiex jiġu stmati d-dożi effettivi u ekwivalenti rilevanti kif xieraq għall-irradjazzjoni esterna jew għal espożizzjoni interna minn radjonuklida jew taħlita ta' radjonuklidi:

Iżda -

(1) għal radjazzjoni esterna, l-valuri u relazzjonijiet ta' l-Anness II tad-Direttiva 96/29/Euratom, dwar *Standards* ta' Sigurtà Bażika għandhom ikunu użati għal stima tad-dożi effettivi u ekwivalenti; u

(2) għal radjazzjoni interna minn radjonuklidu jew minn taħlita ta' radjonuklidi, il-valuri u relazzjonijiet ta' l-Annessi II u III tad-Direttiva 96/29/Euratom, dwar *Standards* ta' Sigurtà Bażika, jistgħu jkunu wżati għal stima tad-dożi effettivi.

Protezzjoni mir-radjazzjoni operazzjonali ta' ħaddiema esposti.

**26.** (1) Mingħajr preġudizzju għal xi ħtiġiet iktar dettaljati oħra f'dawn ir-regolamenti, għandu jkun id-dmir ġenerali ta' min iħaddem fir-radjazzjoni li jiżviluppa, jimplimenta u jiddokumenta sistema ta' protezzjoni mir-radjazzjoni operazzjonali xierqa tal-ħaddiema esposti, inklużi studenti u persuni oħrajn li jistgħu jiġu affetwati mill-prattika tiegħu, skond u xieraq għan-natura u l-kobor tar-riskji assoċjati mal-prattiċi u l-interventi taħt ir-responsabbiltà tiegħu u biżżejjed sabiex tiżgura l-konformità mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti, u, f'dan il-programm li -

(*a*) jiddetermina l-miżuri u r-riżorsi meħtieġa sabiex jintlaqtu l-għanijiet ta' protezzjoni u sigurtà u li jiżgura li r-riżorsi jkunu provvduti u l-miżuri implimentati kif xieraq;

(*b*) jżomm dawk il-miżuri u riżorsi kontinwament taħt kontroll, u li tivverifika regolarment li l-għanijiet ta' protezzjoni u sigurtà jkunu qegħdin jintlaħqu;

(*ċ*) jidentifika kwalunkwe nuqqas fil-miżuri ta' protezzjoni u sigurtà u fir-riżorsi, u li jieħu passi sabiex jikkoreġihom u jippreveni r-rikorrenza tagħhom;

(*d*) jistabbilixxi arranġamenti, permezz tar-rappreżentanti jekk ikun xieraq, sabiex jiffaċilita l-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha rilevanti fejn jidħlu protezzjoni u sigurtà; u

(*e*) jżomm *records* tajbin fejn jidħol il-qadi tar-responsabbiltajiet tagħhom.

(2) Din is-sistema ta' protezzjoni mir-radjazzjoni operazzjonali msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun ibbażata partikolarment fuq dan li ġej:

(*a*) evalwazzjoni minn qabel sabiex tidentifika n-natura u

d-daqs tar-riskji radjoloġiċi għall-ħaddiema esposti u l-implimentazzjoni ta' l-ottimizzazzjoni tal-protezzjoni mir-radjazzjoni fil-kondizzjonijiet tax-xogħol kollha;

(*b*) klassifikazzjoni tal-postijiet tax-xogħol f'partijiet differenti, fejn xieraq, b'referenza għal evalwazzjoni tad-dożi annwali mistennija u l-probabilità u d-daqs ta' espożizzjonijict potenzjali;

(*ċ*) klassifikazzjoni tal-haddiema f'kategoriji differenti;

(*d*) implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll u monitoraġġ li għandhom x'jaqsmu ma' postijiet u kondizzjonijiet tax-xogħol differenti, inkluż, fejn neċessarju, monitoraġġ individwali; u

(*e*) sorvcljanza medika.

(3) Fil-każ ta' ksur ta' xi ħtieġa applikabbli ta' dawn ir-regolamenti min iħaddem fir-radjazzjoni għandu, kif xieraq:

(*a*) minnufih jinforma lill-Bord bil-ksur, u kull meta tiżviluppa jew tkun qegħda tiżviluppa sitwazzjoni ta' espożizzjoni ta' emerġenza jinforma mill-ewwel anke lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili;

(*b*) jinvestiga l-ksur u l-kawżi, ċirkostanzi u konsegwenzi tiegħu;

(*ċ*) jieħu azzjoni xierqa sabiex jirrimedja għaċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ksur u sabiex jippreveni rikorrenza ta' ksur simili;

(*d*) jinforma lill-Bord bil-kawżi tal-ksur u dwar l-azzjonijiet korrettivi jew preventivi meħuda, jew li għandhom jittieħdu, kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol; u

(*e*) jieħu kull azzjoni oħra li tista' tkun neċessarja kif meħtieġ minn dawn ir-regolamenti.

(4) Il-Bord jista', jekk jikkunsidra neċessarju, jirrikjedi lil min iħaddem fir-radjazzjoni li jwaqqaf unità speċjalizzata għall-protezzjoni mir-radjazzjoni, distinta mill-unitajiet ta' operazzjoni tal-produzzjoni, sabiex twettaq xogħol ta' protezzjoni mir-radjazzjoni u tipprovdi parir speċjalizzat:

Iżda din l-unità tista' tintuża minn diversi stallazzjonijiet.

Evalwazzjoni tar-riskju.

**27.** (1) Qabel ma min iħaddem jibda prattika jew attività ta' xogħol ġdida li tinvolvi xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti li fuqha ma tkunx saret evalwazzjoni tar-riskju, għandha ssir evalwazzjoni xierqa u suffiċenti tar-riskju għal:

(*a*) reviżjoni ta' disinni w aspetti operazzjonali relatati ma sors, li jkun rilevanti għall-protezzjoni ta' persuni u s-sigurtà tas-sors;

(*b*) analisi tal-proviżjonijiet għas-sigurtà u l-protezzjoni stabbiliti mid-disinn u operazzjoni tas-sors.

(2) L-evalwazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun:

(*a*) bil-miktub;

(*b*) sottomessa lill-Bord bħala parti minn applikazzjoni għan-notifika jew awtorizzazzjoni;

(*ċ*) riveduta u emendata kif meħtieġ u kopja ta' l-aħħar evalwazzjoni mwettqa b'xi emendi li jkunu saru għandha tinżamm fil-prattika.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), min iħaddem fir-radjazzjoni m'għandux jagħmel xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti sakemm ma jkunx għamel evalwazzjoni biżżejjed sabiex juri li:

(*a*) il-perikli kollha bil-potenzjal li jkkawżaw inċident ta' radjazzjoni ġew identifikati; u

(*b*) in-natura u d-daqs tar-riskji għall-ħaddiema u persuni oħra li jirriżultaw minn dawk il-perikli ġew evalwati.

(4) Meta l-evalwazzjoni magħmula għall-iskopijiet ta' dan ir-regolament turi li jeżisti riskju ta' radjazzjoni għall-ħaddiema jew persuni oħra minn inċident ta' radjazzjoni identifikabbli, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jieħu l-passi raġonevolment prattikabbli kollha sabiex:

(*a*) jippreveni inċidenti bħal dawn;

(*b*) jillimita l-konsegwenzi ta' inċidenti bħal dawn li jiġru; u

(*ċ*) jipprovdi lill-ħaddiema bl-informazzjoni, istruzzjoni u taħriġ xieraq, u bit-tagħmir neċessarju sabiex jirrestrinġi l-espożizzjoni tagħhom għar-radjazzjoni ionizzanti.

(5) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu wkoll iżomm *record* tas-sistema ta' istruzzjoni u taħriġ li tkun qegħda tintuża u li għandha tkun konformi mal-ħtiġijiet minimi li għandhom ikunu stipulati mill-Bord.

## TAQSIMA VII

## KLASSIFIKAZZJONI TAL-ĦADDIEMA, APPRENDISTI U STUDENTI ESPOSTI

Kategorizzazzjoni tal-ħaddiema esposti.
*Emendat: A.L. 173 ta' l-2004.*

**28.** (1) Għall-iskopijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza, kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jagħżel ħaddiema esposti f'waħda minn żewġ kategoriji:

(*a*) kategorija A dawk il-ħaddiema esposti li huma kapaċi jirċievu doża effettiva ikbar minn 6mSv kull sena jew doża ekwivalenti ikbar minn 3/10 tal-limiti ta' doża għal-lenti tal-għajn, tal-ġilda u ta' l-estremitajiet stipulati fit-Tielet Skeda;

(*b*) kategorija B: dawk il-ħaddiema esposti li għalqu t-tmintax-il sena u li mhumiex klassifikati bħala ħaddiema esposti tal-kategorija A.

(2) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jinforma

immedjatament lil dawk il-ħaddiema li huma ġew hekk magħżula skond is-subregolament (1).

(3) Min iħaddem fir-radjazzjoni m'għandux jagħżel ħaddiem fil-kategorija A sakemm:

(*a*) il-ħaddiem ma jkollux 18-il sena; u

(*b*) prattikant mediku approvat jew servizz tas-saħħa għal fuq il-post tax-xogħol approvat, ma jkunux iċċertifikaw fir-*record* tas-saħħa li dak il-ħaddiem huwa b'saħħtu għax-xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti li huwa għandu jwettaq.

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni jista' jieqaf jitratta ħaddiem bħala wieħed tal-kategorija A biss fl-aħħar tas-sena kalendarja ħlief fejn:

(*a*) prattikant mediku approvat jew servizz tas-saħħa approvat fuq il-post tax-xogħol approvat jirrikjedu dan jew;

(*b*) il-ħaddiem ma jibqax impjegat ma' min iħaddem fir-radjazzjoni f'pożizzjoni li probabbli tirriżulta f'espożizzjoni sinifikanti għar-radjazzjoni ionizzanti għall-kumplament tas-sena kalendarja rilevanti.

Informazzjoni u taħriġ.

**29.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li l-ħaddiema, apprendisti u studenti esposti li, waqt ix-xogħol jew studji tagħhom, ikunu obbligati li jużaw sorsi, jingħataw informazzjoni, istruzzjoni u taħriġ xieraq u biżżejjed dwar:

(*a*) ir-riskji tas-saħħa involuti fix-xogħol tagħhom inkluż:

(i) il-proċeduri u prekawzjonijiet ta' protezzjoni mir-radjazzjoni ġenerali li għandhom jittieħdu u, partikolarment, dawk involuti f'kondizzjonijiet tax-xogħol u operazzjonali fejn jidħlu kemm il-prattika jew attività ta' xogħol in ġenerali u kemm kull tip ta' post tax-xogħol jew xogħol li għalih jistgħu jkunu assenjati; u

(ii) l-importanza tal-konformità mal-ħtiġiet tekniċi, mediċi u amministrattivi;

(*b*) fil-każ tan-nisa, il-bżonn għal dikjarazzjoni tat-tqala minn kmieni minħabba r-riskji ta' espożizzjoni għat-tarbija li tkun ser titwieled u r-riskju ta' kontaminazzjoni tat-tarbija li tkun għadha terda' fil-każ ta' kontaminazzjoni radjoattiva tal-ġisem u l-bżonn li jinfurmaw lil min iħaddem kemm jista' jkun malajr kif stipulat fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol.

L.S. 424.11

Evalwazzjoni u implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni mir-radjazzjoni.

**30.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jkun responsabbli li jevalwa u jimplimenta arranġamenti għall-protezzjoni mir-radjazzjoni ta' ħaddiema esposti.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (4), kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jikkonsulta lil dawk l-esperti

kwalifikati xierqa, kif neċessarju, bl-iskop li jingħata parir dwar l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti u għandu, f'kull każ, jikkonsulta esperti kwalifikati dwar:

(*a*) eżami kritiku minn qabel tal-pjanijiet għall-istallazzjonijict mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(*b*) l-aċċettazzjoni f'servizz ta' sorsi ġodda jew modifikati mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(*ċ*) spezzjoni regolari ta' l-effettività ta' mezzi u tekniċi protettivi;

(*d*) kalibrazzjoni regolari ta' l-istrumenti tal-kejl u spezzjoni regolari tal-funzjonalità u l-użu korrett tagħhom;

(*e*) reviżjoni perjodika (u aġġornament) ta' proċeduri u dokumenti rilevanti.

(3) Fejn ikun ikkonsultat espert kwalifikat skond il-ħtiġiet tas-subregolament (2) (ħlief għall-osservanza ta' dak is-subregolament), min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jaħtar lil dak l-espert kwalifikat bil-miktub u għandu jinkludi f'dik il-ħatra l-iskop tal-parir li l-espert ikun jeħtieġ jagħti.

(4) Xejn fis-subregolament (2) m'għandu jirrikjedi lil min iħaddem fir-radjazzjoni li jikkonsulta espert kwalifikat fejn l-uniku xogħol b'radjazzjoni ionizzanti magħmul ikun xogħol speċifikat fir-regolament 18.

(5) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jipprovdi lill-esperti kwalifikati kollka maħtura minnu b'informazzjoni adegwata u faċilitajict għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu.

## TAQSIMA VIII

## MIŻURI GĦAR-RESTRIZZJONI TA' L-ESPOŻIZZJONI

**31.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jkun responsabbli li jevalwa u jimplimenta arranġamenti għall-protezzjoni radjoloġika tal-pubbliku, ħaddiema u l-ambjent. Restrizzjoni ta' l-espożizzjoni.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu, fejn jidħol xogħol b'radjazzjoni ionizzanti, jieħu l-passi meħtieġa kollha sabiex jirrestrinġi, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, il-kwantità ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti għall-ħaddiema u persuni oħra.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (2), min iħaddem fir-radjazzjoni għandu sa fejn huwa raġonevolmcnt prattikabbli, jilħaq ir-restrizzjoni ta' l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti rikjesta taħt dak is-subregolament permezz ta' kontrolli bl-inginerija u post adegwat, disinn, fatturi organizzattivi u sistemi maniġerjali, proċeduri operattivi u barra dan permezz tal-provvista u l-użu ta' fatturi ta' sigurtà, apparat protettiv u mezzi ta' twissija.

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni u jipprovdi xi sistema ta' tagħmir protettiv tax-xogħol jew personali skond dan ir-regolament għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli sabiex jiżgura li dan ikun

użat jew applikat sewwa skond il-każ.

(5) Fejn hu xieraq li jsir hekk fl-istadju ta' l-ippjanar tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, għandhom jintużaw limitazzjonijiet tad-doża fir-restrizzjoni ta' l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti skond is-subregolament (1).

(6) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu, bl-iskop li jiddetermina jekk hux qegħdin jintlaħqu l-ħtiġiet tas-subregolament (1), jiżgura li qegħda ssir investigazzjoni meta d-doża effettiva ta' radjazzjoni ionizzanti assorbita mill-ħaddiema għall-ewwel darba f'sena kalendarja taqbeż 6mSv jew doża effettiva iktar baxxa oħra kif jista' jispeċifika min iħaddem, liema doża għandha tkun speċifikata fid-dokumentazzjoni tal-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Munutenzjoni u eżami, titjib ta' kontroll, apparat għall-monitoraġġ, proċeduri operattivi u tagħmir protettiv personali.

**32.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni u jipprovdi kontroll bl-inġinerija u apparat għall-monitoraġġ, fattur ta' disinn, proċeduri operattivi, tagħmir protettiv personali, fattur ta' sigurtà jew mezz ta' twissija sabiex jilħqu l-ħtiġiet tar-regolament 31 għandu jiżgura -

(*a*) li kull kontroll, fattur jew mezz bħal dan ikun miżmum sewwa, u

(*b*) fejn hu xieraq, isiru eżamijiet u testijiet sewwa ta' dawn il-kontrolli, fatturi jew mezzi kull tant żmien kif xieraq,

(*ċ*) *record* ta' dak l-eżami, manutenzjoni u titjib ikun miktub u miżmum sa mill-anqas sentejn mid-data li l-eżami jkun sar, u li r-*record* ikun jinkludi dikjarazzjoni fuq il-kondzzjoni ta' l-apparat fil-ħin ta' l-eżami.

Tagħmir protettiv personali.

L.S. 427.50

**33.** Kull tagħmir protettiv personali provvdut minn min iħaddem skond ir-regolament 32 għandu jkun konformi ma' kwalunkwe disposizzjoni fl-Ordni dwar it-Tagħmir Protettiv Personali, li hija applikabbli għal dak l-oġġett ta' tagħmir protettiv personali.

Għażla tal-postijiet ikkontrollati.

**34.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jagħżel bħala post kkontrollat kwalunkwe post taħt il-kontroll tiegħu li jkun ġie identifikat b'evalwazzjoni magħmula minnu (kemm jekk skond ir-regolament 27 u kemm jekk mod ieħor) bħala post li fih -

(*a*) huwa neċessarju għal kull persuna li tidħol jew taħdem hemmhekk li ssegwi proċeduri speċjali magħmula sabiex jirrestrinġu l-espożizzjoni sinifikanti għar-radjazzjoni ionizzanti f'dak il-post jew li jipprevenu jew jillimitaw il-probabilità u d-daqs ta' inċidenti tar-radjazzjoni jew l-effetti tagħhom; jew

(*b*) hemm il-possibilità li kull persuna li taħdem hemmhekk tirċievi doża effettiva ikbar minn 6mSv fis-sena jew doża ekwivalenti ikbar minn 3/10 ta' xi limitu ta' doża rilevanti msemmi fit-Tielet Skeda fejn jidħlu ħaddiema minn 18-il sena 'il fuq.

(2) Min iħaddem m'għandux intenzjonalment joħloq f'xi post kondizzjonijiet li jkunu jirrikjedu li l-post jiġi magħżul bħala

wieħed kkontrollat sakemm il-post ma jkunx għal dak iż-żmien taħt il-kontroll ta' min iħaddem.

(3) Il-ħtiġiet minimi għal post kkontrollat huma kif ġej:

(*a*) il-post kkontrollat għandhu jkun delineat u l-aċċess għalih għandu jkun ristrett għal individwi li rċevew l-istruzzjonijiet xierqa u għandhu jkun ikkontrollat skond il-proċeduri bil-miktub provvduta mill-impriża. Kull fejn ikun hemm riskju sinifikanti tat-tixrid ta' kontaminazzjoni radjoattiva, għandhom isiru arranġamenti speċifiċi, inkluż l-aċċess u l-ħruġ ta' individwi u prodott;

(*b*) waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni n-natura u d-daqs tar-riskji radjoloġiċi fil-post kkontrollat, għandha tkun organizzata sorveljanza radjoloġika ta' l-ambjent tax-xogħol skond id-disposizzjoniijiet tar-regolamenti 37 u 38;

(*ċ*) għandu jkun hemm sinjali li jindikaw it-tip ta' post, in-natura tas-sorsi u r-riskji;

(*d*) sinjal ta'twissija, kif irrakkomandat mill-ISO u sinjali li jindikaw it-tip ta' post, in-natura tas-sorsi u r-riskji;

(*e*) għandu jkun hemm stipulati istruzzjonijiet tax-xogħol xierqa għar-riskju radjoloġiku assoċjat mas-sorsi u l-operazzjonijiet involuti;

(*f*) id-dħul u l-ħruġ minn postijiet kontrollati għandhom ikunu pprovduti b'mezzi adegwati għal tibdil tal-ħwejjeġ, monitoraġġ għall-kontaminazzjoni u għal dekontaminazzjoni personali.

(4) L-implimentazzjoni ta' dawn id-dmirijiet titwettaq taħt ir-responsabbiltà ta' min iħaddem fir-radjazzjoni wara konsultazzjonijiet mas-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat jew esperti kwalifikati, u l-kondizzjonijiet tax-xogħol għandhom jibqgħu taħt reviżjoni.

(5) Xejn f'dawn ir-regolamenti m'għandu jinftiehem li jżomm persuna milli tidħol jew tibqa' f'post kkontrollat jew post sorveljat fejn dik il-persuna tidħol jew tibqa' f'dak il-post -

(*a*) waqt l-eżerċizzju tal-poter tad-dħul mogħti lilu b'xi leġislazzjoni jew

(*b*) għal raġuni ta' espożizzjoni medika.

(6) (*a*) Min iħaddem fir-radjazzjoni f'post kkontrollat li fih jaħdmu ħaddiema barranin għandu jkun responsabbli, jew direttament jew permezz ta' ftehim kuntrattwali, għall-aspetti operazzjonali tal-protezzjoni radjoloġika tagħhom li huma relatati direttament man-natura tal-post kkontrollat u ta' l-attivitajiet u għandu jiżgura li l-protezzjoni offruta lill-ħaddiema barranin tkun ekwivalenti għal dik mogħtija lill-ħaddiema tiegħu.

(*b*) Partikolarment, għal kull ħaddiem barrani li jwettaq attivitajiet f'post kkontrollat, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu:

(i) jiżgura li l-ħaddiem ikkonċernat ġie meqjus bħala medikament b'saħħtu għall-attivitajiet assenjati lilu;

(ii) jiżgura li l-ħaddiem irċieva taħriġ speċifiku in konnessjoni mal-karatteristiċi kemm tal-post kkontrollat kif ukoll ta' l-attivitajiet;

(iii) jiżgura li inħariġlu t-tagħmir protettiv personali neċessarju;

(iv) jiżgura wkoll li jirċievi monitoraġġ fuq l-espożizzjoni individwali xieraq għan-natura ta' l-attivitajiet, u monitoraġġ dożimetriku operazzjonali li jista' jkun neċessarju;

(v) jiżgura l-konformità mal-prinċipji ġenerali u l-limitazzjoni tad-dożi msemmija fir-regolament 22;

(vi) jiżgura li kmieni kemm hu raġonevolment prattikabbli wara li jitwettaq is-servizz minn dak il-ħaddiem barrani f'dak il-post kkontrollat, tkun iddaħħlet stima tad-doża assorbita minn dak il-ħaddiem fir-reġistru tar-radjazzjoni tiegħu; u

(vii) meta r-reġistru tar-radjazzjoni tal-ħaddiem barrani jkun fil-pussess ta' min iħaddem, ir-reġistru tar-radjazzjoni jkun disponibbli għal dak il-ħaddiem jekk jitolbu.

(7) Min iħaddem estern għandu jew direttament jew permezz ta' ftehim kuntrattwali ma' min iħaddem fir-radjazzjoni, jiżgura l-protezzjoni radjoloġika operazzjonali tal-ħaddiema tagħhom kif imsemmi fit-Taqsima VI u dan għandu jinkludi miżuri xierqa sabiex jiżgura:

(*a*) il-limitazzjoni tad-dożi

(*b*) l-għoti ta' informazzjoni u t-taħriġ

(*ċ*) monituraġġ u *records* ta' l-espożizzjoni individwali

(*d*) sorveljanza medika.

Għażla tal-postijiet sorveljati.

**35.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jagħżel bħala post sorveljat kwalunkwe post taħt il-kontroll tiegħu li ma jkunx post magħżul bħala wieħed ikkontrollat:

(*a*) fejn ikun neċessarju li jinżammu l-kondizzjonijiet tal-post taħt kontroll sabiex ikun determinat jekk il-post għandhux jintgħażel bħala wieħed ikkontrollat; jew

(*b*) li fih hemm il-possibilità li kwalunkwe persuna tirċievi doża effettiva ikbar minn 1mSv fis-sena jew doża ekwivalenti ikbar minn 1/10 ta' xi limitu ta' doża rilevanti msemmi fit-Tielet Skeda fejn jidħlu ħaddiema minn 18-il sena 'il fuq.

(2) Il-ħtiġiet għal post sorveljat huma kif ġej:

(*a*) ta' lanqas, waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni n-natura u d-daqs tar-riskji radjoloġiċi fil-post ssorveljat, għandha tkun organizzata sorveljanza radjoloġika ta' l-

ambjent tax-xogħol skond id-disposizzjoniijiet tar-regolamenti 37 u 38;

(*b*) il-post għandu jkun delinejat sew u għandu jkun hemm sinjali li jindikaw it-tip ta' post, in-natura tas-sorsi u r-riskji li jippreżentaw;

(*ċ*) istruzzjonijiet tax-xogħol u proċeduri operattivi xierqa għar-riskju radjoloġiku assoċjat mas-sorsi u x-xogħol involuti għandhom ikunu miktuba u li jiġu riveduti perjodikament, sabiex jiġi stabbilit il-ħtieġa ta' revisjoni tal-kejlijiet protettivi u proviżjonijiet ta' sigurtà, inklużi l-konfini tal-post.

(3) L-implimentazzjoni ta' dawn id-dmirijiet titwettaq taħt ir-responsabbiltà ta' min iħaddem fir-radjazzjoni wara konsultazzjonijiet ma' l-esperti kkwalifikati jew mas-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat.

Regoli lokali u sorveljanti fuq il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

**36.** (1) Għall-iskopijiet li jitwettaq ix-xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti skond il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti, kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu, fejn jidħol xi post kkontrollat jew, fejn xieraq skond in-natura tax-xogħol imwettaq hemmhekk, kwalunkwe post sorveljat, jiddeċiedi u jagħmel bil-miktub dawk ir-regoli lokali kif xieraq għar-riskju ta' radjazzjoni u n-natura ta' l-operazzjonijiet magħmula f'dak il-post.

(2) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex jiżgura li kull regola lokali magħmula skond is-subregolament (1) tiġi osservata.

(3) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura tinġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema jew persuni li jistgħu jiġu affettwati b'dawk ir-regoli magħmula skond is-subregolament (1) li jkunu relevanti.

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu -

(*a*) jaħtar sorveljant xieraq fuq il-protezzjoni mir-radjazzjoni, wieħed jew aktar, bl-iskop li jassigura l-konformità ma' dawn ir-regolamenti fejn jidħol xogħol imwettaq f'post li għalih japplikaw regoli lokali skond is-subregolament (1); u

(*b*) jistipula fir-regoli lokali l-ismijiet ta' dawk l-individwi hekk maħtura.

## TAQSIMA IX

## MONITORAĠĠ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Monitoraġġ fuq il-post tax-xogħol.

**37.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jistabbilixxi, izomm u jibqa jirrevedi programm adegwat għal sorveljanza radjoliġika xierqa u biżżejjed ta' postijiet ikkontrollati u sorveljati li għandha tinkludi l-post tax xogħol, li jirrifletti man-natura u r-riskju assocjat mas-sors, li jkun fih, kif xieraq -

(*a*) il-kejl tar-rati tad-doża esterni, li jindika n-natura u l-kwalità tar-radjazzjoni in kwistjoni;

(*b*) il-kejl tal-konċentrazzjoni ta' l-attività ta' l-arja u d-

densità tal-wiċċ tas-sustanzi radjoattivi li jikkontaminaw, li jindika n-natura tagħhom u l-istati fiżiċi u kimiċi tagħhom.

(2) Ir-riżultati ta' dawn il-kejlijiet għandhom ikunu rrekordjati u għandhom jintużaw, jekk neċessarju, għall-istima tad-dożi individwali, kif stipulat fir-regolament 38.

Monitoraġġ individwali.

**38.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li jitwettaq b'mod sistematiku monitoraġġ individwali għall-evalwazzjoni tad-dożi ta' radjazzjoni ionizzanti kollha assorbiti minn ħaddiema tal-kategorija A esposti u li jinżammu *records* ta' dawn l-evalwazzjonijiet.

(2) Għall-iskopijiet tas-subregolament (1), min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jagħmel l-arranġamenti xierqa ma' servizz tad-dożimetrija approvat, wieħed jew aktar sabiex -

(*a*) jagħmel evalwazzjonijiet sistematiċi ta' dawk id-dożi bl-użu ta' kejl individwali tajjeb għal perjodi xierqa jew, fejn il-kejl individwali ma jkunx addattat, permezz ta' kejlijiet oħra tajbin; u

(*b*) jagħmel u jżomm *records* tad-doża li għandhom x'jaqsmu ma' kull ħaddiem tal-kategorija A.

(3) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jipprovdi servizz tad-dożimetrija approvat bl-informazzjoni li tikkonċerna lill-ħaddiema kif ikun neċessarju għas-servizz tad-dożimetrija approvat sabiex ikun konformi ma' l-arranġamenti magħmula għall-iskopijiet tas-subregolament (2).

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu -

(*a*) jiżgura li kull ħaddiem barrani impjegat minnu jkun provvdut b'reġistru tar-radjazzjoni individwali kurrenti li m'għandux ikun trasferibbli għal xi ħaddiem ieħor u li fih għandhom jiddaħħlu d-dettalji stipulati fir-Raba' Skeda; u

(*b*) jagħmel arranġamenti xierqa sabiex jiżgura li min iħaddem iżomm id-dettalji mdaħħla fir-reġistru tar-radjazzjoni aġġornati waqt l-impjieg tal-ħaddiem barrani.

(5) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu -

(*a*) fuq it-talba ta' ħaddiem tal-kategorija A impjegat minnu (jew ta' persuna preċedentement impjegata minnu bħala ħaddiem tal-kategorija A u wara li tingħata notifika raġonevoli, jikseb (fejn neċessarju) kopja tar-*record* tad-doża ta' dik il-persuna mis-servizz tad-dożimetrija approvat u jagħmilha disponibbli għal dik il-persuna, u

(*b*) meta ħaddiem tal-kategorija A ma jibqax impjegat ma' min iħaddem, jieħu l-passi raġonevoli kollha sabiex jipprovdi lil dik il-persuna b'kopja tar-*record* tat-terminazzjoni tiegħu.

(6) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li l-monitoraġġ

għal ħaddiema tal-klassi B għandu jkun għallinqas suffiċenti sabiex juri li dawn il-ħaddiema huma klassifikati korrettament fil-kategorija B:

Iżda, il-Bord jista' jirrikjedi lil min iħaddem fir-radjazzjoni li jipprovdi monitoraġġ individwali u jekk neċessarju kejlijiet individwali bl-użu ta' serizz tad-dożimetrija approvat għall-ħaddiema tal-kategorija B.

(7) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jżomm *records* separati ta' kull espożizzjoni, kemm jekk imkejjla u kemm jekk stmati, skond l-awtorizzazzjonijiet speċjali u sitwazzjonijiet aċċidentali jew ta' emerġenza.

**39.** (1) Meta jintuża dożimetru jew mezz ieħor sabiex isir kejl u żidiet individwali taħt ir-regolament 38(2) u dak l-apparat jew mezz jintilef, jitħassar jew jitkisser jew ma jkunx prattikabbli li jkejjel id-doża meħuda minn ħaddiem tal-kategorija A fuq kwalunkwe perjodu, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jagħmel investigazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ bl-iskop li jagħmel stima tad-doża meħuda minn dik il-persuna waqt dak il-perjodu u jew -

Dożi stmati u żidiet speċjali.

(*a*) f'każ fejn hemm biżżejjed informazzjoni sabiex issir stima tad-doża meħuda minn dik il-persuna, għandu jibgħat lis-servizz tad-dożimetrija approvat sommarju adegwat ta' l-informazzjoni użata sabiex issir l-istima ta' dik id-doża u għandu jirranġa sabiex is-servizz tad-dożimetrija approvat idaħħal id-doża stmata fir-*record* tad-doża ta' dik il-persuna, jew

(*b*) f'każ fejn ma jkunx hemm informazzjoni adegwata sabiex issir stima tad-doża meħuda mill-ħaddiem tal-kategorija A, għandu jirranġa sabiex is-servizz tad-dożimetrija approvat idaħħal doża ta' ħjiel fir-*record* tad-doża ta' dik il-persuna li għandha tkun proporzjon mil-limitu tad-doża annwali totali għall-perjodu rilevanti,

u fi kwalunkwe każ min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jieħu l-passi raġonevoli sabiex jinforma lill-ħaddiem tal-kategorija A ta' dik iż-żieda u jirranġa sabiex is-servizz tad-dożimetrija approvat jidentifika ż-żieda fir-*record* tad-doża bħala doża stmata jew doża ta' ħjiel skond il-każ.

**40.** (1) Meta jiġri xi ħaġa, inkluż xi espożizzjoni aċċidentali jew ta' emerġenza, li x'aktarx tista' tirriżulta f'persuna li tirċievi doża effettiva ta' inċidenti u radjazzjoni ionizzanti ta' iktar minn 6mSv jew doża ekwivalenti ikbar minn tlieta minn għaxra ta' kwalunkwe limitu tad-doża relevanti, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu -

Dożimetrija għall-inċidenti u espożizzjonijiet ta' emerġenza.

(*a*) fil-każ ta' ħaddiem li għalih ikun inħareġ dożimetru jew mezz ieħor skond ir-regolament 38(2)(*b*), jirranġa għal dak id-dożimetru jew mezz sabiex jiġi eżminat u jiġi evalwat għad-doża meħuda mis-servizz tad-dożimetrija approvat kemm jista' jkun malajr,

(*b*) fi kwalunkwe każ ieħor, jirranġa għad-doża sabiex tiġi

evalwata b'xi mezz xieraq kemm jista' jkun malajr, waqt li jieħu in konsiderazzjoni l-parir ta' l-espert kwalifikat.

(2) F'każ bħal dan, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu -

(*a*) jieħu l-passi raġonevolment prattikabbli kollha sabiex jinforma lil kull persuna li għaliha tkun saret evalwazzjoni tad-doża bir-riżultat ta' dik l-evalwazzjoni; u

(*b*) jissottometti r-riżultati tal-monitoraġġ individwali lill-Bord mingħajr dewmien.

Irrekordjar u rappurtaġġ tar-riżultati.

**41.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li jinżamm *record* tad-doża waqt il-ħajja tax-xogħol li tinvolvi espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti ta' ħaddiema esposti, u wara, sakemm l-individwu jagħlaq jew kieku jkun għalaq l-età ta' 75 sena, iżda fi kwalunkwe każ mhux inqas minn 30 sena mit-terminazzjoni tax-xogħol li jinvolvi espożizzjoni u li dan ikun jinkludi:

(*a*) *record* ta' l-espożizzjonijiet imkejjla jew stmati, skond il-każ, tad-dożi individwali skond ir-regolamenti 23, 38, 39 u 40;

(*b*) fil-każ ta' espożizzjonijiet imsemmija fir-regolament 39 u 40, ir-rapporti relatati maċ-ċirkostanzi u l-azzjoni meħuda;

(*ċ*) ir-riżultati tal-monitoraġġ fuq il-post tax-xogħol użat sabiex jevalwa d-dożi fejn neċessarju.

(2) L-espożizzjoni msemmija fir-regolamenti 23, 39 u 40 għandha tkun irrekordjata separatament fir-*record* tad-doża msemmi fis-subregolament (1).

(3) Ir-riżultati tal-monitoraġġ individwali meħtieġ mir-regolamenti 38, 39 u 40 għandhom ikunu -

(*a*) disponibbli għall-Bord;

(*b*) disponibbli għall-ħaddiem ikkonċernat skond is-subregolament (5);

(*ċ*) sottomessi lill-espert kwalifikat sabiex jinterpreta l-effiċjenza tal-programm ta' protezzjoni mir-radjazzjoni ta' min iħaddem;

(*d*) sottomessi lill-prattikant mediku approvat jew lis-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat sabiex jinterpreta l-implikazzjonijiet tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem, kif stipulat fir-regolament 43.

(4) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li l-ħaddiema jkollhom aċċess fuq it-talba tagħhom għar-riżultati tal-monitoraġġ individwali tagħhom, inklużi riżultati ta' kejlijiet li setgħu intużaw fl-istima tagħhom, jew ta' l-evalwazzjonijiet tad-dożi tagħhom magħmula riżultat tal-kejlijict fuq il-post tax-xogħol.

(5) Il-Bord għandu jiffaċilità l-iskambju xieraq tal-informazzjoni rilevanti kollha dwar id-dożi meħuda preċedentement minn ħaddiem sabiex iwettaq l-eżami mediku

qabel l-impjieg jew il-klassifikazzjoni bħala ħaddiem tal-kategorija A skond ir-regolament 44 u sabiex jikkontrolla iktar espożizzjoni tal-ħaddiema.

## TAQSIMA X

## DMIRIJIET TA’ PERSUNI FEJN JIDĦLU PRATTIĊI, ATTIVITAJIET TA’ XOGĦOL U SORSI

Dmirijiet ta’ persuni, fejn jidħlu prattiċi, attivitajiet ta’ xogħol u sorsi.

**42.** (1) Għandu jkun id-dmir ta’ kull persuna, kemm jekk individwu privat u kemm jekk kumpanija, li jagħti l-għajnuna u l-kooperazzjoni kollha tiegħu lil kwalunkwe uffiċjal awtorizzat li jaġixxi f’isem il-Bord fl-eżekuzzjoni leġittima ta’ xi dmir imwettaq sabiex jaqdi l-funzjonijiet tal-Bord u dan għandu jinkludi l-permess għall-aċċess għall-bini u l-faċilitajiet li fihom jinsabu jew huma mistennija li jkunu jinsabu s-sorsi tar-radjazzjoni sabiex tinkiseb informazzjoni dwar l-istat tas-sigurtà tar-radjazzjoni u l-verifika tal-konformità mal-ħtiġiet regolatorji:

Iżda dawn l-uffiċjali għandhom ikunu provvduti b’dokument mic-*Chairperson* Eżekuttiv tal-Bord li jidentifikahom bħala uffiċjali fuq xogħol uffiċjali tal-Bord u dan id-dokument għandu jintwera lill-persuna li l-għajnuna jew il-kooperazzjoni tagħha tkun mitluba.

(2) Għandu jkun id-dmir ta’ kull persuna, kemm jekk individwu privat u kemm jekk kumpannija, li jirrispetta kull kondizzjoni fi kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord, jew xi komunikazzjoni oħra tal-Bord fejn tidħol xi miżura tas-sigurtà mitluba fi prattika jew attività ta’ xogħol.

(3) Persuna li tagħmel xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti għandha -

(*a*) mingħajr ma taf tesponi lilha nnifisha jew lil xi persuna oħra għar-radjazzjoni ionizzanti għal iktar milli huwa raġonevolment neċessarju għall-iskopijiet tax-xogħol tiegħu,

(*b*) teżerċita attenzjoni raġonevoli waqt dan ix-xogħol,

(*ċ*) tikkoopera bis-sħiħ ma’ min iħaddem fl-implimentazzjoni ta’ kwalunkwe miżura meħuda fuq il-post tax-xogħol immirata sabiex timminimizza l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti,

(*d*) tikkunsidra sewwa kull informazzjoni rilevanti fornuti lilha u tipparteċipa bis-sħiħ f’kull programm ta’ istruzzjoni u taħriġ ikkunsidrat neċessarju minn min iħaddem,

(*e*) issegwi r-regoli u l-proċeduri applikabbli kollha għall-protezzjoni u s-sigurtà tagħha, u

(*f*) tirrapporta immedjatament kull nuqqas fil-kejlijiet imsemmija fil-paragrafu (*ċ*) lil min ihaddem.

(4) Kull persuna li tagħmel xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti u li lilha jiġi pprovdut tagħmir protettiv personali skond ir-regolament 31(3)(*ċ*) għandha -

(*a*) tagħmel użu sħiħ u tajjeb tat-tagħmir protettiv

personali,

(*b*) tirrapporta lil min iħaddem kull difett li tiskopri f'dan it-tagħmir prottettiv personali, u

(*ċ*) tieħu l-passi raġonevoli kollha sabiex tiżgura li wara l-użu t-tagħmir protettiv personali jkun irritornat f'postu.

(5) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem barrani li ma jużax ħażin ir-reġistru tar-radjazzjoni maħruġ lilu jew jiffalsifika jew jipprova jiffalsifika xi informazzjoni li jkun fih.

(6) Kull persuna li magħha għandu x'jaqsam ir-regolament 38(1) u r-regolament 55(2)(*b*) għandha tkun konformi ma' kull ħtieġa raġonevoli imposta fuqha minn min iħaddem bl-iskop li jwettaq il-kejlijiet u l-evalwazzjonijiet meħtieġa taħt ir-regolament 38(1) u r-regolament 40(1).

(7) Persuna li tkun suġġetta għal sorveljanza medika taħt ir-regolament 43 għandha, meta mitluba minn min iħaddem u bl-ispejjeż imħallsa minn min iħaddem, tippreżenta ruħha waqt il-ħin tax-xogħol għal eżami u testijiet mediċi kif jista' jinħtieġ għall-iskop tas-subregolament (1) ta' dak ir-regolament u għandha tipprovdi informazzjoni li tikkonċerna s-saħħa tagħha lill-prattikant mediku approvat jew lis-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat kif dan jista' raġonevolment jirrikjedi.

(8) Il-ħaddiem għandu minn hemm 'il quddiem jinnotifika lil min iħaddem jekk ikollu raġuni biex jaħseb li -

(*a*) huwa jew persuna oħra rċieva espożizzjoni żejda

(*b*) ġara xi haġa msemmija fir-regolament 64(1) jew (2).

## TAQSIMA XI

## SORVELJANZA MEDIKA TAL-ĦADDIEMA ESPOSTI

Sorveljanza medika.

**43.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura s-sorveljanza medika xierqa ta' kull ħaddiem espost, u minkejja din ir-responsabbiltà in ġenerali, għandu jagħmel użu mis-servizzi ta' prattikanti mediċi approvati jew servizzi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat sabiex iwettqu sorveljanza medika tal-ħaddiema tal-kategorija A sabiex jaraw l-istat tas-saħħa tagħhom li għandha x'taqsam ma' l-abilità li jwettqu xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti.

(2) Din is-sorveljanza għandha tapplika għall-ħaddiema li ġejjin:

(*a*) ħaddiema tal-kategorija A,

(*b*) ħaddiema li rċevew espożizzjoni żejda u li mhumiex ħaddiema tal-kategorija A,

(*ċ*) ħaddiema li jagħmlu xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti suġġett għall-kondizzjonijiet imposti minn prattikant mediku approvat jew servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat taħt is-subregolament (6).

(3) Din is-sorveljanza għandha tinkludi:

(*a*) eżami mediku dettaljat qabel l-impjieg jew il-

klassifikazzjoni bħala ħaddiem tal-kategorija A sabiex tiġi determinata s-saħħa tal-haddiem għal post bħala ħaddiem tal-kategorija A,

(*b*) viżiti tas-saħħa perjodiċi.

(4) Dawn l-eżamijiet għandhom jieħdu in konsiderazzjoni t-tip ta' xogħol u l-istat tas-saħħa tal-ħaddiem individwali u għandhom isiru -

(*a*) mill-inqas darba fis-sena, sabiex jiżguraw is-saħħa kontinwa għall-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, u

(*b*) iktar minn darba fis-sena jekk il-prattikanti mediċi jikkunsidraw neċessarju.

(5) Il-prattikanti mediċi approvati jew is-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat jistgħu jindikaw il-bżonn ta' sorveljanza medika li tkompli wara li jieqaf ix-xogħol għal tul ta' żmien li dawn jikkunsidraw neċessarju sabiex jissalvagwardjaw is-saħħa tal-persuna kkonċernata.

(6) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li tkun provvduta sorveljanza medika f'kull każ fejn jinqabeż wieħed mil-limiti ta' doża stipulati fit-Tielet Skeda u għandu jiżgura li kull kondizzjoni ta' espożizzjoni sussegwenti tkun suġġetta għall-qbil tal-prattikant mediku approvat jew tas-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat.

(7) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura wkoll li l-miżuri kollha kkunsidrati neċessarji mill-prattikant mediku approvat jew mis-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa ta' l-individwu espost bħal iktar eżamjiet, miżuri ta' dekontaminazzjoni jew trattament rimedjali urġenti jitwettqu mingħajr dewmien żejjed.

Klassifikazzjoni medika.
*Emendat: A.L. 173 ta' l-2004.*

**44.** (1) Wara kull eżami sabiex tiġi aċċertata l-kondizzjoni fiżika għal xogħol bħala ħaddiem fil-kategorija A, il-prattikant mediku approvat jew is-servizzi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvati għandhom jikklassifikaw lill-ħaddiem bħala -

(*a*) b'saħħtu, jew

(*b*) b'saħħtu, suġġett għal ċerti kondizzjonijiet, jew

(*ċ*) mhux b'saħħtu.

(2) Fejn il-prattikant mediku approvat jew is-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat ikun iċċertifika fir-*record* tas-saħħa tal-ħaddiema tal-kategorija A li miegħu jirrelata dan ir-regolament li ħaddiem m'għandux jagħmel xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti jew li għandu jagħmel dan biss taħt kondizzjonijiet li jkunu ġew speċifikati fir-*record* tas-saħħa, min iħaddem m'għandux iħalli lil dak il-ħaddiem jaħdem bir-radjazzjoni ionizzanti ħlief skond il-kondizzjonijict, jekk ikun hemm, speċifikati.

(3) Bl-iskop li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, tabib approvat jew servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat għandu jkollu aċċess għal kull informazzjoni rilevanti li jkun jeħtieġ, inkluż kull informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet ambjentali li jkunu jeżistu fuq il-post tax-xogħol.

*Records* tas-saħħa.

**45.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li jkun hemm *record* tas-saħħa li jkun fiha d-dettalji msemmija fil-Ħames Skeda għal kull ħaddiem imsemmi fir-regolament 43(2), u li jinżamm aġġornat għaż-żmien li fih dan jibqa' ħaddiem ta' dik il-kategorija. Minn hemm 'il quddiem ir-*record* jew kopja tiegħu għandu jinżamm sakemm l-individwu jagħlaq jew kieku jkun għalaq 75 sena, iżda fi kwalunkwe każ mhux inqas minn 30 sena mit-tmiem tax-xogħol li jinvolvi espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti.

Appelli.

**46.** Kwalunkwe persuna li tħossha mweġġgħa b'deċiżjoni meħuda skond ir-regolament 43(6) u 44 tista' tappella lill-Bord tal-Appelli għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u d-deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' l-Appelli għandha tkun finali.

## TAQSIMA XII

## ŻIEDA SINIFIKANTI FL-ESPOŻIZZJONI MINĦABBA SORSI TA' RADJAZZJONI NATURALI

Protezzjoni kontra espożizzjoni minn sorsi ta' radjazzjoni naturali terrestri.

**47.** (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem fir-radjazzjoni li jidentifika, permezz ta' stħarriġ jew permezz ta' mezzi xierqa oħra, attivitajiet ta' xogħol, li mhumiex koperti bir-regolament 4(1), li l-preżenza ta' sorsi ta' radjazzjoni naturali fihom twassal għal żieda sinifikanti fl-espożizzjoni tal-ħaddiema jew tal-membri tal-pubbliku li ma jistgħux jitħallew barra min-naħa ta' protezzjoni mir-radjazzjoni. Dawn l-attivitajiet ta' xogħol jinkludu partikolarment:

(*a*) attivitajiet ta' xogħol fejn il-ħaddiema u, fejn xieraq, membri tal-pubbliku jkunu esposti għal iżotopi li jigu minn toron jew radon jew radjazzjoni gamma jew kwalunkwe espożizzjoni oħra fil-postijiet tax-xogħol bħal spas, għerien, mini, postijiet tax-xogħol taħt l-art u postijiet tax-xogħol 'il fuq mill-art f'postijiet identifikati;

(*b*) attivitajiet ta' xogħol li jinvolvu operazzjonijiet b'materjali, jew il-ħażna tagħhom, li mhux soltu jitqiesu bħala radjoattivi iżda li jkun fihom radjonuklidi li jitfaċċaw b'mod naturali, u li jkkawżaw żieda sinifikanti fl-espożizzjoni tal-ħaddiema u, fejn hu xieraq, membri tal-pubbliku;

(*ċ*) attivitajiet ta' xogħol li jwasslu għall-produzzjoni ta' fdalijiet li mhux soltu jitqiesu bħala radjoattivi iżda li jkun fihom radjonuklidi li jitfaċċaw b'mod naturali, u li jkkawżaw żieda sinifikanti fl-espożizzjoni tal-ħaddiema u, fejn hu xieraq, membri tal-pubbliku;

(*d*) operazzjoni ta' l-ajruplani.

(2) F'sitwazzjonijiet fejn min iħaddem fir-radjazzjoni jkun identifika attivitajiet ta' xogħol skond is-subregolament (1), fejn l-espożizzjoni għal sorsi ta' radjazzjoni naturali kellha bżonn l-attenzjoni u kella tiġi kkontrollata, min iħaddem fir-radjazzjoni

għandu jwaqqaf mezzi xierqa għall-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni u kif neċessarju -

(*a*) jimplimenta miżuri korrettivi sabiex inaqqas l-espożizzjoni skond it-Taqsima XIV jew parti minnha

(*b*) japplika miżuri ta' protezzjoni mir-radjazzjoni skond it-Taqsimiet IV, V, VI, VII, VIII, IX u XI, jew parti minnhom.

Protezzjoni ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajru.

**48.** Kull min iħaddem fir-radjazzjoni li jopera ajruplan għandu jikkunsidra l-espożizzjoni għar-radjazzjoni kożmika ta' l-ekwipaġġ li jistgħu ikunu suġġetti għal espożizzjoni ta' iktar minn 1mSv fis-sena. Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jieħu l-miżuri xierqa, partikolarment -

(*a*) sabiex jevalwa l-espożizzjoni ta' l-ekwipaġġ konċernat,

(*b*) sabiex jikkunsidra l-espożizzjoni evalwata meta jorganizza l-iskedi tax-xogħol bl-iskop li jnaqqas id-dożi ta' ekwipaġġ ta' l-ajru espost ħafna,

(*ċ*) sabiex jinforma lill-ħaddiema kkonċernati bir-riskji tas-saħħa li jinvolvi x-xogħol tagħhom,

(*d*) sabiex japplika t-Taqsima 3(2) u (3) tat-Tielet Skeda, għall-ekwipaġġ ta' l-ajru nisa.

## TAQSIMA XIII

## IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI GĦALL-POPOLAZZJONI F'CIRKOSTANZI NORMALI

Prinċipji bażiċi.

**49.** Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem fir-radjazzjoni li joħloq il-kondizzjonijiet neċessarji sabiex jiżgura l-aħjar protezzjoni possibbli għal persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bil-prattika jew attività ta' xogħol tiegħu, bbażati fuq il-prinċipji stipulati fir-regolament 20 u li japplika l-prinċipji fundamentali li jirregolaw il-protezzjoni operazzjonali tal-popolazzjoni.

Kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol li jinvolvu riskju ta' radjazzjoni għall-popolazzjoni.

**50.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżgura, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, il-protezzjoni mir-radjazzjoni operazzjonali tal-popolazzjoni f'ċirkostanzi normali minn prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol suġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel.

(2) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jagħmel l-arranġamenti u l-istħarriġ neċessarji kollha sabiex isib u jelimina l-fatturi li, waqt xi operazzjoni li tinvolvi espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti, jistgħu joħolqu riskju ta' espożizzjoni għall-popolazzjoni li ma tistax tintesa min-naħa tal-protezzjoni mir-radjazzjoni.

(3) Min iħaddem fir-radjazzjoni huwa responsabbli sabiex jimplimenta miżuri għal:

(*a*) jiżguraw is-sigurtà ta' s-sorsi, sabiex il-probabbiltà ta' espożizzjoni lill-pubbliku tkun ikkontrallata kif jitolbu r-rekwiziti ta' dawn ir-regolamenti;

(*b*) faċilitajiet, apparat u servizzi adegwati għall-protezzjoni tal-pubbliku, li n-natura u d-daqs tagħhom tkun komparabbli mal-kobor jew probabbiltà ta' l-espożizzjoni;

(*ċ*) taħriġ adekwat u perjodiku fis-sigurtà mir-radjazzjoni, lill-persuni li għandhom funzjonijiet rilevanti ta' protezzjoni lill-pubbliku.

Stimi tad-dożi tal-popolazzjoni.

**51.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu, kif xieraq, jistabbilixxi u jħaddem programm ta' monitoraġġ, li d-daqs u l-kumplessità tiegħu għandha tkun tikkompara mat-tip ta' u riskji assoċjati mas-sorsi taħt ir-responsabbiltà, li jkun suffiċjenti li jiżgura r-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti huma sodisfati u li jevalwa l-espożizzjoni lill-membri tal-pubbliku minn sorsi ta' radjoattività esterna u, jew rimi ta' sustanzi radjoattivi fl-ambjent.

(2) Il-Bord għandu -

(*a*) jiżgura li l-istimi tad-doża minn prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol msemmija fir-regolament 50 jsiru kemm jista' jkun b'mod realistiku għall-popolazzjoni in ġenerali u għall-gruppi kritikali tal-popolazzjoni fil-postijiet kollha fejn dawn il-gruppi jistgħu jkunu;

(*b*) jiddeċiedi dwar il-frekwenza ta' l-evalwazzjonijiet u jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jidentifika l-gruppi kritikali tal-popolazzjoni, waqt li jikkunsidra modi effettivi t'a kif jaslu s-sustanzi radjoattivi;

(*ċ*) jiżgura, waqt li jikkunsidra r-riskji radjoloġiċi, li l-istimi tad-doża tal-popolazzjoni tinkludi:

(i) evalwazzjoni tad-dożi minħabba radjazzjoni esterna, li tindika, fejn neċessarju, il-kwalità tar-radjazzjoni in kwistjoni,

(ii) evalwazzjoni ta' l-assorbiment ta' radjonuklidi, li tindika n-natura tar-radjonuklidi u, fejn neċessarju, l-istati fiżiċi u kimiċi tagħhom, u d-determinazzjoni ta' l-attività u l-konċentrazzjonijiet ta' dawn ir-radjonuklidi;

(iii) evalwazzjoni tad-dożi li l-gruppi kritikali tal-popolazzjoni jistgħu jirċievu u speċifikazzjoni tal-karatteristiċi ta' dawn il-gruppi;

(*d*) jirrikjedi li jinżammu *records* li għandhom x'jaqsmu ma' kejlijiet ta' l-espożizzjoni esterna, stimi ta' l-assorbiment ta' radjonuklidi u kontaminazzjoni radjoattiva kif ukoll mar-riżultati ta' l-evalwazzjoni tad-dożi meħuda mill-gruppi kritikali u mill-popolazzjoni.

Dmirijiet oħrajn ta' min iħaddem fir-radjazzjoni.

**52.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jmexxi l-prattika jew attività ta' xogħol tiegħu skond il-prinċipji tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni mil-lat ta' protezzjoni mir-radjazzjoni.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), dan għandu jinkludi partikolarment dan li ġej:

(*a*) it-titjib u ż-żamma ta’ livell mill-aħjar tal-protezzjoni ta’ l-ambjent u l-popolazzjoni;

(*b*) spezzjoni ta’ l-effettività ta’ mezzi tekniċi għall-protezzjoni ta’ l-ambjent u l-popolazzjoni;

(*ċ*) aċċettazzjoni fis-servizz l-applikazzjoni, mill-perspettiva tas-sorveljanza tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, tat-tagħmir u proċeduri għall-kejl u l-evalwazzjoni, kif xieraq, ta’ l-espożizzjoni u kontaminazzjoni radjoattiva ta’ l-ambjent u l-popolazzjoni;

(*d*) l-użu korrett, mantenimcnt u kalibrazzjoni regolari tal-istrumenti tal-kejl u spezzjoni regolari tal-funzjonalità u l-użu korrett tagħhom sabiex ikun żgurat li jiġu ottjenuti riżultati veri;

(*e*) żamma u aġġornamcnt tad-dokumentazzjoni rekordjati relatati ma’ (*a*) u (*b*).

(3) Min iħaddcm fir-radjazzjoni għandu jagħmel użu tajjeb mill-esperti kwalifikati u, jekk ncċessarju, l-unità speċjalizzata dwar għall-protezzjoni tar-radjazzjoni msemmija fir-regolament 26(4) sabiex jippermetti l-qadi ta’ dawn id-dmirijiet.

Kontroll ta’ viżitaturi.

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu -

(*a*) jiżgura li, l-viżitaturi fi kwalunkwe post ikkontrollat, jkunu akkumpanjati minn persuna li tkun taf il-miżuri ta’ sigurtà fir-radjazzjoni ta’ dan il-post;

(*b*) jipprovdi informazzjoni u tagħrif adegwat lill-viżitaturi qabel ma’ dawn jidħlu f’post ikkontrollat, sabiex jiġi assigurata l-protezzjoni xierqa lill-viżitaturi u ta’ individwi oħra li jistgħu jiġu affetwati bl-azzjonijiet tagħhom; u

(*ċ*) jiżgura li l-kontroll adegwat fuq dħul ta’ viżitaturi f’post sorveljat ikun mantnut u li sinjali xierqa jitpoggew f’dawn il-postijiet.

## TAQSIMA XIV

## INTERVENT

Intervent f’każi ta’ emerġenzi radjoloġiċi.

**53.** (1) Dawn il-ħtiġiet għandhom japplikaw għall-intervent f’każi ta’ emerġenzi radjoloġiċi jew f’każi ta’ espożizzjoni dewwiema li tirriżulta mill-effetti ta’ wara emerġenza radjoloġika jew ta’ prattika jew attività ta’ xogħol qadima jew tal-passat.

(2) L-implimentazzjoni u l-firxa ta’ kwalunkwe intervent għandha tkun ikkunsidrata li tkun konformi mal-prinċipji li ġejjin:

(*a*) l-intervent għandu jsir biss jekk it-tnaqqis f’detriment minħabba r-radjazzjoni ikun biżżejjed biex jiġġustifika l-ħsara u l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż soċjali, ta’ l-intervent,

(*b*) il-forma, l-iskala u t-tul ta’ żmien ta’ l-intervent għandhom ikunu mtejjba sabiex il-benefiċċju tat-tnaqqis f’detriment tas-saħħa mingħajr id-detriment assoċjat ma’ l-intervent, ikun massimu,

(*ċ*) il-limiti tad-doża kif stipulati fit-Tielet Skeda m'għandhomx japplikaw għal intervent madanakollu, il-livelli ta' l-intervent stabbiliti fl-applikazzjoni tar-regolament 58(1) jikkostitwixxu indikazzjonijiet dwar is-sitwazzjonijiet li fihom ikun għaqli intervent barra minn hekk, f'każi ta' espożizzjoni għal żmien twil koperti bir-regolament 59, il-limiti tad-doża stipulati fit-Tawsima 2 tat-Tielet Skeda għandhom ikunu normalment xierqa għall-ħaddiema involuti fl-interventi.

Espożizzjonijiet potenzjali.

**54.** Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu, fejn xieraq, jew jekk mitlub mill-Bord -

(*a*) jikkunsidra l-possibilità ta' emerġenzi radjoloġiċi li jirriżultaw minn prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol suġġetti għas-sistema ta' notifika jew awtorizzazzjoni stipulata fit-Taqsima 3;

(*b*) jagħmel evalwazzjoni tad-distribuzzjoni spazjali u temporali tas-sustanzi radjoattivi mxerrda fil-każ ta' emerġenza radjoloġika possibbli;

(*ċ*) jagħmel evalwazzjoni ta' l-espożizzjonijiet potenzjali korrispondenti.

Ħtiġiet ta' pjan ta' emerġenza ta' min iħaddem fir-radjazzjoni.

**55.** (1) Fejn issir evalwazzjoni skond ir-regolament 27 li turi li inċident bir-radjazzjoni huwa raġonevolment prevedibbli (wara li jitqiesu l-passi meħuda minn min iħaddem fir-radjazzjoni taħt is-subregolament (3) ta' dak ir-regolament), min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jipprepara pjan ta' emerġenza maħsub biex jassigura, sa fejn hu raġonevolment prattikabbli, ir-restrizzjoni ta' l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti u s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni li jistgħu ikunu affettwati b'inċident bħal dan u sabiex iħalli evalwazzjoni ta' l-espożizzjonijiet potenzjali korrispondenti.

(2) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li -

(*a*) fejn ir-regoli lokali jkunu meħtieġa għall-iskopijiet tar-regolament 36, kopja tal-pjan ta' emerġenza magħmul skond is-subregolament (1) jkun identifikat f'dawk ir-regoli u inkorporat fihom permezz ta' sommarju jew referenza;

(*b*) fejn xieraq, għandhom isiru provi ta' l-arranġamenti fil-pjan kull tant żmien.

(3) Il-pjanijiet ta' emerġenza, kif xieraq, iridu -

(*a*) jikkaratterizzaw l-estent ta' emerġenza potenzjali;

(*b*) jidentifikaw azzjonijiet protettivi;

(*ċ*) juru r-responsabilitajiet sabiex jiġu notifikati l-awtoritajiet rilevanti u sabiex jinbdew u jingħataw azzjonijiet protettivi u mitigazzjoni;

(*d*) jipprovdu proċeduri u arranġamenti ta' kommunikazzjoni sabiex isir kuntatt u tiġi ottenuta assistenza mid-Dipartimcnt tal-Protezzjoni Ċivili;

(*e*) jipprovdu għal taħriġ ta' persuni involuti fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza, u għal provi kull tant żmien flimkien ma' awtoritajiet konċernati;

(*f*) jipprovdu għal revizjoni perjodika u aġġornament tal-pjan;

(*g*) jidentifikaw arranġamenti sabiex jiġi infurmat il-pubbliku f'każ ta' emergenza; u

(*h*) jispeċifikaw il-kriterji ta' meta tiġi tterminata kull azzjoni preventiva.

(4) Kull ħaddiem taħt il-kontroll tiegħu li jista' jkun involut jew jista' jkun affettwat b'arranġamenti fil-pjan jingħata istruzzjonijiet xierqa u suffiċenti u fejn xieraq jinħariġlu apparat li jkejjel id-doża jew mezzi oħra miksuba fi kwalunkwe każ mis-servizz dożimetriku approvat li miegħu min iħaddem fir-radjazzjoni jkun daħal f'arranġamcnt taħt ir-regolament 38.

Preparazzjoni għal intervent.

**56.** (1) Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu jkun responsabbli sabiex imexxi u jipprepara għal emerġenzi radjoloġiċi li jistgħu jinqalgħu in konnessjoni mal-prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol fit-territorju Malti jew 'il barra minnu u li jistgħu jaffettwaw lil Malta. Ir-rispons u r-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili m'għandhomx ikunu limitati għall-emerġenzi 'il barra mis-sit iżda għandhom jestendu għal kwalunkwe emerġenza fuq is-sit li fl-opinjoni tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, ma jistax jitmexxa minn min iħaddem fir-radjazzjoni.

(2) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li jitħejjew l-pjanijiet ta' intervent fuq is-sit xierqa, waqt li jikkunsidra l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni mir-radjazzjoni għal intervent imsemmija fir-regolament 53(2) u l-livelli ta' intervent xierqa stabbiliti mill-Bord, sabiex ikun jista' jaġixxi f'tipi differenti ta' emerġenza radjoloġika u li dawn il-pjanijiet ikunu ttestjati kull tant żmien.

(3) Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili għandu jipprovdi kif xieraq it-taħriġ tal-persuni li jista' jkunu involuti f'intervent tekniku, mcdiku jew tas-saħħa.

(4) Il-Bord għandu jibqa' jkun infurmat:

(*a*) bis-sitwazzjoni kurrenti u l-evoluzzjoni mistennija;

(*b*) bil-mizuri meħuda sabiex jitwaqqaf l-inċident, u dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema u l-membri tal-pubbliku; u

(*ċ*) bl-espożizzjonijiet li jkunu ttieħdu u dawk maħsuba li ser jittieħdu.

Implimentazzjoni ta' l-intervent.

**57.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jinnotifika immedjatament lill-Bord u lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, bil-mezzi prattikabbli l-iktar rapidi, bi kwalunkwe emerġenza radjoloġika u għandu jieħu l-azzjoni kollħa xierqa sabiex inaqqas il-konsegwenzi.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tas-subregolament (1), l-

azzjoni xierqa għandha tinkludi evalwazzjoni temporanja inizjali taċ-ċirkostanzi u l-konsegwenzi ta' l-emerġenza u l-għoti ta' l-għajnuna kollha neċessarja fl-intervent.

(3) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura, jekk is-siwazzjoni tirrikjedi dan, li jsir intervent li għandu x'jaqsma ma' -

(*a*) is-sors, sabiex inaqqas jew iwaqqaf ir-radjazzjoni diretta u l-emissjoni tar-radjonuklidi,

(*b*) l-ambjent, sabiex inaqqas il-firxa ta' kontaminazzjoni radjoattiva,

(*ċ*) individwi, sabiex inaqqas l-espożizzjoni u jorganizza t-trattament tal-vittmi.

(4) Fil-każ ta' emerġenza radjoloġika fit-territorju Malti jew 'il barra minnu, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu jkun responsabbli għal:

(*a*) l-organizzazzjoni ta' intervent xieraq, waqt li jikkunsidra l-karatteristiċi reali ta' l-emerġenza;

(*b*) l-evalwazzjoni u r-rekordjar tal-konsegwenzi ta' l-emerġenza radjoloġika u ta' l-effettività ta' l-intervent.

(5) Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu, fil-każ ta' emerġenza radjoloġika fi stallazzjoni f'Malta jew li jista' jkollha konsegwenzi radjoloġiċi fit-territorju Malti, jistabbilixxi relazzjonijiet sabiex jikseb kooperazzjoni ma' xi Stat ieħor li jista' jkun involut.

Espożizzjoni ta' emerġenza fuq il-post tax-xogħol.

**58.** (1) Il-Bord għandu jistabbilixxi livelli ta' espożizzjoni, waqt li jikkunsidra l-obbligazzjonijiet tekniċi u r-riskji għas-saħħa, għal sitwazzjonijiet fejn il-ħaddiema jew in-nies ta' l-intervent involuti f'tipi differenti ta' intervent jistgħu ikunu suġġetti għal espożizzjoni ta' emerġenza li tirriżulta f'dożi akbar mil-limiti tad-doża għall-ħaddiema esposti. Dawn il-livelli huma murija fis-Seba' Skeda u għandhom iservu bħala gwidi operazzjonali.

(2) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem fir-radjazzjoni li jiżgura l-monitoraġġ radjoloġiku adegwat u s-sorveljanza medika ta' dawn il-ħaddiema jew ta' persuni li jintervjenu.

Intervent f'każi ta' espizzjoni għal żmien twil.

**59.** Il-Bord għandu jiżgura li meta sitwazzjoni li twassal għal espożizzjoni dewwiema li tirriżulta mill-effetti ta' wara ta' emerġenza radjoloġika jew prattika tal-passat tkun identifikata, huwa għandu, jekk neċessarju u skond ir-riskju ta' espożizzjoni involut, jiżgura li -

(*a*) l-post kkonċernat ikun iddemarkat;

(*b*) isiru arranġamenti għall-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni;

(*ċ*) jiġi implimentat intervent xieraq, waqt li jikkunsidra l-karatteristiċi reali tas-sitwazzjoni;

(*d*) jiġi regolat l-aċċess jew l-użu ta' l-art jew il-bini li jkun jinsab fil-post ddemarkat.

TAQSIMA XV

ARRANĠAMENTI GĦALL-KONTROLL TA’ SUSTANZI, OĠĠETTI U TAGĦMIR RADJOATTIV

Sorsi ssiġillati u oġġetti li fihom jew li jagħmlu parti minn sustanzi radjoattivi.

**60.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni irid jiżgura s-sigurtà tas-sorsi taħt ir-responsabbiltà tiegħu, mill-ħin ta’ l-akkwist, waqt iż-żmien ta’ kemm idumu jintuzaw sa kemm finalment jintremew.

(2) Fejn tintuża sustanza radjoattiva bħala sors ta’ radjazzjoni ionizzanti f’xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li, kull meta jkun raġonevolment prattikabbli, is-sustanza tkun f’forma ta’ sors issiġillat.

(3) Min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li d-disinn, il-bini u l-manutenzjoni ta’ kwalunkwe oġġett li fih jcw li jagħmel parti minn sustanza radjoattiva, inkluż l-irbit tagħha, il-kontenitur immedjat jew protezzjoni mekkanika oħra, ikun tali li jippreveni t-tixrid ta’ xi sustanza radjoattiva.

(4) Fejn xieraq, min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura li jsiru testijiet xierqa kull tant żmien kif xieraq sabiex isib tixrid ta’ sustanzi radjoattivi minn xi oġġett li għalih japplika s-subregolament (3) u min iħaddem għandu jagħmel *record* ta’ kull wieħed minn dawn it-testijiet u għandu jżomm dak ir-*record* għal mill-inqas sentejn wara li l-oġġett jintrema’ jew sakemm isir *record* ieħor wara test sussegwenti fuq dak l-oġġett.

Akkwist u kummissjonsar ta’ sorsi.

**61.** (1) Min iħaddem fir-radjazzjoni, bil-kooperazzjoni ta’ min ibiegħ, għandu -

(*a*) jiżgura, ma’ l-akkwist ta’ sors(i) ġodda jew apparat li jkun fih xi ġeneratur ta’ radjazzjoni, li dawn is-sorsi jew apparat jikkonformaw ma’ *standards* internazzjonali applikabbli li jistgħu jkunu approvati mill-Bord; u

(*b*) jiżguraw li s-sorsi u l-apparat ikunu ttestjati sabiex juru konformità ma’ l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti.

Kontroll tas-sustanzi radjoattivi.

**62.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jieħu l-passi xierqa, bl-iskop li jikkontrolla s-sustanzi radjoattivi li huma involuti f’xogħol bir-radjazzjoni ionizzanti li huwa jwettaq:

(*a*) sabiex jikkontrolla u jżomm *records* aġġornati tal-kwantità u l-post ta’ sustanzi radjoattivi billi jżomm *records* dokumentati ta’:

(i) kull darba li l-lokazzjoni tas-sors tinbidel; u

(ii) verifika annwali ta’ l-inventarju tas-sors ta’ min iħaddem.

(*b*) sabiex iżomm dawk ir-*records* jew kopja tagħhom għal mill-inqas sentejn mid-data li fiha jkunu saru u, barra minn hekk, għal mill-inqas sentejn mid-data li fiha tintrema’ s-sustanza radjoattiva.

(2) Dawn ir-*records* magħmulin skond is-subregolament (1) għandhom jinżammu fil-post tax-xogħol u għandhom ikunu disponibbli mill-ewwel għall-ispezzjoni mill-Bord.

Żamma u ċaqlieq tas-sustanzi radjoattivi.

**63.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jiżgura, sa fejn huwa raġonevolment prattikabbli, li kull sustanza radjoattiva taħt il-kontroll tiegħu li għal dak iż-żmien ma tkunx qiegħda tintuża jew tiġi mċaqilqa, trasportata jew mormija -

(*a*) tinżamm f'reċipjent xieraq; u

(*b*) tinżamm f'maħżen xieraq.

(2) Kull min iħaddem li jkkawża jew jippermetti li tiċċaqlaq sustanza radjoattiva (ħlief li kieku trasportata) għandu jiżgura, sa fejn huwa raġonevolment prattikabbli, li s-sustanza waqt li tiġi mċaqilqa tinżamm f'reċipjent xieraq u mmarkat tajjeb.

(3) Xejn fis-subregolamenti (1) jew (2) m'għandu japplika fejn tidħol sustanza radjoattiva waqt li tkun fil-ġisem ħaj jew kadavru ta' bniedem jew fuqu.

Notifika ta' ċerti okkorrenzi.

**64.** (1) Kull min iħaddem fir-radjazzjoni għandu jinnotifika lill-Bord fi kwalunkwe każ fejn kwantità ta' sustanza radjoattiva li kienet taħt il-kontroll tiegħu -

(*a*) ħarġet jew x'aktarx ħarġet fl-atmosfera bħala gass, *aerosol* jew trab, jew

(*b*) xterdet jew ħarġet mod ieħor b'mod li kkawżat kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti:

Sakemm dan it-tixrid ma kienx eżentat mill-kontroll regolatorju jew ma kienx b'mod speċifikat f'awtorizzazzjoni sabiex jintrema' fdal radjoattiv maħruġa mill-Bord.

(2) Fejn min iħaddem fir-radjazzjoni jkollu għalfejn raġonevolment jaħseb li kwantità ta' sustanza radjoattiva li kienet taħt il-kontroll tiegħu intilfet jew insterqet, min iħaddem għandu jinnotifika lill-Bord b'dak it-telf jew serq, skond il-każ.

(3) Fejn min iħaddem fir-radjazzjoni jissuspetta jew jiġi infurmat li setgħet ġrat xi okkorrenza li biha għandu jinnotifika taħt is-subregolament (1) jew (2), huwa għandu jagħmel investigazzjoni immedjata u, sakemm dik l-investigazzjoni ma turix li l-ebda okkorrenza ma ġrat, huwa għandu jagħmel notifika skond is-subregolament rilevanti.

(4) Min iħaddem fir-radjazzjoni u jagħmel investigazzjoni skond is-subregolament (3) għandu jħejji rapport dwar dik l-investigazzjoni u għandu, sakemm l-investigazzjoni ma turix li ma ġrat l-ebda okkorrenza, iżomm dak ir-rapport jew kopja tiegħu għal mill-inqas 50 sena mid-data li fiha jkun sar jew, f'xi każ ieħor, għal mill-inqas sentejn mid-data li fiha jkun sar.

(5) Il-Bord jista' joħroġ dokumenti ta' gwida li jispeċifikaw il-kwantitajiet ta' sustanzi radjoattivi li taħthom id-disposizzjoniijiet għan-notifika msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) m'għandhomx japplikaw.

Użu ħażin jew interferenza f'sorsi ta' radjazzjoni ionizzanti.

**65.** L-ebda persuna m'għandha intenzjonalment jew bi traskuraġni tuża ħażin jew tinterferi mingħajr skuża raġonevoli f'xi sustanza radjoattiva jew f'xi tagħmir elettriku li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti.

**66.** (1) Il-Bord jista' minn żmien għal żmien jippubblika Appendiċi għal dawn ir-Regolamenti li juru l-ħtiġiet speċifiċi dettaljati li magħhom għandhom ikunu konformi persuni li lilhom dawn ir-regolamenti huma indirizzati. Appendiċi.

(2) Dawn l-appendiċi għandhom jittrattaw, iżda ma jkunux limitati għal, dan li ġej:

(*a*) espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol;

(*b*) espożizzjoni medika;

(*ċ*) espożizzjoni pubblika;

(*d*) sigurtà tas-sorsi;

(*e*) sitwazzjonijiet ta' espożizzjoni ta' emerġenza;

(*f*) sitwazzjonijiet ta' espożizzjoni kronika.

## TAQSIMA XVI

## INFURZAR

**67.** (1) Kwalunkwe ksur ta' xi wieħed mir-regolamenti jew ta' l-Iskedi jew Appendiċi għal dawn ir-regolamenti għandu jitqies bħala reat. Infurzar.

(2) Fi kwalunkwe proċediment għal reat deskritt taħt dawn ir-regolamenti li jikkonsisti fin-nuqqas ta' konformità ma' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa, għandu jkun l-akkużat li jipprova (skond kif ikun il-każ) li ma kienx prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt sar biex id-dmir jew il-ħtieġa ikunu moqdija, jew li ma kienx hemm mezzi prattikabbli aħjar milli dawk użati biex jaqdu d-dmir jew il-ħtieġa.

(3) L-awtorità regolatorja li tinforza xi ksur ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun kif ġej:

(*a*) l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandha tenforza d-disposizzjoniijiet statutorji rilevanti fit-Taqsimiet IV sa XII (iżda mhux ir-regolament 19(4)), u Taqsima XV;

(*b*) is-Supritendent tas-Saħħa Pubblika għandu jenforza d-disposizzjoniijiet statutorji rilevanti fit-Taqsima XIII;

(*ċ*) id-Direttorat għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent għandu jenforza d-disposizzjoniijiet statutorji rilevanti fir-Regolament 19(4);

(*d*) id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu jenforza kull ksur tar-regolamenti li għandu x'jaqsam ma' intervent (Taqsima XIV) bħala ksur ta' l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili:

Iżda kull persuna li tinsab ħatja ta' reat deskritt fit-termini tat-Taqsima II għandha tkun ikkunsidrata li kisret id-disposizzjoniijiet ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali u jkollu jħallas multa ta' mhux aktar minn ħamsin elf lira. Kap. 365.

## L-EWWEL SKEDA

Regolament 17

### DETTALJI LI GĦANDHOM JINGĦATAW F'NOTIFIKA TAĦT IR-REGOLAMENT 17

Id-dettalji li ġejjin għandhom jingħataw f'notifika taħt ir-regolament 17:

(*a*) l-isem u l-indirizz ta' min iħaddem u n-numru tat-telefon jew numru tal-*fax* jew indirizz tal-posta elettronika;

(*b*) l-indirizz tal-bini fejn jew minn fejn għandha ssir l-attività tax-xogħol u numru tat-telefon jew numru tal-*fax* jew indirizz tal-posta elettronika f'dak il-bini;

(*ċ*) in-natura ta' l-impriża ta' min iħaddem;

(*d*) karatteristici tas-sors, bħala minimu - it-term tas-sors, l-attività totali, data u post ta' manifattura u l-forma fizika u kimika tas-sustanza radjoattiva;

(*e*) f'liema mill-kategoriji li ġejjin jaqgħu s-sors jew sorsi tar-radjazzjoni ionizzanti:

(i) sors issiġillat;

(ii) sustanza radjoattiva mhux issiġillata;

(iii) tagħmir elettriku;

(*f*) jekk xi sors għandux jintuża f'bini li mhux dak ta' l-indirizz mogħti fis-subparagrafu (*b*) hawn fuq;

(*g*) id-dati tan-notifika u l-bidu ta' l-attività tax-xogħol; u

(*h*) evalwazzjoni tar-riskju bil-miktub skond ir-regolament 27.

---

## IT-TIENI SKEDA

Regolamcnt 18

### KWANTITAJIET U KONĊENTRAZZJONIJIET TA' RADJONUKLIDI

### KRlTERJ1 LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT 18

1. Prattika jew attività ta' xogħol tista' tkun eżentata mill-ħtieġa ta' rapport mingħajr iktar konsiderazzjoni, konformi mar-regolament 18(1)(*a*) jew (*b*) rispettivament, jekk jew il-kwantità jew il-konċentrazzjoni ta' l-attività, kif xieraq, tar-radjonuklidi rilevanti ma jaqbżux il-valuri fil-kolonni 2 jew 3 tat-Tabella A.

2. Il-kriterji bażiċi għall-kalkolu tal-valuri fit-Tabella A, għall-applikazzjoni ta' l-eżenzjonijiet għall-prattiċi jew attivitajiet ta' xogħol, huma kif ġej:

(*a*) ir-riskji radjoloġiċi għal individwi kkawżati minn prattika jew attività ta' xogħol eżentata huma baxxi biżżejjed biex ma jkunu ta' l-ebda interess regolatorju; u

(*b*) l-impatt radjoloġiku kollettiv tal-prattika jew attività ta' xogħol eżentata huwa baxx biżżejjcd biex ma jkun ta' l-ebda interess regolatorju taħt iċ-ċirkostanzi li jipprevalu; u

(*ċ*) il-prattika jew attività ta’ xogħol eżentata m’għandha l-ebda sinifikat radjoloġliku. mingħajr possibiltà apprezzabbli ta’ xenarji li jistgħu jwasslu għal nuqqas li tiltlaq il-kriterji f’(*a*) u (*b*).

3. Eċċezzjonalment, kif stipulat fir-regolament 18(1)(*a*) u (*b*), il-Bord jista’ jiddeċiiedi li prattika jew attività ta’ xogħol tkun eżentata fejn xieraq mingħajr iktar konsiderazzjoni, skond il-kriterji bażiċi, anke jekk ir-radjonuklidi rilevanti ivarjaw mill-valuri fit-Tabella A, sakemm jintlaħqu l-kriterji li ġejjin fiċ-ċirkostanzi fattibbli kollha:

(*a*) id-doża effettiva mistennija tittieħed minn kwalunkwe membru tal-pubbliku minħabba prattiċi jew attivitajiet ta’ xogħol eżentati hija ta’ madwar 10 µ Sv jew inqas fis-sena; u

(*b*) jew id-doża effettiva kollettiva użata f’sena ta’ prattika jew attività ta’ xogħol ma tkunx iktar minn madwar 1 man . Sv jew evalwazzjoni tat-titjib tal-protezzjoni juri li l-eżenzjoni hija l-aħjar soluzzjoni;

(c) in-numru ta’ prattiċi jew attivitajiet ta’ xogħol eżenti fl’istess sit u li jaffettwaw lill-istess grupp/gruppi kritikali, jiġu determinati mill-Bord fuq bazi ta’ kull każ għalih.

4. Fejn jinqala’ l-bżonn, għal radjonuklidi mhux fil-lista fit-Tabella A, il-Bord għandu jassenja valuri xierqa għall-kwantitajiet u l-konċentrazzjonijiet ta’ attività għal kull massa ta’ unità. Valuri assenjati b’dan il-mod għandhom jikkumplimentaw lil dawk fit-Tabella A.

5. Il-valuri stipulati fit-Tabella A japplikaw għall-inventarju totali ta’ sustanzi radjoattivi miżmuma minn persuna jew impriża bħala parti minn prattika jew attività ta’ xogħol speċifika fi żmien partikolari u għal ammont limitat ta’ materjal radjoattiv, li ma jeċċcdix tunnellata (1000kg).

6. Nuklidi li jkollhom is-suffiss "+" jew "sec" fit-Tabella A jirrappreżentaw nuklidi parenti f’ekwilibriju man-nuklidi prodotti korrispondenti tagħhom kif imniżżla fil-lista fit-Tabella B. F’dan il-każ il-valuri mogħtija fit-Tabella A jirreferu għan-nuklida parenti weħidha, iżda diġà jkunu jikkunsidraw in-nuklidi prodotti preżenti.

7. Fil-każijiet l-oħrajn kollha ta’ taħlitiet ta’ iktar minn nuklida waħda, il-ħtieġa ta’ notifika tista’ titneħħa jekk is-somma tar-razjo għal kull nuklida ta’ l-ammont totali preżenti diviż bil-valur tal-lista fit-Tabella A jkun inqas minn jew ugwali għal 1. Din is-somma regola tapplika wkoll għal konċentrazzjonijiet ta’ attività fejn in-nuklidi varji kkonċernati jkunu jinsabu fl-istess matriċi.

Tabella A

Tabella tar-Radjonuklidi

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| **Hydrogen** | | |
| Tritiated compounds | $1\ 10^{6}$ | $1\ 10^{9}$ |
| **Beryllium** | | |
| Be-7 | $1\ 10^{3}$ | $1\ 10^{7}$ |
| **Carbon** | | |
| C-14 | $1\ 10^{4}$ | $1\ 10^{7}$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| **Fluorine** | | |
| F-18 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Neon** | | |
| Ne-19 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{9}$ |
| **Sodium** | | |
| Na-22 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Na-24 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Silicon** | | |
| Si-31 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Si-32 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Phosphorus** | | |
| P-32 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{5}$ |
| P-33 | 1 $10^{5}$ | 1 $10^{8}$ |
| **Sulphur** | | |
| S-35 | 1 $10^{5}$ | 1 $10^{8}$ |
| **Chlorine** | | |
| Cl-36 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{6}$ |
| Cl-38 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Argon** | | |
| Ar-37 | 1 $10^{6}$ | 1 $10^{8}$ |
| Ar-41 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{9}$ |
| **Potassium** | | |
| K-40 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| K-42 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| K-43 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| K-44 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Calcium** | | |
| Ca-45 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |
| Ca-47 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Scandium** | | |
| Sc-46 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Sc-47 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Sc-48 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Vanadium** | | |
| V-48 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Chromium** | | |
| Cr-51 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| **Manganese** | | |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| Mn-51 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Mn-52 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Mn-52m | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Mn-53 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{9}$ |
| Mn-54 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Mn-56 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Iron** | | |
| Fe-52 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Fe-55 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{6}$ |
| Fe-59 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Cobalt** | | |
| Co-55 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Co-56 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Co-57 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Co-58 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Co-58m | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |
| Co-60 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Co-60m | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Co-61 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Co-62m | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Nickel** | | |
| Ni-59 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{8}$ |
| Ni-63 | 1 $10^{5}$ | 1 $10^{8}$ |
| Ni-65 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Copper** | | |
| Cu-64 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Zinc** | | |
| Zn-65 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Zn-69 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{6}$ |
| Zn-69m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Gallium** | | |
| Ga-72 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Germanium** | | |
| Ge-71 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{8}$ |
| **Arsenic** | | |
| As-73 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| As-74 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| As-76 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| As-77 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| **Selenium** | | |
| Se-75 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Bromine** | | |
| Br-82 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Krypton** | | |
| Kr-74 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{9}$ |
| Kr-76 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{9}$ |
| Kr-77 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{9}$ |
| Kr-79 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{5}$ |
| Kr-81 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |
| Kr-83m | 1 $10^{5}$ | 1 $10^{12}$ |
| Kr-85 | 1 $10^{5}$ | 1 $10^{4}$ |
| Kr-85m | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{10}$ |
| Kr-87 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{9}$ |
| Kr-88 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{9}$ |
| **Rubidium** | | |
| Rb-86 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Strontium** | | |
| Sr-85 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Sr-85m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| Sr-87m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Sr-89 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Sr-90+ | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{4}$ |
| Sr-91 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Sr-92 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Yttrium** | | |
| Y-90 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{5}$ |
| Y-90m | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Y-91 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Y-91m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Y-92 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| Y-93 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Zirconium** | | |
| Zr-93+ | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Zr-95 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Zr-97+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Niobium** | | |
| Nb-93m | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| Nb-94 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Nb-95 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Nb-95m | 1 $10^2$ | 1 $10^7$ |
| Nb-97 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Nb-98 | 1 $10^1$ | 1 $10^5$ |
| **Molybdenum** | | |
| Mo-90 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Mo-93 | 1 $10^3$ | 1 $10^8$ |
| Mo-99 | 1 $10^2$ | 1 $10^6$ |
| Mo-101 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| **Technetium** | | |
| Tc-96 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Tc-96m | 1 $10^3$ | 1 $10^7$ |
| Tc-97 | 1 $10^3$ | 1 $10^8$ |
| Tc-97m | 1 $10^3$ | 1 $10^7$ |
| Tc-99 | 1 $10^4$ | 1 $10^7$ |
| Tc-99m | 1 $10^2$ | 1 $10^7$ |
| **Ruthenium** | | |
| Ru-97 | 1 $10^2$ | 1 $10^7$ |
| Ru-103 | 1 $10^2$ | 1 $10^6$ |
| Ru-105 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Ru-106+ | 1 $10^2$ | 1 $10^5$ |
| **Rhodium** | | |
| Rh-103m | 1 $10^4$ | 1 $10^8$ |
| Rh-105 | 1 $10^2$ | 1 $10^7$ |
| **Palladium** | | |
| Pd-103 | 1 $10^3$ | 1 $10^8$ |
| Pd-109 | 1 $10^3$ | 1 $10^6$ |
| **Silver** | | |
| Ag-105 | 1 $10^2$ | 1 $10^6$ |
| Ag-108m+ | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Ag-110m | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| Ag-111 | 1 $10^3$ | 1 $10^6$ |
| **Cadmium** | | |
| Cd-109 | 1 $10^4$ | 1 $10^6$ |
| Cd-115 | 1 $10^2$ | 1 $10^6$ |
| Cd-115m | 1 $10^3$ | 1 $10^6$ |
| Cd-117 | 1 $10^1$ | 1 $10^6$ |
| **Indium** | | |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| In-111 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| In-113m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| In-114m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| In-115m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Tin** | | |
| Sn-113 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Sn-125 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Antimony** | | |
| Sb-122 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{4}$ |
| Sb-124 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Sb-125 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Tellurium** | | |
| Te-123 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Te-125m | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Te-127 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Te-127m | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Te-129 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Te-129m | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Te-131 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| Te-131m | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Te-132 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| Te-133 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Te-133m | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Te-134 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Iodine** | | |
| I-123 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| I-125 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| I-126 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| I-129 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| I-130 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| I-131 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| I-132 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| I-133 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| I-134 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| I-135 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Xenon** | | |
| Xe-131m | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{4}$ |
| Xe-133 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{4}$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| Xe-135 | $1\ 10^{3}$ | $1\ 10^{10}$ |
| **Caesium** | | |
| Cs-129 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{5}$ |
| Cs-131 | $1\ 10^{3}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Cs-132 | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{5}$ |
| Cs-134 | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{4}$ |
| Cs-134m | $1\ 10^{3}$ | $1\ 10^{5}$ |
| Cs-135 | $1\ 10^{4}$ | $1\ 10^{7}$ |
| Cs-136 | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{5}$ |
| Cs-137+ | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{4}$ |
| Cs-138 | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{4}$ |
| **Barium** | | |
| Ba-131 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Ba-140+ | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{5}$ |
| **Lanthanum** | | |
| La-140 | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{5}$ |
| **Cerium** | | |
| Ce-139 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Ce-141 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{7}$ |
| Ce-143 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Ce-144+ | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{5}$ |
| **Praseodymium** | | |
| Pr-142 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{5}$ |
| Pr-143 | $1\ 10^{4}$ | $1\ 10^{6}$ |
| **Neodymium** | | |
| Nd-147 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Nd-149 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{6}$ |
| **Promethium** | | |
| Pm-147 | $1\ 10^{4}$ | $1\ 10^{7}$ |
| Pm-149 | $1\ 10^{3}$ | $1\ 10^{6}$ |
| **Samarium** | | |
| Sm-151 | $1\ 10^{4}$ | $1\ 10^{8}$ |
| Sm-153 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{6}$ |
| **Europium** | | |
| Eu-152 | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Eu-152m | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Eu-154 | $1\ 10^{1}$ | $1\ 10^{6}$ |
| Eu-155 | $1\ 10^{2}$ | $1\ 10^{7}$ |
| **Gadolinium** | | |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| Gd-153 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| Gd-159 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Terbium** | | |
| Tb-160 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Dysprosium** | | |
| Dy-165 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Dy-166 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Holmium** | | |
| Ho-166 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Erbium** | | |
| Er-169 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |
| **Thulium** | | |
| Tm-170 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Tm-171 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{8}$ |
| **Ytterbium** | | |
| Yb-175 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| **Lutetium** | | |
| Lu-177 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| **Hafnium** | | |
| Hf-181 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Tantalum** | | |
| Ta-182 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| **Tungsten** | | |
| W-181 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| W-185 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |
| W-187 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Rhenium** | | |
| Re-186 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Re-188 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Osmium** | | |
| Os-185 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Os-191 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| Os-191m | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Os-193 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Iridium** | | |
| Ir-190 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Ir-192 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| Ir-194 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| **Platinum** | | |
| Pt-191 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Pt-193m | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Pt-197 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Pt-197m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Gold** | | |
| Au-198 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Au-199 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Mercury** | | |
| Hg-197 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| Hg-197m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Hg-203 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Thallium** | | |
| Tl-200 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Tl-201 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Tl-202 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Tl-204 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{4}$ |
| **Lead** | | |
| Pb-203 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Pb-210+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| Pb-212+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Bismuth** | | |
| Bi-206 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| Bi-207 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Bi-210 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Bi-212+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Polonium** | | |
| Po-203 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Po-205 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Po-207 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Po-210 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| **Astatine** | | |
| At-211 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| **Radon** | | |
| Rn-220+ | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |
| Rn-222+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{8}$ |
| **Radium** | | |
| Ra-223+ | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| Ra-224+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| Ra-225 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{5}$ |
| Ra-226+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| Ra-227 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| Ra-228+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Actinium** | | |
| Ac-228 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Thorium** | | |
| Th-226+ | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Th-227 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| Th-228+ | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{4}$ |
| Th-229+ | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{3}$ |
| Th-230 | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{4}$ |
| Th-231 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| Th-232 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| Th-232sec | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{3}$ |
| Th-234+ | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{5}$ |
| **Protactinium** | | |
| Pa-230 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| Pa-231 | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{3}$ |
| Pa-233 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| **Uranium** | | |
| U-230+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{5}$ |
| U-231 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| U-232+ | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{3}$ |
| U-233 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| U-234 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| U-235 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| U-236 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| U-237 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| U-238+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{4}$ |
| U-238sec | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{3}$ |
| U-239 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| U-240 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{7}$ |
| U-240+ | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Neptunium** | | |
| Np-237+ | 1 $10^{0}$ | 1 $10^{3}$ |
| Np-239 | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{7}$ |
| Np-240 | 1 $10^{1}$ | 1 $10^{6}$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| **Plutonium** | | |
| Pu-234 | 1 $10^2$ | 1 $10^7$ |
| Pu-235 | 1 $10^2$ | 1 $10^7$ |
| Pu-236 | 1 $10^1$ | 1 $10^4$ |
| Pu-237 | 1 $10^3$ | 1 $10^7$ |
| Pu-238 | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| Pu-239 | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| Pu-240 | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| Pu-241 | 1 $10^2$ | 1 $10^5$ |
| Pu-242 | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| Pu-243 | 1 $10^3$ | 1 $10^7$ |
| Pu-244 | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| **Americium** | | |
| Am-241 | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| Am-242 | 1 $10^3$ | 1 $10^6$ |
| Am-242m+ | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| Am-243+ | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| **Curium** | | |
| Cm-242 | 1 $10^2$ | 1 $10^5$ |
| Cm-243 | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| Cm-244 | 1 $10^1$ | 1 $10^4$ |
| Cm-245 | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| Cm-246 | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| Cm-247 | 1 $10^0$ | 1 $10^4$ |
| Cm-248 | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| **Berkelium** | | |
| Bk-249 | 1 $10^3$ | 1 $10^6$ |
| **Californium** | | |
| Cf-246 | 1 $10^3$ | 1 $10^6$ |
| Cf-248 | 1 $10^1$ | 1 $10^4$ |
| Cf-249 | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| Cf-250 | 1 $10^1$ | 1 $10^4$ |
| Cf-251 | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| Cf-252 | 1 $10^1$ | 1 $10^4$ |
| Cf-253 | 1 $10^2$ | 1 $10^5$ |
| Cf-254 | 1 $10^0$ | 1 $10^3$ |
| **Einsteinium** | | |
| Es-253 | 1 $10^2$ | 1 $10^5$ |
| Es-254 | 1 $10^1$ | 1 $10^4$ |

| 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|
| *L-isem, is-simbolu u l-isotop tar-radjonuklida* | *Konċentrazzjoni għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* | *Kwantita għan-notifika. Regolament 18 (Bq/g)* |
| Es-254m | 1 $10^{2}$ | 1 $10^{6}$ |
| **Fermium** | | |
| Fm-254 | 1 $10^{4}$ | 1 $10^{7}$ |
| Fm-255 | 1 $10^{3}$ | 1 $10^{6}$ |
| Radjonuklidi oħra mhux fil-lista hawn fuq (ara n-nota 1) | 1 $10^{-1}$ | 1 $10^{3}$ |

Nota 1 Fil-każ ta' radjonuklidi mhux speċifikati mkien ieħor f'din it-Taqsima, il-kwantitajiet speċifikati f'din id-daħla għandhom jintużaw sakemm il-Bord ikun approva xi kwantità oħra għal dik ir-radjonuklida.

Nota 2 Nuklidi li jkollhom is-suffiss "+" jew "sec" fit-tabella hawn fuq jirrappreżentaw nuklidi parenti f'ekwilibriju man-nuklidi prodotti korrispondenti kif fil-lista tat-Tabella li ġejja. F'dan il-każ il-konċentrazzjonijiet u l-kwantitajiet mogħtija fit-Tabella hawn fuq jirreferu għan-nuklida parenti weħidha, iżda diġà meħuda in konsiderazzjoni man-nuklida/i prodott/i preżenti.

Tabella B

Lista ta' nuklidi f'ekwilibriju sekulari kif imsemmi fil-punt 6 ta' din l-Iskeda

| Nuklida ġenitur | Nuklidi prodotti |
|---|---|
| Sr-80+ | Rb-82 |
| Sr 90+ | Y-90 |
| Zr-93+ | Nb-93m |
| Zr-97+ | Nb-97 |
| Ru-106+ | Rh-106 |
| Cs-137+ | Ba-137m |
| Ba-140+ | La-140 |
| Ce-134+ | La-134 |
| Ce-144+ | Pr-144 |
| Pb-210+ | Bi-210, Po-210 |
| Bi-210m+ | Tl-206 |
| Pb-212+ | Bi-212, Tl-208, Po-212 |
| Bi-212+ | Tl-208, Po-212 |
| Rn-220+ | Po-216 |
| Rn-222+ | Po-218, Pb-214, Bi-214, Po-214 |
| Ra-223+ | Rn-219, Po-215, Pb-211, Bi-211, Tl-207 |
| Ra-224+ | Rn-220, Po-216, Pb-212, Bi-212, Tl-208, Po-212 |
| Ra-226+ | Rn-222, Po-218, Pb-214, Bl-214, Po-214, Pb-210, Bi-210, Po-210 |
| Ra-228+ | Ac-228 |
| Th-226+ | Ra-222, Rn-218, Po-214 |
| Th-228+ | Ra-224, Rn-220, Po-216, Pb-212, Bi-212, Tl-208, Po-212 |

| Nuklida ġenitur | Nuklidi prodotti |
|---|---|
| Th-229+ | Ra-225, Ac-225, Fr-221, At-217, Bi-213, Po-213, Pb-209 |
| Th-232sec | Ra-228, Ac-228, Th-228, Ra-224, Rn-220, Po-216, Pb-212, Bi-212, Tl-208, Po-212 |
| Th-234+ | Pa-234m |
| U-230+ | Th-226, Ra-222, Rn-218, Po-214 |
| U-232+ | Th-228, Ra-224, Rn-220, Po-216, Pb-212, Bi-212, Tl-208, Po-212 |
| U-235+ | Th-231 |
| U-238+ | Th-234, Pa-234m |
| U-238sec | Th-234, Pa-234m, U-234, Th-230, Ra-226, Rn-222, Po-218, Pb-214, Bi-214, Po-214, Pb-210, Bi-210, Po-210 |
| U-240+ | Np-240 |
| Np-237+ | Pa-233 |
| Am-242m+ | Am-242 |
| Am-243+ | Np-239 |

## IT-TIELET SKEDA

Regolament 22

### LIMITI TAD-DOŻA GĦAL KLASSIJIET TA’ PERSUNI DIFFERENTI

Il-limitu tad-doża japplika għas-somma tad-dożi rilevanti minn espożizzjonijiet esterni f’sena waħda u d-dożi kommessi minn inġestjoni fl-istess perjodu.

TAQSIMA 1

Limiti tad-doża għall-apprendisti u studenti

(1) Il-limitu għal doża effettiva għall-apprendisti jew studenti ta’ età ta’ bejn is-16 u t-18-il sena, li waqt l-istudju tagħhom, huma obbligati li jużaw is-sorsi għandu jkun ta’ 6mSv fis-sena.

Mingħajr preġudizzju għal dan il-limitu ta’ doża:

(*a*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti bħal-lenti tal-għajn għandu jkun ta’ 50mSv fis-sena;

(*b*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-ġilda għandu jkun ta’ 150mSv fis-sena. Dan il-limitu għandu japplika għad-doża medja fuq arja ta’ 1ċm$^2$, irrispettivament mill-arja esposta;

(*ċ*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-idejn, id-dirgħajn, is-saqajn u l-għekiesi għandu jkun ta’ 150mSv fis-sena.

(2) Il-kondizzjonijiet ta’ l-espożizzjoni u l-protezzjoni operazzjonali ta’ l-apprendisti u l-istudenti ta’ età bejn is-16 u t-18-il sena msemmija fil-paragrafu (1) għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk ta’ ħaddiema esposti tal-katcgorija B.

(3) Il-limiti tad-doża għall-apprendisti u l-istudenti ta’ età ta’ 18-il sena jew aktar li, waqt l-istudji tagħhom, huma obbligati li jużaw is-sorsi, għandhom ikunu bħal-limiti ta’ doża għal ħaddiema esposti stipulati fit-Taqsima 2.

(4) Il-limiti tad-doża għall-apprendisti u l-istudcnti li mhumiex suġġctti għad-disposizzjoniijiet tal-paragrafi (1) u (3) għandhom ikunu l-istess bħal dawk il-limiti ta' doża għall-membri tal-pubbliku speċifikati fit-Taqsima 4.

TAQSIMA 2

Limiti tad-doża għall-ħaddiema esposti

(1) Għall-iskopijiet tar-regolament 22(1), il-limitu fuq id-doża effettiva għal kwalunkwe ħaddiem li għandu 18-il sena jew aktar għandu jkun ta' 20 mSv f'sena kalendarja.

(2) Fejn min iħaddem ikun kapaċi juri li dan il-limitu tad-doża għal kwalunkwe ħaddiem huwa imprattikabbli wara li jikkunsidra n-natura tax-xogħol imwettaq minn dak il-ħaddiem, il-limitu fuq id-doża effettiva għal dawn il-ħaddiema esposti għandu jkun ta' 100 mSv f'perjodu konsekuttiv ta' ħames snin, mingħajr ħsara għad-doża effettiva massima ta' 50 mSv fi kwalunkwe sena kalendarja.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (1) u (2) -

(*a*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għal-lenti tal-għajn għandu jkun ta' 150 mSv f'sena;

(*b*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-ġilda għandu jkun ta' 500 mSv f'sena. Dan il-limitu għandu japplika għad-doża medja fuq kwalunkwe arja ta' 1 $ċm^2$, irrispettivament mill-arja esposta;

(*ċ*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-idejn, dirgħajn, saqajn u għekiesi għandu jkuu ta' 500 mSv f'sena.

TAQSIMA 3

Nisa ta' kapaċità riproduttiva

(1) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi hawn fuq, il-limitu tad-doża ekwivalenti għaż-żaqq tan-nisa b'kapaċità riproduttiva li jkunu fuq ix-xogħol, u li tkun id-doża ekwivalenti minn radjazzjoni esterna li tirriżulta minn espożizzjoni għar-radjazzjoni ionizzanti medja fiż-żaqq, għandu jkun ta' 13 mSv fi kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' tliet xhur.

(2) Malli mara tqila tinforma lill-impriża, skond ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post taa-Xogħol, bil-kondizzjoni tagħha, il-protezzjoni tat-tarbija li tkun ser titwieled għandha tkun komparabbli ma' dik mogħtija lill-membri tal-pubbliku. Il-kondizzjonijiet għall-mara tqila fil-kuntest ta' l-impjieg tagħha għandhom għaldaqstant ikunu tali li d-doża ekwivalenti għat-tarbija li tkun ser titwieled tkun baxxa kemm jista' raġonevolment jintlaħaq u li ma jkunx probabbli li din id-doża taqbeż 1 mSv waqt ta' l-inqas il-bqija tat-tqala.

(3) Malli mara li tredda tinforma lill-impriża, skond ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol, bil-kondizzjoni tagħha, hija m'għandhiex tiġi mqabbda tagħmel xogħol li l-1/20 tal-limitu annwali ta' inġestjoni (*ALI*) ma jinqabisx.

TAQSIMA 4

Persuni Oħra

(1) Mingħajr ħsara għall-paragrafu (2), għall-iskopijiet tar-regolament 22(1) il-limitu fuq id-doża effettiva attribwita lill-prattika jew attività ta' xogħol, għal kwalunkwe persuna li mhix ħaddiem jew apprendist, inklużi persuni taħt is-16-il sena, għandu jkun ta' 1 mSv f'sena kalendarja.

(2) Il-paragrafu (1) m'għandux japplika fejn jidħlu persuni (li ma jkunux

persuni li jikkonfortaw u jieħdu ħsieb) li jistgħu jkunu esposti għar-radjazzjoni ionizzanti li tirriżulta mill-esposizzjoni medika ta' ħaddieħor u f'dan il-każ il-limitu fuq id-doża effettiva għall-persuna għandu jkun ta' 5 mSv fi kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' 5 snin kalendarji.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2:

(*a*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għal-lenti tal-għajn għandu jkun ta' 15 mSv f'sena kalendarja;

(*b*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-ġilda għandu jkun ta' 50 mSv medja fuq 1 $ċm^2$ f'sena kalendarja, irrispettivament mill-arja esposta;

(*ċ*) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-idejn, id-dirgħajn, is-saqajn u l-għekiesi għandu jkun ta' 50 mSv f'sena kalendarja:

Iżda, il-limiti tad-doża mill-prattiċi rilevanti kollha m'għandhomx japplikaw għall-ebda waħda mill-espożizzjonijict li ġejjin:

(*a*) espożizzjoni ta' individwi bħala parti mid-djanjożi jew trattament mediku tagħhom stess;

(*b*) espożizzjoni ta' individwi li bl-għarfien u volontarjament jgħinu (barra bħala parti mix-xogħol tagħhom) fl-appoġġ u l-komfort lil pazjenti li jkunu għaddejjin minn djanjożi jew trattament mediku. Id-doża lil min jgħin jew iżur lill pazjenti trid tkun limitata sabiex id-doża tiegħu ma taqbisx il-5 mSv waqt il-perjodu ta' l-eżami jew trattatment tal-pazjent. Id-doża lit-tfal li jkunu jżuru pazjenti li jkunu inġestaw materjal radjoattiv, tkun limitata għal 1 mSv;

(*ċ*) espożizzjoni ta' voluntiera li jkunu qegħdin jipparteċipaw fi programmi ta' riċerka medika u biomedika.

(4) Limitazzjoni tad-doża ġenerika:

B'relazzjoni għar-regolament 21, il-limitazzjoni tad-doża ġenerika tad-doża effettiva, applikabbli għall-prattika jew attività ta' xogħol waħda u għad-doża medja ta' individwi fi grupp kritiku tal-pubbliku, tkun ta' 0.25 mSv fis-sena.

---

IR-RABA' SKEDA

Regolament 38(4)

DETTALJI LI GĦANDHOM JITNIŻŻLU FIR-REĠISTRU TAR-RADJAZZJONI

1. In-numru tas-serje individwali tar-reġistru.

2. Dikjarazzjoni li dak ir-reġistru ġie approvat mill-Bord għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

3. Data tal-ħruġ tar-reġistru mis-servizz dożimetriku approvat.

4. L-isem, in-numru tat-telefon u marka ta' attestament tas-servizz dożimetriku approvat.

5. L-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u tat-*telex*/*fax* ta' min iħaddem.

6. L-isem sħiħ (isem, kunjom), data tat-twelid, sess u n-numru tal-karta ta' l-identità u/jew in-numru tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiem barrani li lilu nħareġ ir-reġistru.

7. Data ta’ l-aħħar vista medika tal-ħaddiem barrani u l-klassifikazzjoni rilevanti fir-*record* tas-saħħa miżmum taħt ir-regolament 44 bħala b’saħħtu, b’saħħtu għal xi kondizzjonijiet (li għiandhom ikunu speċifikati) jew mhux b’saħħtu.

8. Il-limiti tad-doża rilevanti applikabbli għall-ħaddiem barrani li lilu jkun inħareġ ir-reġistru.

9. L-evalwazzjoni tad-doża kumulattiva f’mSv għas-sena kurrenti għall-ħaddiem barrani, esterna (fuq il-ġisem sħiħ, organu jew *tissues*) u/jew interna kif xieraq u d-data tat-tmiem ta’ l-aħħar perjodu ta’ evalwazzjoni.

10. Fejn jidħlu servizzi mwettqa mill-ħaddiem barrani:

(*a*) l-isem u l-indirizz ta’ min iħaddem responsabbli għall-postijiet ikkontrollati;

(*b*) il-perjodu kopert bil-prestazzjoni tas-servizzi;

(ċ) informazzjoni dwar id-doża stmata, li għandha tkun, kif xieraq:

(i) stima ta’ kwalunkwe doża effettiva fuq il-ġisem kollu f’mSv meħuda mill-ħaddiem barrani;

(ii) f’każ ta’ espożizzjoni mhux uniformi, stima tad-doża ekwivalenti f’mSv fuq l-organi u *tissues*, kif xieraq; u

(iii) f’każ ta’ kontaminazzjoni radjoattiva interna, stima ta’ l-attivita meħuda jew id-doża kommessa.

---

## IL-ĦAMES SKEDA

Regolament 45

DETTALJI LI GĦANDHOM JINŻAMMU F’*RECORD* TAS-SAĦĦA

Id-dettalji li ġejjin għandhom jinżammu f’*record* tas-saħħa magħmul għall-iskopijiet tar-regolament 45:

(*a*) id-dettalji tal-ħaddiem:

(i) isem sħiħ;

(ii) sess;

(iii) data tat-twelid;

(iv) indirizz permanenti u;

(v) n-numru tal-karta ta’ l-identità u/jew in-numru tas-Sigurtà Soċjali;

(*b*) id-data tal-bidu tal-ħaddiem bħala persuna klassifikata fl-impjieg preżenti;

(*ċ*) in-natura ta’ l-impjieg tal-ħaddiem;

(*d*) fil-każ ta’ ħaddiem mara, dikjarazzjoni dwar jekk hux probabbli li tirċievi f’xi perjodu konsekuttiv ta’ tliet xhur doża ekwivalenti ta’ radjazzjoni ionizzanti għaż-żaqq li taqbeż it-13 mSv;

(*e*) id-data ta’ l-aħħar eżami mediku jew vista tas-saħħa mwettqa fuq il-ħaddiem;

(*f*) it-tip ta’ l-aħħar eżami mediku jew vista tas-saħħa mwettqa fuq il-ħaddiem;

(*g*) dikjarazzjoni mill-prattikant mediku approvat jew mis-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat magħmula wara l-aħħar eżami mediku jew vista tas-saħħa mwettqa fuq il-ħaddiem li jikklassifikaw il-ħaddiem bħala b'saħħtu, b'saħħtu suġġett għal xi kondizzjonijiet (li għandhom ikunu speċifikati) jew mhux b'saħħtu;

(*h*) fil-każ ta' ħaddiem mara li lilha tkun saret dikjarazzjoni taħt il-paragrafu (*d*) li tgħid li hija probabbli tirċievi f'xi perjodu konsekuttiv ta' tliet xhur doża ekwivalenti ta' radjazzjoni ionizzanti għaż-żaqq li taqbeż it-13 mSv, dikjarazzjoni mill-prattikant mediku approvat jew mis-servizz tas-saħħa fuq il-post tar-xogħol approvat li tiċċertifika jekk fl-opinjoni professjonali tiegħu il-ħaddiem għandhiex tkun suġġetta għal-limitu ta' doża addizzjonali speċifikat fil-paragrafu (1) tat-Taqsima 3 tat-Tielet Skeda;

(*i*) fejn jidħol kull eżami mediku jew vista tas-saħħa, l-isem u l-firrna tal-prattikant mediku approvat jew tas-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol;

(*j*) l-isem u l-indirizz tas-servizz dożimetriku approvat li miegħu jkunu saru arranġamenti għaż-żamma ta' *record* tad-doża skond ir-regolament 38.

---

## IS-SITT SKEDA

Regolament 5

### KONVENZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI FIŻIKA TA' MATERJAL NUKLEARI

Preambolu

L-ISTATI PARTIJIET F'DIN IL-KONVENZJONI,

Filwaqt li jirrikonoxxu d-dritt ta' l-Istati kollha li jiżviluppaw u japplikaw enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi u l-interessi leġittimi tagħhom fil-benefiċċji potenzjali li jistgħu jieħdu mill-applikazzjoni paċifika ta' l-enerġija nukleari,

Konvinti mill-bżonn li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali fl-applikazzjoni paċifika ta' l-enerġija nukleari,

Xewqana li jwarrbu l-perikli potenzjali minħabba t-teħid u l-użu illegali ta' materjal nukleari,

Konvinti li reati relatati ma' materjal nukleari huma kwistjoni ta' interess gravi u li hemm bżonn urġenti li jiġu addattati miżuri xierqa u effettivi sabiex jiżguraw il-prevenzjoni, is-sejba u l-ikkastigar ta' dawn ir-reati,

Konxji mill-bżonn ta' kooperazzjoni internazzjonali li twaqqaf, konformi mal-liġi nazzjonali ta' kull Stat Parti u ma' din il-Konvenzjoni, miżuri effettivi għall-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari,

Konvinti li din il-Konvenzjoni għandha tiffaċilita t-trasferiment mingħajr periklu ta' materjal nukleari,

Waqt li jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari fl-użu, ħażna u trasport domestiku,

Waqt li jirrikonoxxu l-importanza ta' protezzjoni fiżika effettiva ta' materjal nukleari użat għal skopijiet militari, u jifhmu li dan il-materjal għandu u ser ikompli

jingħata protezzjoni fiżika stretta,

Qablu dwar dan li ġej:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta’ din il-Konvenzjoni:

a. "maqterjal nukleari" tfisser plutonju għajr dak b’konċentrazzjoni iżotopika ta’ iktar minn 80% fi plutonju-238, uranju-233, uranju mogħni fl-iżotop 235 jew 233, uranju li fih taħlita ta’ iżotopi kif jidhru fin-natura għajr dawk fil-forma ta’ minerali jew fdal tal-minerali, kwalunkwe materjal li fih wieħed jew aktar minn dawn,

b. "uranju mogħni fl-iżotop 235 jew 233" tfisser uranju li fih l-iżotop 235 jew 233 jew it-tnen f’ammont li l-proporzjon ta’ l-abbundanza tas-somma ta’ dawn l-iżotopi ma’ l-iżotop 238 ikun ikbar mill-proporzjon ta’ l-iżotop 235 ma’ l-iżotop 238 li jidher fin-natura,

ċ. "trasport internazzjonali nukleari" tfisser il-ġarr ta’ konsenja ta’ materjal nukleari b’kwalunkwe mezz ta’ trasport maħsub li jmur lil hinn mit-territorju ta’ l-Istat li minnu joriġina l-imbarkar li jibda bit-tluq minn faċilità ta’ min jittrasporta f’dak l-Istat u jispiċċa bil-wasla fil-faċilità ta’ min jirċievi fl-Istat tad-destinazzjoni finali.

Artikolu 2

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika għal materjal nukleari użat għal skopijiet paċitiċi waqt it-trasport internazzjonali nukleari.

2. Bl-eċċezzjoni ta’ l-artikoli 3 u 4 u l-paragrafu 3 ta’ l-artikolu 5, din il-Konvenzjoni għandha tapplika wkoll għal materjal nukleari użat għal skopijiet paċifiċi waqt l-użu, l-ħażna u t-trasport domestiku.

3. Barra r-rabtiet li l-Istati Partijiet espressament daħlu għalihom fl-artikoli koperti bil-paragrafu 2 fejn jidħol materjal nukleari użat għal skopijiet paċifiċi waqt l-użu, il-ħażna u t-trasport domestiku, xejn f’din il-Konvenzjoni m’għandu jiġi interpretat li jaffettwa d-drittijiet sovrani ta’ Stat fejn jidħlu l-użu, il-ħażna u t-trasport domestiku ta’ materjal nukleari bħal dan.

Artikolu 3

Kull Stat Parti għandu jieħu l-passi xierqa fil-qafas tal-liġi nazzjonali tiegħu u konsistenti mal-liġi internazzjonali sabiex jiżgura sa fejn huwa prattikabbli li, waqt it-trasport internazzjonali nukleari, materjal nukleari fit-territorju tiegħu, jew abbord vapur jew ajruplan taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu fejn dak il-vapur jew ajruplan ikun qiegħed jittrasporta minn jew lejn dak l-Istat, ikun protett fuq il-livelli deskritti fl-Anness I.

Artikolu 4

1. L-ebda Stat Parti m’għandu jesporta jew jawtorizza l-esportazzjoni ta’ materjal nukleari sakemm l-Istat Parti ma jkunx irċieva assikurazzjonijiet li dak il-materjal ikun protett waqt it-trasport internazzjonali nukleari fuq il-livelli deskritti fl-Anness I.

2. L-ebda Stat Parti ma għandu jimporta jew jawtorizza l-importazzjoni ta’ materjal nukleari minn Stat mhux parti f’din il-Konvenzjoni sakemm l-Istat Parti ma jkunx irċieva assikurazzjonijiet li dak il-materjal ikun protett waqt it-trasport internazzjonali nukleari fuq il-livelli deskritti fl-Anness I.

3. Stat Parti m’għandux jippermetti tranżitu ta’ materjal nukleari mit-territorju

tiegħu fuq l-art jew fil-kanali interni jew mill-ajruporti u l-portijiet tiegħu bejn Stati li mhumiex partijiet f'din il-Konvenzjoni sakemm l-Istat Parti ma jkunx irċicva assikurazzjonijiet li dak il-materjal ikun protett waqt it-trasport internazzjonali nukleari fuq il-livelli deskritti fl-Anness I.

4. Kull Stat Parti għandu japplika, fil-qafas tal-liġijiet nazzjonali tiegħu, il-livelli ta' protezzjoni fiżika deskritta fl-Anness I għal materjal nukleari li jkun trasportat minn parti għall-oħra ta' l-istess Stat mill-ibħra jew spazju ta' l-ajru internazzjonali.

5. L-Istat Parti responsabbli li jirċievi assikurazzjonijict li l-materjal nukleari jkun protett fuq il-livelli deskritti fl-Anness 1 skond il-paragrafi 1 sa 3 għandu jidentifika u jinforma minn qabel lill-Istati li minnhom il-materjal nukleari jkun mistenni jgħaddi fuq l-art jew f'kanali interni jew li fl-ajruporti u l-portijiet tagħhom il-materjal ikun mistenni jidħol.

6. Ir-responsabbilità għall-ksib ta' assikurazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tista' tkun trasferita, bi qbil reċiproku, lill-Istat Parti involut fit-trasport bħala l-Istat ta' l-importazzjoni.

7. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jiġi interpretat li b'xi mod jaffettwa s-sovranità territorjali u l-ġurisdizzjoni ta' Stat, inklużi dawk fuq l-ispazju ta' l-ajru u l-ibħra territorjali.

Artikolu 5

1. L-Istati Partijiet għandhom jidentifikaw u jinfurmaw lil xulxin direttament jew permezz ta' l-Aġenzija għall-Enerġija Atomika Internazzjonali bl-awtorità ċentrali tagħhom u l-punt ta' kuntatt li jkollhom ir-responsabbilità tal-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari u għall-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet ta' rkupru u rispons fil-każ ta' xi tneħħija, użu jew bdil mhux awtorizzat ta' materjal nukleari jew fil-każ ta' theddida kredibbli dwar dan.

2. F'każ ta' serq jew teħid illegali ieħor ta' materjal nukleari jew ta' theddida kredibbli dwar dan, l-Istati Partijiet għandhom, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, jipprovdu kooperazzjoni u assistenza kemm jistgħu fl-irkupru u l-protezzjoni ta' dan il-materjal lil kwalunkwe Stat li jitlob dan. Partikolarment:

a. Stat Parti għandu jieħu l-passi xierqa sabiex jinforma lil Stati oħra kemm jista' jkun malajr, li jidhru li jkunu konċernati, b'xi serq jew teħid illegali ieħor ta' materjal nukleari jew theddida kredibbli dwar dan u li jinfurmaw, fejn xieraq, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

b. kif xieraq, l-Istati Partijiet kkonċernati għandhom jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bl-iskop li jipproteġu materjal nukleari mhedded, u jivverifikaw l-integrità tal-kontenitur ta' l-imbarkazzjoni, jew jirkupraw materjal nukleari meħud illegalment u għandhom:

   i. jikkoordinaw l-isforzi tagħhom permezz ta' kanali diplomatiċi u oħrajn miftiehma,

   ii. jagħtu għajnuna jekk din tkun mitluba,

   iii. jiżguraw li materjal nukleari misruq jew nieqes jiġi rritornat bħala konsegwenza ta' l-okkorrenzi msemmija hawn fuq.

Il-mezzi ta' l-implimentazzjoni ta' din il-kooperazzjoni għandhom ikunu ddeterminati mill-lstati Partijiet ikkonċernati.

3. L-Istati Partijiet għandhom jikkooperaw u jikkonsultaw lil xulxin kif xieraq direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bl-iskop li jiksbu

gwida dwar id-disinn, manutenzjoni u titjib ta' sistemi ta' protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari fit-trasport internazzjonali.

Artikolu 6

1. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa konsistenti mal-liġi nazzjonali tagħhom sabiex jipproteġu l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jirċievu bil-kunfidenza permezz tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni mingħand Stat Parti ieħor jew permezz ta' parteċipazzjoni f'attività mwettqa għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Jekk l-Istati Partijiet jipprovdu l-informazzjoni lil organizzazzjonijiet internazzjonali bil-kunfidenza, għandhom jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat li l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni tkun protetta.

2. B'din il-Konvenzjoni l-Istati Partijiet m'għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni li huma mhumiex permessi jikkomunikaw skond il-liġi nazzjonali jew li tipperikola s-sigurtà ta' l-Istat ikkonċernat jew il-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari.

Artikolu 7

Li wieħed jikkommetti:

a. att mingħajr awtorità skond il-liġi li jikkostitwixxi l-irċevuta, l-pussess, l-użu, it-trasferiment, il-bidla, ir-rimi jew it-telf ta' materjal nukleari u li jkkawża jew ikun probabbli li jkkawża mewt jew korriment serju lil xi persuna jew dannu sostanzjali tal-proprjetà;

b. serq ta' materjal nukleari;

ċ. serq jew ksib b'mod frawdolenti ta' materjal nukleari;

d. att li jikkostitwixxi domanda għal materjal nukleari b'theddida jew l-użu tal-forza jew b'xi forma oħra ta' intimidazzjoni;

e. theddida:

    i. li tuża materjal nukleari sabiex tikkawża l-mewt jew korriment serju ta' persuna jew dannu sostanzjali tal-proprjetà; jew

    ii. li jikkommetti reat deskritt fis-subparagrafu (b) sabiex iġiegħel persuna naturali jew legali, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat iwettaq jew jonqos li jwettaq kwalunkwe att;

f. attentat li tikkommetti kwalunkwe reat deskritt fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ); u

g. att li jikkostitwixxi parteċipazzjoni f'reat deskritt fil-paragrafi (a) sa (f)

għandu jitqies bħala reat deskritt minn kull Stat Parti taħt il-liġi nazzjonali tiegħu.

Kull Stat Parti għandu jagħmel ir-reati deskritti f'dan l-artikolu tali li jistħoqqilhom kastig xieraq li jieħu in konsiderazzjoni n-natura gravi tagħhom.

Artikolu 8

1. Kull Stat Parti għandu jieħu l-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati stipulati fl-artikolu 7 fil-każijiet li ġejjin:

a. meta r-reat deskritt ikun kommess fit-territorju ta' dak l-Istat jew abbord vapur jew ajruplan irreġistrat f'dak l-Istat,

b. meta l-allegat akkużat ikun persuna ta' nazzjonalità ta' dak l-Istat.

2. Kull Stat Parti għandu wkoll jieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji

sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq dawn ir-reati f'każi fejn l-allegat akkużat ikun preżentat fit-territorju tiegħu u ma jestradixxihx skond l-artikolu 11 lejn xi wieħed mill-Istati msemmija fil-paragrafu 1.

3. Din il-Konvenzjoni ma teskludix ġurisdizzjoni kriminali eżerċitata skond il-liġi nazzjonali.

4. Barra l-Istati Partijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, kull Stat Parti jista', skond id-dritt internazzjonali, jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati stipulati fl-artikolu 7 meta jkun involut fi trasport nukleari internazzjonali bħala l-Istat ta' l-esportazzjoni jew ta' l-importazzjoni.

Artikolu 9

Jekk ikun sodisfatt li ċ-ċirkostanzi jiggarantixxu dan, l-Istat Parti li fit-territorju tiegħu jkun preżenti l-allegat akkużat għandu jieħu l-miżuri xierqa, inkluża detenzjoni, taħt il-liġi nazzjonali tiegħu sabiex jiżgura l-preżenza tiegħu għal skop ta' prosekuzzjoni jew estradizzjoni. Miżuri meħuda skond dan l-artikolu għandhom ikunu notifikati mingħajr dewmien lill-Istati li jkollhom jistabbilixxu ġurisdizzjoni skond l-artikolu 8 u, fejn xieraq, lill-Istati l-oħrajn kollha kkonċernati.

Artikolu 10

L-Istat Parti li fit-territorju tiegħu jkun preżenti l-allegat akkużat għandu, jekk ma jestradixxihx, jissottometti l-każ, mingħajr l-ebda eċċezzjoni u mingħajr dewmien żejjed, quddiem l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għal skop ta' prosekuzzjoni, permezz ta' proċedimenti skond il-liġijiet ta' dak l-Istat.

Artikolu 11

1. Ir-reati fl-artikolu 7 għandhom jitqiesu inklużi bħala reati li għalihom tingħata estradizzjoni fi kwalunkwe trattat ta' estradizzjoni li jeżisti bejn l-Istati Partijiet. Stati Partijiet iwegħdu li jinkludu dawk ir-reati bħala reati li għalihom tingħata estradizzjoni f'kull trattat ta' estradizzjoni konkluż bejniethom fil-futur.

2. Jekk Stat Parti li jagħmel l-estradizzjoni kondizzjonali fuq l-eżistenza ta' trattat jirċievi talba għall-estradizzjoni minn Stat Parti ieħor li miegħu ma jkollux trattat ta' estradizzjoni, dan jista' fuq l-għażla tiegħu jikkunsidra din il-Konvenzjoni bħala l-bażi legali għall-estradizzjoni fejn jidħlu dawk ir-reati. L-estradizzjoni għandha tkun mingħajr ħsara għall-kondizzjonijiet l-oħra stipulati bil-liġi ta' l-Istat li jirċievi t-talba.

3. Stati Partijiet li ma jagħmlux l-estradizzjoni kondizzjonali fuq l-eżistenza ta' trattat għandhom jirrikonoxxu bejniethom dawk ir-reati bħala reati li għalihom tingħata estradizzjoni mingħajr ħsara għall-kondizzjonijiet stipulati bil-liġi ta' l-Istat li jirċievu t-talba.

4. Kull reat għandu jiġi trattat, għal skop ta' estradizzjoni bejn Stati Partijiet, bħallikieku ġie mwettaq mhux biss fil-post fejn ġara iżda wkoll fit-territorji ta' l-Istati Partijiet li għandhom jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom skond il-paragrafu 1 ta' l-artikolu 8.

Artikolu 12

Kull persuna li tkun għaddejja minn proċedimenti in konnessjoni ma' xi wieħed mir-reati stipulati fl-artikolu 7 għandha tkun garantita trattament ġust fl-istadji kollha tal-proċedimenti.

Artikolu 13

1. L-Istati Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin l-akbar għajnuna in konnessjoni ma' proċedimenti kriminali miġjuba għar-reati stipulati fl-artikolu 7, inkluż l-għoti

ta' evidenza li jkollhom għad-disposizzjonii tagħhom neċessarja għall-proċedimenti. Il-liġi ta' l-Istat li jirċievi t-talba għandha tapplika fil-każijiet kollha.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx jaffettwaw l-obbligi taħt xi trattat ieħor, bilaterali jew multilaterali, li jirregola jew li ser jirregola, totalment jew parzjalment, l-għajnuna reċiproka fi kwistjonijiet kriminali.

Artikolu 14

1. Kull Stat Parti għandu jinforma lid-depożitarju bil-liġijiet u r-regolamenti tiegħu li jagħtu effett lil din il-Konvenzjoni. Id-depożitarju għandu jikkomunika din l-informazzjoni perjodikament lill-Istati Partijiet kollha.

2. L-Istat Parti fejn allegat akkużat ikun imħarrek għandu, kull fejn ikun prattikabbli, l-ewwel jikkomunika r-riżultat tal-proċedimenti lill-Istati kkonċernati direttament. L-Istat Parti għandu wkoll jikkomunika r-riżultat finali lid-depożitarju li għandu jinforma lill-Istati kollha.

3. Fejn reat jinvolvi materjal nukleari użat għal skopijiet paċifiċi fl-użu, ħażna jew trasport domestiku, u kemm l-allegat akkużat u kemm il-materjal nukleari jibqgħu fit-territorju ta' l-Istat Parti li fih ikun sar ir-reat, xejn f'din il-Konvenzjoni m'għandu jiġi interpretat li jirrikjedi lill-Istat Parti li jipprovdi informazzjoni li tikkonċerna proċedimenti kriminali li joħorġu minn dak ir-reat.

Artikolu 15

L-Annessi jagħmlu parti integrali minn din il-Konvenzjoni.

Artikolu 16

1. Għandha titlaqqa konferenza ta' l-Istati Partijiet mid-depożitarju ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni sabiex tirrevedi l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-adegwatezza tagħha fejn jidħol il-preambolu, il-parti operattiva kollha u l-annessi fid-dawl tas-sitwazzjoni prevalenti ta' dak iż-żmien.

2. Mhux inqas minn kull ħames snin wara dan, il-maġġoranza ta' l-Istati Partijiet jistgħu jiksbu, billi jissottomettu proposta għal dan il-għan lid-depożitarju, it-tlaqqiegħ ta' iktar konferenzi bl-istess għan.

Artikolu 17

1. F'każ ta' tilwima bejn żewġ Partijiet jew aktar li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, dawk l-Istati Partijiet għandhom jikkollsultaw bi skop li jintlaħaq ftehim permezz ta' negozjati, jew b'xi mezz paċifiku ieħor ta' riżoluzzjoni aċċettabbli tat-tilwim mill-partijiet kollha fit-tilwima.

2. Kull tilwima ta' dan it-tip li ma tkunx tista' tiġi riżolta bil-mod stipulat fil-paragrafu 1 għandha, fuq it-talba ta' kwalunkwe parti fit-tilwima, tiġi sottomessa għall-arbitraġġ jew referita quddiem il-Qorti tal-Gustizzja Internazzjonali għal deċiżjoni. Meta tilwima tkun sottomessa għall-arbitraġġ, jekk fi żmien sitt xhur mid-data tat-talba, il-partijiet fit-tilwima ma jkunux jistgħu jaqblu dwar l-organizzazzjoni ta' l-arbitraġġ, parti tista' titlob lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja Internazzjonali jew lis-Segretarju Ġenerali tal-Gnus Magħquda sabiex jaħtru arbitru, wieħed jew aktar. F'każ ta' konflitt fit-talbiet mill-partijiet fit-tilwima, it-talba lis-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda għandja tingħata prijorità.

3. Kull Stat Parti jista' meta jiffirma, jirratifika, jaċċetta jew japprova din il-Konvenzjoni jew meta jissieħeb fiha jiddikjara li ma jikkunsidrax lilu nnifsu marbut b'xi waħda mill-proċeduri tar-riżoluzzjoni tat-tilwim, jew mit-tnejn li huma, stipulati fil-paragrafu 2. L-Istati Partijiet l-oħra m'għandhomx ikunu marbuta bi

proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim stipulati fil-paragrafu 2, fejn jidħol dak l-Istat Parti li għamel riżerva għal dik il-proċedura.

4. Kull Stat Parti li jkun għamel riżerva skond il-paragrafu 3 jista' jirtira dik ir-riżerva fi kwalunkwe ħin b'notifika lid-depożitarju.

Artikolu 18

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-firma ta' l-Istati kollha fil-Kwartieri ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika fi Vjenna u fil-Kwartieri tal-Ġnus Maqgħquda fi New York mit-3 ta' Marzu 1980 sad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Din il-Konvenzjoni hija suġġetta għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni ta' l-Istati firmatarji.

3. Wara d-dħul fis-seħħ tagħha, din il-Konvenzjoni ser tkun miftuħa għas-sħubija ta' l-Istati kollha.

4. a) Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-firma jew is-sħubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni jew ta' natura oħra, sakemm kull organizzazzjoni tkun magħmula minn Stati sovrani u jkollha kompetenza fcjn jidħlu negozjati, konklużjoni u applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali fi kwistjonijiet koperti b'din il-Konvenzjoni.

b) Fi kwistjonijiet fil-kompetenza tagħhom, dawn l-organizzazzjonijiet għandhom, f'isimhom stess, jeżerċitaw id-drittijict u jaqdu r-responsabbilitajiet li din il-Konvenzjoni tattribwixxi lill-Istati Partijiet.

c) Meta ssir parti f'din il-Konvenzjoni organizzazzjoni għandha tgħarraf lid-depożitarju b'dikjarazzjoni li tindika liema Stati huma membri tagħha u liema artikoli minn din il-Konvenzjoni ma japplikawx għaliha.

d) Organizzazzjoni m'għandux ikollha vot addizzjonali ma' dawk ta' l-Istati Membri.

L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija għandhom ikunu ddepożitati mad-depożitarju.

Artikolu 19

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data tad-depożitu tal-wieħed u għoxrin strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni mad-depożitarju.

2. Għal kull Stat li jirratifika, jaċċetta, japprova jew jissieħeb fil-Konvenzjoni wara d-data tad-depożitu tal-wieħed u għoxrin strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin ġurnata wara d-depożitu ta' dak l-Istat ta' l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija.

Artikolu 20

1. Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 16 Stat Parti jista' jipproponi emendi għal din il-Konvenzjoni. L-emendi proposti għandhom ikunu sottomessi lid-depożitarju li għandu jiċċirkulhom immedjatament lill-Istati Partijict. Jekk maġġoranza ta' Stati Partijiet jitolbu lid-depożitarju biex ilaqqgħa konferenza sabiex jikkunsidra l-emendi proposti, id-depożitarju għandu jistieden lill-Istati Partijiet kollha sabiex jattendu għal din il-konferenza li m'għandhiex issir qabel tletin ġurnata minn wara li jkunu ħarġu l-inviti. Kwalunkwe emenda adottata fil-konferenza minn maġġoranza ta' żewġ terzi ta' l-Istati Partijiet kollha għandha tkun

iċċirkolata mill-ewwel mid-depożitarju lill-Istati Partijiet.

2. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat Parti li jiddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta' l-emenda fit-tletin ġurnata wara d-data li fiha żewġ terzi ta' l-Istati Partijiet ikunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni mad-depożitarju. Minn hemm 'il quddiem, l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat Parti ieħor fil-ġurnata li fiha dak l-Istat Parti jiddepożita l-istrumcnt ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta' l-emenda.

Artikolu 21

1. Kwalunkwe Stat Parti jista' jirrifjuta din il-Konvenzjoni permezz ta' notitika bil-miktub lid-depożitarju.

2. Ir-rifjut għandu jsir effettiv mija u tmenin ġurnata wara d-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva notifika.

Artikolu 22

Id-depożitarju għandu jinforma lill-Istati kollha mill-ewwel:

a) b'kull firma ta' din il-Konvenzjoni,

b) b'kull dcpożitu ta' strument ta' ratfika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew sħubija,

ċ) b'kull riżerva jew irtirar skond l-artikolu 17,

d) b'kull komunikazzjoni magħmula minn organizzazzjoni skond il-paragrafu 4(ċ) ta' l-artikolu 18,

e) bid-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni,

f) bid-dħul fis-sċħħ ta' xi emenda għal din il-Konvenzjoni, u

g) b'xi rifjut magħmul taħt l-artikolu 21.

Artikolu 23

L-oriġinal ta' din il-Konvenzjoni, li tagħha l-Għarbi, iċ-Ċiniż, l-Ingliż, il-Franċiż, ir-Russu u l-Ispanjol huma ugwalment awtentiċi, għandu jiġi ddepożitat mad-Direttur Ġenerali ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika li għandu jibgħat kopji attestati tagħha lill-Istati kollha.

Is-Sitt Skeda: Anness I

Livelli ta' Protezzjoni Fiżika li għandha tiġi applikata fit-Trasport Internazzjonali ta' Materjali Nukleari kif kategorizzati fl-Anness II

1. Livelli ta' protezzjoni fiżika għal materjal nukleari waqt il-ħażna fit-trasport internazzjonali nukleari jinkludu:

a) Għal materjali tal-kategorija III, ħażna f'post li l-aċċess għalih ikun ikkontrollat;

b) Għal materjali tal-Kategorija II, ħażna f'post taħt sorveljanza kontinwa minn gwardjani jew mezzi elettroniċi, imdawwar bi lqugħ fiżiku b'numru limitat ta' punti tad-dħul taħt kontroll xieraq jew kwalunkwe post b'livell ta' protezzjoni fiżika ekwivalenti;

ċ) Għal materjal tal-Kategorija I, ħażna f'post protett kif definit għall-Kategorija II hawn fuq, li għaliha, barra dan, l-aċċess ikun ristrett għal persuni li l-fiduċja fihom tkun ġiet determinata, u li tkun taħt sorveljanza minn gwardjani li jkunu f'komunikazzjoni mill-qrib ma' forzi ta' rispons xierqa. Miżuri speċifiċi meħuda f'dan il-kuntest

għandu jkollhom bħala għan is-sejba u l-prevenzjoni ta' xi assalt, aċċess mhux awtorizzat jew tneħħija ta' materjal mħux awtorizzata.

2. Livelli ta' protezzjoni fiżika għal materjal nukleari waqt għat-trasport internazzjonali nukleari jinkludu:

a) Għal materjali tal-Katcgoriji II u III, it-trasport għandu jsir taħt prekawzjonijiet speċjali li jinkludu arranġamenti minn qabel bejn min jibgħat, rnin jirċicvi u min iġorr, u fteħim minn qabel bejn il-persuni naturali u legali suġġetti għall-ġurisdizzjoni u r-regolamenti ta' l-Istati ta' l-esportazzjoni u ta' l-importazzjoni, fejn ikun speċifikat il-ħin, il-post u l-proċeduri għat-trasferiment tar-responsabbilità tat-trasport;

b) Għal materjali tal-Kategorija I, it-trasport għandu jsir taħt prekawzjonijiet speċjali identifikati hawn fuq għat-trasport ta' materjali tal-Kategoriji II u III, u barra dan, taħt sorveljanza kontinwa minn skorti u taħt kondizzjonijiet li jassiguraw komunikazzjoni mill-qrib ma' forzi ta' rispons xierqa;

ċ) Għall-uranju naturali barra dak fil-forma ta' mineral jew fdal ta' mineral il-protezzjoni tat-trasport għal kwantitajiet li jaqbżu 500 kilogramm ta' uranju għandha tinkludi notifika bil-quddiem ta' l-imbarkazzjoni li tispeċifika l-mod tat-trasport, il-ħin tal-wasla mistenni u konferma tal-wasla ta' l-imbarkazzjoni.

Is-Sitt Skeda: Anness II

Tabella: Kategorizzazzjoni ta' Materjal Nukleari

| Material | Forma | Katcgorija | | |
|---|---|---|---|---|
| | | I | II | III[ċ] |
| 1. Plutonju[a] | Mhux irradjat[b] | 2 kg jew aktar | Inqas minn 2 kg iżda iktar minn 500 g | 500 g jew inqas iżda iktar minn 15 g |
| 2. Uranju-235 | Mhux irradjat[b] uranju mogħni għal 20% $^{235}$U jew aktar | 5 kg jew aktar | Inqas minn 5 kg iżda iktar minn 1 kg | 1 kg jew inqas iżda iktar minn 15 g |
| | uranju mogħni għal 10% $^{235}$U iżda inqas minn 20% | | 10 kg jew aktar | Inqas minn 10 kg iżda iktar minn 1 kg |
| | uranju mogħni iktar minn-naturali, iżda inqas minn 10% $^{235}$U | | | 10 kg jew aktar |
| 3. Uranju-233 | Mhux irradjat[b] | 2 kg jew aktar | Inqas minn 2 kg iżda iktar minn 500 kg | 500 g jew inqas iżda iktar minn 15 g |
| 4. Karburant irradjat | | | Uranju możli jew naturali, torju jew karburant mhux mogħni (inqas minn 10% ta' kontenut fossili)[dc] | |

[a] Il-plutonju kollu ħlief dak b'konċentrazzjoni iżotopika ta' iktar minn 80% fi plutonju-238.

[b] Materjal mhux irradjat f'reattur jew materjal irradjat f'reattur iżda b'livell ta' radjazzjoni ugwali jew inqas minn 100 rad fis-siegħa għal kull metru mhux kopert.

[ċ] Kwantitajiet li ma jaqgħux fil-Kategorija III u uranju naturali għandhom ikunu protetti

skond il-prattika ta' ġestjoni prudenti.

[d] Għalkemm dan il-livell ta' protezzjoni huwa rakkomandat, huwa f'idejn l-Istati, fuq evalwazzjoni taċ-ċirkosatanzi speċifiċi, li jassenjaw kategorija differenti ta' protezzjoni fiżika.

[e] Karburant ieħor li minħabba l-kontenut ta' materjal fissili oriġinali tiegħu huwa klassifikat fil-Kategorija I u II qabel l-irradjazzjoni tista' titnaqqas b'livell ta' kategorija waqt li l-livell ta' radjazzjoni mill-karburant jaqbeż il-100 rad fis-siegħa f'metru mhux kopert.

---

## IS-SEBA' SKEDA

## PROTEZZJONI TA' ĦADDIEMA LI JKUNU QEGĦDIN JGĦAMLU INTERVENT

(1) L-ebda ħaddiem li jkun qiegħed jagħmel intervent ma għandu jkun espost b'aktar mill-limitu tad-doza espożizzjonali tax-xogħol massima singolari għall-sena kif msemmija fit-Tielet Skeda ħlief:

(*a*) għal skop li jsalva il-ħajja jew li jevita korriment gravi; jew

(*b*) jekk ikun qiegħed jagħmel azzjonijiet biex jevita l-izvilupp ta' kondiizzjoni katastrofika.

Meta jkun qiegħed isir intervent taħt dawn is-ċirkostanzi, għandu jsir kull sforz raġonevoli sabiex id-dożi lill-ħaddiema jinżammu darbtejn taħt il-limitu tad-doża massima singolari għal sena, ħlief f'kazi ta' azzjonijiet meħuda biex isalvaw il-ħajja, li f'kaz ta' hekk kull sforz għandu jsir biex id-dożi jinżammu taħt għaxar darbiet il-limitu tad-doża massima singolari għal sena, sabiex jigiu evitati effetti *deterministic* fuq is-saħħa. Barra minn hekk, ħaddiema li qegħdin jieħdu azzjonijiet fejn id-doża tista' tersaq lejn jew taqbeż l-għaxar darbiet il-limitu tad-doża massima singolari, jagħmlu hekk biss meta jkun ċar li l-benefiċċju għal oħrajn ikun aktar mir-riskju għalihom.

(2) Ħaddiema li jwettqu azzjonijiet fejn id-doża tista' taqbeż il-limitu tad-doża massima singolari għal sena ikunu voluntiera u jkunu bil-quddiem informati, ċarament u komprensivament, bir-riskji għas-saħħa assoċjati, u jkunu, sa l-estent fattibbli, mħarrġa fl-azzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa.

(3) Malli l-fażi ta' emerġenza ta' l-intervent tintemm, il-ħaddiema li jkunu jagħmlu xogħol ta' rkuprar, ikunu suġġetti għas-sistema sħiħa ta' rikjesti li dawn ir-regolamenti jispeċifikaw għall-espożizzjoni waqt ix-xogħol.

(4) Jittieħdu l-passi raġoneveli kollha sabiex tiġi pprovduta l-protezzjoni adekwata waqt l-intervent ta' emerġenza, u assessjar u reġistrar separat tad-doża li l-ħaddiema involuti fl-intervent ikunu rċevew. Id-dożi riċevuti matul l-intervent, kif ukoll ir-riskju għas-saħħa assoċjat, ikunu mgħarrfa lill-ħaddiema involuti.

(5) Ħaddiema li jieħdu sehem f'intervent ma jkunux normalment imwaqqfa milli jirċievu espożizzjonijiet mix-xogħol oħrajn minħabba dożi li rċevew waqt l-emerġenza. Madankollu, parir mediku kwalifikat irid jiġi ottjenut qabel ma tittieħed aktar espożizzjoni, jekk ħaddiem ikun irċieva doża li taqbeż l-għaxar darbiet il-limitu tad-doża massima singolari għal sena, jew fuq talba tal-ħaddiem.

---